ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 83

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

22 ta' Marzu 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni** (1) ........ 1

**Prezz: EUR 4**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 231/2013

**tad-19 ta' Diċembru 2012**

**li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 3(6), l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 9(9), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 14(4), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 19(11), l-Artikolu 20(7), l-Artikolu 21(17), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 23(6), l-Artikolu 24(6), l-Artikolu 25(9), l-Artikolu 34(2), l-Artikolu 35(11), l-Artikolu 36(3), l-Artikolu 37(15), l-Artikolu 40(11), l-Artikolu 42(3) u l-Artikolu 53(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/61/UE tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jispeċifikaw, b'mod partikolari, ir-regoli rigward il-kalkolu tal-limitu, l-ingranaġġ, il-kundizzjonijiet tal-operat għall-Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (minn hawn 'il quddiem "AIFMs"), inklużi l-immaniġġjar tar-riskji u l-likwidità, il-valwazzjoni u d-delegi, ir-rekwiżiti bid-dettalji tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tad-depożitarji ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (minn hawn 'il quddiem "AIFs"), regoli dwar it-trasparenza u rekwiżiti speċifiċi relatati ma' pajjiżi terzi. Huwa importanti li dawn ir-regoli kollha ta' supplimentazzjoni jibdew japplikaw fl-istess ħin mad-Direttiva 2011/61/UE sabiex ir-rekwiżiti l-ġodda imposti fuq l-AIFMs ikunu jistgħu effettivament jibdew jithaddmu. Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma interrelatati mill-qrib, peress li jittrattaw l-awtorizzazzjoni, l-operat kontinwu u t-trasparenza tal-AIFMs li jimmaniġġjaw jew, skont il-każ, jikkummerċjalizzaw AIFs fl-Unjoni, li huma aspetti inerenti marbutin mill-qrib ħafna biex jinbeda u jiġi segwit l-eżerċizzju ta' negozju tal-immaniġġjar tal-assi. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni suġġetti għal dawk l-obbligi, inklużi investituri li mhumiex reżidenti fl-Unjoni, huwa mixtieq li jkunu inklużi l-atti ta' delega kollha meħtieġa mid-Direttiva 2011/61/UE f'Regolament wieħed.

(2) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-għanijiet tad-Direttiva 2011/61/UE jinkisbu uniformement fl-Istati Membri kollha, biex tissaħħaħ l-integrità tas-suq intern u toffri ċertezza ġuridika għall-parteċipanti tiegħu, inklużi l-investituri istituzzjonali, l-awtoritajiet kompetenti u partijiet interessati oħra, billi jiġi adottat Regolament. Il-forma ta' Regolament tiżgura qafas koerenti għall-operaturi tas-suq kollha u hija l-aħjar garanzija possibbli għal kundizzjonijiet ugwali, kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni uniformi u standard ta' protezzjoni għall-investituri komuni u xieraq. Barra minn hekk tiżgura l-applikabbiltà diretta ta' regoli uniformi dettaljati dwar l-operat tal-AIFMs, li min-natura tagħhom huma direttament applikabbli u għalhekk ma jeħtiġux aktar traspożizzjoni fil-livell nazzjonali. L-użu ta' regolament jippermetti, barra minn hekk, li jiġi evitat dewmien fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/61/UE fl-Istati Membri.

(3) Peress li r-Regolament Iddelegat jispeċifika l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-"korp tat-tmexxija" u "l-maniġment superjuri", huwa importanti li tiġi ċċarata t-tifsira ta' dawn it-termini, b'mod partikolari l-fatt li korp tat-tmexxija jista' jkun magħmul minn maniġers superjuri. Barra minn hekk, peress li dan ir-Regolament jintroduċi wkoll it-terminu "funzjoni superviżorja" id-definizzjoni tal-korp tat-tmexxija għandha tiċċara li dan huwa l-korp li għandu l-funzjoni maniġerjali fil-każ li l-funzjonijiet superviżorji

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

u maniġerjali jkunu separati skont il-liġi nazzjonali tal-kumpaniji. Id-Direttiva 2011/61/UE teħtieġ li l-AIFMs jipprovdu ċerta informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-perċentwali tal-assi tal-AIF li huma soġġetti għal arranġament speċjali minħabba n-natura illikwida tagħhom. Dan ir-Regolament jiċċara t-tifsira ta' arranġamenti speċjali sabiex l-AIFMs ikunu jafu eżattament x'informazzjoni għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti.

(4) Id-Direttiva 2011/61/UE tipprevedi reġim eħfef applikabbli għal dawk l-AIFMs li jimmaniġġjaw portafolji tal-AIFs li l-assi totali mmaniġġjati tagħhom ma jeċċedux il-limiti rilevanti. Huwa meħtieġ li jiġi speċifikat b'mod ċar kif il-valur totali tal-assi mmaniġjati għandu jiġi kkalkulat. F'dan il-kuntest huwa essenzjali li jiġu definiti l-passi meħtieġa għall-kalkolu tal-valur totali tal-assi, biex jiġi stabbilit biċ-ċar liema assi mhumiex inklużi fil-kalkolu, biex jiġi ċċarat kif l-assi akkwistati permezz tal-użu tal-ingranaġġ għandhom jiġu valwati u biex ikunu pprovduti regoli għall-maniġġ ta' każijiet ta' żamma inkroċjata fost l-AIFs immaniġġjati minn AIFM.

(5) Il-valur totali tal-assi mmaniġġjati jeħtieġ li jiġi kkalkolat mill-inqas darba fis-sena u bl-użu ta' informazzjoni aġġornata. Il-valur tal-assi għandu għalhekk jiġi determinata fit-tnax-il xahar li jippreċedu d-data tal-kalkolu tal-valur totali tal-assi mmaniġġjati u kemm jista' jkun qrib din id-data.

(6) Sabiex jiġi żgurat li AIFM jibqa' eliġibbli biex jibbenefika mir-reġim eħfef previst fid-Direttiva 2011/61/UE, għandu jdaħħal proċedura li tagħmilha possibbli li jiġi osservat fuq bażi kontinwa l-valur totali tal-assi mmaniġġjati. L-AIFM jista' jikkunsidra t-tipi ta' AIFs immaniġġjati u l-klassijiet differenti ta' assi investiti sabiex tkun ivvalutata l-probabbiltà li jinkiser il-limitu jew il-ħtieġa ta' kalkolu addizzjonali.

(7) Fejn AIFM ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet relatati mal-limiti għandu jinnotifika l-awtorità kompetenti tiegħu u japplika għal awtorizzazzjoni fi żmien 30 jum tal-kalendarju. Madankollu, meta f'sena kalendarja partikolari l-limiti jinqabżu jew ma jintlaħqux okkażjonalment biss u dawn is-sitwazzjonijiet jitqiesu li huma temporanji, l-AIFM ma għandux ikun obbligat japplika għall-awtorizzazzjoni. F'dawk il-każijiet, l-AIFM għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bil-ksur tal-limitu, u jispjega għaliex jikkunsidra li dan il-ksur għandu natura temporanja. Sitwazzjoni li ddum aktar minn tliet xhur ma tistax titqies bħala temporanja. Meta jivvaluta l-probabbiltà li sitwazzjoni tkun temporanja, l-AIFM għandu jikkunsidra l-attività antiċipata ta' sottoskrizzjonijiet u tifdijiet jew, fejn applikabbli, il-ġbid u d-distribuzzjoni tal-kapital. L-AIFM ma għandux juża ċ-ċaqliq antiċipat tas-suq bħala parti minn din il-valutazzjoni.

(8) Id-dejta użata mill-AIFMs biex jikkalkulaw il-valur totali tal-assi mmaniġġjati ma hemmx għalfejn tkun disponibbli għall-pubbliku jew l-investituri. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw li l-AIFM qiegħed jikkalkula u jimmonitorja korrettament il-valur totali tal-assi mmaniġġjati, inkluża l-valutazzjoni tal-okkażjonijiet meta l-valur totali tal-assi mmaniġġjati jaqbeż temporanjament il-limitu relevanti u għalhekk għandhom ikollhom aċċess għal din id-dejta fuq talba.

(9) Huwa importanti li l-AIFMs li jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tar-reġim eħfef fid-Direttiva 2011/61/UE jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni aġġornata meta jirreġistraw. Mhux it-tipi kollha ta' AIFMs jistgħu jkollhom dokumenti ta' offerta aġġornati li jirriflettu l-aħħar żviluppi relatati mal-AIFs li jimmaniġġjaw u dawn l-AIFMs jistgħu jsibuha aktar prattika li jispeċifikaw l-informazzjoni mitluba f'dokument separat li jiddeskrivi l-istrateġija tal-investiment tal-fond. Dan jista' jkun il-każ għall-fondi ta' ekwità privata jew ta' kapital ta' riskju li ta' spiss jiġbru flus permezz ta' negozjati ma' investituri potenzjali.

(10) AIF li jipparteċipa biss f'ishma ta' ekwità f'kumpaniji elenkati ma għandux jitqies li qed juża ingranaġġ sakemm l-ishma ta' ekwità ma jiġux akkwistati permezz ta' self. Fejn l-istess AIF jixtri opzjonijiet fuq indiċi ta' ekwità, għandu jitqies li qed juża ingranaġġ, peress li jkun żied l-iskopertura tal-AIF għall-investiment speċifiku.

(11) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-obbligi li AIFM jagħti stampa oġġettiva tal-ingranaġġ użat, huwa neċessarju li jkunu previsti żewġ metodi għall-kalkolu tal-ingranaġġ. Kif jirriżulta minn studji tas-suq, l-aħjar riżultati jistgħu jinkisbu peremzz ta' kombinazzjoni tal-metodi hekk imsejħa 'gross' u 'impenn'.

(12) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-investituri jirċievu informazzjoni xierqa għall-monitoraġġ tar-riskji sistemiċi u biex jiksbu stampa sħiħa tal-użu tal-ingranaġġ mill-AIFM, għandhom jingħataw informazzjoni dwar l-iskopertura ta' AIF, kemm abbażi tal-metodu gross u kif ukoll tal-metodu impenn u għalhekk l-AIFMs kollha għandhom jikkalkulaw l-iskopertura billi jużaw kemm il-metodu gross kif ukoll il-metodu impenn. Il-metodu gross jagħti l-iskopertura kumplessiva tal-AIF filwaqt li l-metodu impenn jitfa' dawl fuq it-tekniki tal-ħeġġing u n-netting użati mill-maniġer; għalhekk dawn iż-żewġ metodi għandhom jidhru flimkien. Speċifikament, il-grad li l-iskopertura kumplessiva tvarja bejn il-metodu gross u l-metodu impenn jista' jipprovdi informazzjoni utli. Jekk meħtieġ biex jiġi żgurat li kwalunkwe żieda fl-iskopertura tal-AIFs tiġi riflessa adegwatament, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati addizzjonali dwar metodu addizzjonali u fakultattiv għall-kalkolu tal-ingranaġġ.

(13) Meta jikkalkula l-iskopertura, il-pożizzjonijiet kollha tal-AIF għandhom inizjalment jiġu inklużi, inklużi l-assi u l-obbligazzjonijiet twal u qosra, it-teħid ta' self, l-istrumenti derivattivi u kwalunkwe metodu ieħor li jżid l-iskopertura fejn ir-riskji u l-benefiċċji tal-assi jew l-obbligazzjonijiet ikunu fuq l-AIF, u l-pożizzjonijiet l-oħra kollha li jiffurmaw il-valur nett tal-assi.

(14) Arranġamenti ta' teħid ta' self li jkun għamel l-AIF għandhom jiġu esklużi jekk ikunu ta' natura temporanja u jirrelataw ma' u huma koperti bis-sħiħ minn impenji kapitali mill-investituri. Faċilitajiet ta' kreditu ċirkolanti ma għandhomx jitqiesu li huma ta' natura temporanja.

(15) Flimkien mal-kalkolu tal-iskopertura bl-użu tal-metodu gross, l-AIFMs kollha għandhom jikkalkolaw l-iskopertura bl-użu tal-metodu impenn. Skont il-metodu impenn, strumenti derivattivi finanzjarji għandhom jiġu kkonvertiti f'pożizzjonijiet ekwivalenti fl-assi sottostanti. Madankollu, jekk AIF jinvesti f'ċerti derivattivi sabiex ipaċi r-riskju tas-suq ta' assi oħra li l-AIF ikun investa fihom, taħt ċerti kondizzjonijiet, dawk id-derivattivi ma għandhomx ikunu kkonvertiti f'pożizzjoni ekwivalenti fl-assi sottostanti peress li l-iskoperturi taż-żewġ investimenti jibbilanċjaw lil xulxin. Dan ikun il-każ fejn, pereżempju, portafoll AIF jinvesti f'ċertu indiċi u jipparteċipa fi strument derivattiv li jpartat il-prestazzjoni ta' dak l-indiċi mal-prestazzjoni ta' indiċi differenti, li għandu jkun ekwivalenti għal parteċipazzjoni fi skopertura għat-tieni indiċi fil-portafoll u għalhekk il-valur nett tal-assi tal-AIF ma jkunx jiddependi fuq il-prestazzjoni tal-ewwel indiċi.

(16) Meta jikkalkolaw l-iskopertura skont il-metodu impenn, derivattivi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jipprovdu l-ebda skopertura inkrementali. Għalhekk, jekk l-AIF jinvesti f'kuntratti ta' indiċi futuri u jipparteċipa f'pożizzjoni tal-flus ugwali għall-valur totali tas-suq sottostanti tal-kuntratti futuri, dan ikun ekwivalenti għal investiment dirett f'ishma tal-indiċi u għalhekk il-kuntratt tal-indiċi futuri ma għandux jitqies għall-fini tal-kalkolu tal-iskopertura tal-AIF.

(17) Fil-kalkolu tal-iskopertura skont il-metodu impenn, l-AIFMs għandhom jitħallew jikkonsidraw l-arranġamenti ta' ħeġġing u netting sakemm jissodisfaw il-kriterji marbuta mal-metodu impenn.

(18) Ir-rekwiżit li l-arranġamenti ta' netting jirreferu għall-istess assi sottostanti għandu jiġi interpretat strettament ħalli l-assi li l-AIFM iqis ekwivalenti jew ikkorrelati ħafna, bħal klassijiet differenti ta' ishma jew bonds maħruġa mill-istess emittent, ma jitqisux bħala identiċi għall-finijiet tal-arranġamenti tan-netting. Id-definizzjoni tal-arranġamenti tan-netting għandha l-għan li tiżgura li jitqies biss dak in-negozjar li jpaċi r-riskji marbuta ma' negozjar ieħor, u ma jħalli l-ebda r-riskju residwu materjali. Kombinazzjonijiet ta' negozjar li għandhom l-għan li jiġġeneraw redditu, żgħir kemm hu żgħir, billi jnaqqsu xi riskji filwaqt li jżommu oħrajn, ma għandhomx jitqiesu bħala arranġamenti ta' netting, kif jiġri bl-istrateġiji tal-arbitraġġ tal-investiment li għandhom l-għan li jiġġeneraw redditu billi jieħdu vantaġġ mid-diskrepanzi fl-ipprezzar bejn strumenti derivattivi bl-istess sottostanti iżda b'maturitajiet differenti.

(19) Prassi tal-immaniġġjar tal-portafoll li timmira li tnaqqas it-tul taż-żmien tar-riskju billi tgħaqqad investiment f'bond b'data twila ma' tpartit ta' rata tal-imgħax jew li tnaqqas it-tul taż-żmien ta' portafoll ta' bond AIF billi tikkonkludi pożizzjoni qasira fuq kuntratti ta' bond futuri li jirrappreżentaw ir-riskju tar-rata tal-imgħax tal-portafoll (tul taż-żmien tal-ħeġġing) għandha titqies bħala arranġament ta' ħeġġing sakemm tikkonforma mal-kriterji tal-ħeġġing.

(20) Prassi tal-immaniġġjar ta' portafoll, li timmira li tpaċi r-riskji sinifikanti marbuta ma' investiment f'portafoll diversifikat sew ta' ishma billi tieħu pożizzjoni qasira f'indiċi futuri f'suq tal-ishma, fejn il-kompożizzjoni tal-portafoll tal-ekwità tkun qrib ħafna għal dik tal-indiċi tal-borża u r-redittu tiegħu kkorrelat ħafna ma' dak tal-indiċi tal-borża u meta l-pożizzjoni qasira fil-indiċi futuri tal-borża tippermetti tnaqqis ċert tar-riskju ġenerali tas-suq u r-riskju speċifiku jkun insinifikanti, bħal ħeġġing beta ta' portfoll tal-ekwità diversifikat sew fejn ir-riskju speċifiku jitqies li huwa insinifikanti, għandha titqies li tikkonforma mal-kriterji tal-ħeġġing.

(21) Prassi tal-immaniġġjar tal-portafoll li timmira li tpaċi r-riskju marbut ma' investiment f'bond b'rata tal-imgħax fissa billi tgħaqqad pożizzjoni twila fuq tpartit ta' inadempjenza ta' kreditu u tpartit tar-rata tal-imgħax li tpartat dik ir-rata ta' imgħax fissa ma' rata ta' imgħax ugwali għal rata referenzjarja xierqa fis-suq tal-flus flimkien ma' firxa, għandha titqies bħala arranġament ħeġġing jekk il-kriterji kollha tal-ħeġġing tal-metodu impenn fil-prinċipju jkunu ssodisfati.

(22) Prassi tal-immaniġġjar tal-portafoll li timmira li tpaċi r-riskju ta' sehem partikolari billi tieħu pożizzjoni qasira permezz ta' kuntratt derivattiv fuq sehem li huwa differenti imma li huwa kkorrelat ħafna mal-ewwel sehem, ma għandhiex titqies li tissodisfa l-kriterji tal-ħeġġing. Għalkemm strateġija bħal din tiddependi fuq li tieħu pożizzjonijiet opposti fuq l-istess klassi ta' assi, din l-istrateġija ma' tiħħeġġjax ir-riskju speċifiku marbut mal-investiment f'ċertu sehem. Għalhekk, din ma għandhiex titqies bħala arranġament ħeġġing kif stabbilit fil-kriterji relatati mal-metodu impenn.

(23) Prassi tal-immaniġġjar tal-portafoll li timmira li żżomm l-alfa ta' basket ta' ishma (magħmul minn għadd limitat ta' ishma) billi tgħaqqad l-investiment f'dak il-basket ta' ishma ma' pożizzjoni qasira aġġustata skont beta f'futuri f'indiċi f'borża, ma għandhiex titqies li tissodisfa l-kriterji

tal-ħeġġing. Strateġija bħal din ma timmirax li tpaċi r-riskji sinifikanti marbuta mal-investiment f'dak il-basket ta' ishma iżda li tpaċi l-beta (riskju tas-suq) ta' dak l-investiment u żżomm l-alfa. Il-parti alfa ta' basket ta' ishma tista' tiddomina fuq il-parti beta u b'hekk twassal għal telf fil-livell tal-AIF. Għal dik ir-raġuni, din ma għandhiex titqies bħala arranġament ta' ħeġġing.

(24) Strateġija ta' arbitraġġ ta' fużjoni hija strateġija li tgħaqqad pożizzjoni qasira f'borża ma' pożizzjoni twila f'borża oħra. Strateġija bħal din għandha l-għan li tiħħeġġja l-beta (riskju tas-suq) tal-pożizzjonijiet u tiġġenera reddittu marbut mal-prestazzjoni relattiva taż-żewġ boroż. Bl-istess mod, il-parti alfa ta' basket ta' ishma tista' tiddomina fuq il-parti beta u b'hekk twassal għal telf fil-livell tal-AIF. Din ma għandhiex titqies bħala arranġament ħeġġing kif stabbiliti fil-kriterji relatati mal-metodu impenn.

(25) Strateġija li timmira li tiħħeġġja pożizzjoni twila f'borża jew bond permezz ta' protezzjoni tal-kreditu mixtrija għall-istess emittent, tirrelata ma' żewġ klassijiet ta' assi differenti u għalhekk ma għandhiex titqies bħala arranġament ħeġġing.

(26) Meta jintużaw metodi li jżidu l-iskopertura ta' AIF, l-AIFM għandu josserva prinċipji ġenerali bħal li jikkunsidra s-sustanza tat-tranżazzjoni minbarra l-forma ġuridika tagħha. Speċifikament fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist, l-AIFM għandu jikkunsidra jekk ir-riskji u l-benefiċċji tal-assi involuti humiex mgħoddija jew miżmuma mill-AIF. L-AIFM għandu wkoll iħares lejn l-istrumenti derivattivi jew l-arranġamenti kontrattwali oħra tal-assi sottostanti biex jiddetermina l-impenji futuri possibbli tal-AIF li jirriżultaw minn dawn it-tranżazzjonijiet.

(27) Peress li l-metodu impenn iwassal biex ir-rati tal-imgħax b'maturitajiet differenti jitqiesu bħala assi sottostanti differenti, l-AIFs li skont il-politika ewlenija ta' investiment tagħhom primarjament jinvestu f'derivattivi tar-rati tal-imgħax jistgħu jużaw regoli tan-netting ta' tul ta' żmien speċifiku sabiex iqisu l-korrelazzjoni bejn segmenti tal-maturità tal-kurva tar-rati tal-imgħax. Meta jistabbilixxi l-politika ta' investiment tiegħu, AIF għandu jkun kapaċi jiddefinixxi l-livell tar-riskju tar-rata tal-imgħax u konsegwentement li jiddetermina t-tul taż-żmien li jimmira għalih. L-AIF għandu jqis il-mira predefinita ta' tul taż-żmien meta jagħmel l-għażliet tal-investiment tiegħu. Meta t-tul taż-żmien tal-portafoll jiżvija mit-tul taż-żmien fil-mira, l-istrateġija ma għandhiex titqies bħala arranġament ta' netting ta' tul ta' żmien kif stabbilit fil-kriterji relatati mal-metodu impenn.

(28) Ir-regoli tan-netting ta' tul ta' żmien jippermettu li jiġu nnettjati pożizzjonijiet twal ma' pożizzjonijiet qosra li l-assi sottostanti tagħhom huma rati ta' imgħax differenti. Il-maturitajiet li jservu bħala limiti tal-meded tal-maturità huma sentejn, seba' snin u 15-il sena. F'kull medda ta' maturità, netting tal-pożizzjonijiet għandu jkun permessibbli.

(29) Netting ta' pożizzjonijiet bejn żewġ meded differenti ta' maturità għandu jkun parzjalment permess. Penalitajiet jridu jiġu applikati għal pożizzjonijiet innettjati ħalli jkun jista' jsir biss netting parzjali. Dawn għandhom jiġu espressi permezz ta' perċentwali li jiddependu fuq il-korrelazzjonijiet medji bejn il-meded tal-maturità għal sentejn, ħames snin, għaxar snin u 30 sena tal-kurva tar-rati tal-imgħax. Itwal ma tkun id-differenza bejn il-maturitajiet tal-pożizzjonijiet, aktar in-netting tagħhom għandu jkun soġġett għal penali, u għalhekk il-perċentwali għandhom jiżdiedu.

(30) Pożizzjonijiet li t-tul taż-żmien immodifikat tagħhom huwa ferm itwal mit-tul taż-żmien immodifikat tal-portfoll kollu mhumiex skont l-istrateġija tal-investiment tal-AIF u ma għandux ikun permess li jiġu ugwaljati bis-sħiħ. Għalhekk, ma għandux ikun aċċettabbli li pożizzjoni qasira ta' maturità ta' 18-il xahar (li tinsab fil-medda Nru 1 ta' maturità) tiġi ugwaljata ma' pożizzjoni b'maturità twila ta' 10 snin (li tinsab fil-medda Nru 3 ta' maturità), jekk it-tul taż-żmien immirat tal-AIF huwa ta' madwar sentejn [2].

(31) Meta jikkalkulaw l-iskopertura, AIFs jistgħu l-ewwel jidentifikaw l-arranġamenti ta' ħeġġing. Id-derivattivi involuti f'dawn l-arranġamenti mbagħad jiġu esklużi mill-kalkolu tal-iskopertura kumplessiva. AIFs għandhom jużaw kalkolu preċiż fl-arranġamenti ta' ħeġġing. L-AIFs ma għandhomx jużaw regoli tan-netting tat-tul taż-żmien fil-kalkolu tal-ħeġġing. Ir-regoli tat-tul taż-żmien tan-netting jistgħu jintużaw sabiex id-derivattivi tar-rati tal-imgħax li jifdal jiġu kkonvertiti fil-pożizzjonijiet tal-assi sottostanti ekwivalenti tagħhom.

(32) Skont id-Direttiva 2011/61/UE, AIFM irid jiżgura li r-riskji tar-responsabbiltà professjonali potenzjali li jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu jkunu koperti kif xieraq jew permezz ta' fondi proprji addizzjonali jew permezz ta' assigurazzjoni ta' indenizz professjonali. Applikazzjoni uniformi ta' din id-dispożizzjoni teħtieġ fehim komuni tar-riskji tar-responsabbiltà professjonali potenzjali li għandhom ikunu koperti. L-ispeċifikazzjoni ġenerali tar-riskji li jirriżultaw minn negliġenza professjonali ta' AIFM għandha tiddetermina l-karatteristiċi relevanti tal-avvenimenti ta' riskju u tiddentifika l-ambitu ta' responsabbiltà professjonali potenzjali, inkluż ħsara jew telf ikkawżat minn persuni li jwettqu direttament attivitajiet li għalihom l-AIFM ikollu responsabbiltà ġuridika, bħad-diretturi, l-uffiċjali jew il-personal tal-AIFM, u persuni li jwettqu attivitajiet taħt arranġament ta' delega mal-AIFM. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE, ir-responsabbiltà tal-AIFM ma għandhiex tkun affettwata b'delega jew sottodelega u l-AIFM għandu jipprovdi kopertura adegwata għar-riskji professjonali relatati ma' tali partijiet terzi li jkun legalment responsabbli għalihom.

(33) Biex jiġi żgurat fehim komuni tal-speċifikazzjoni ġenerali, lista ta' eżempji għandha sservi bħala parametri referenzjarji għall-identifikazzjoni ta' avvenimanti ta' riskju tar-responsabbiltà professjonali potenzjali. Dik il-lista għandha tinkludi firxa wiesgħa ta' avvenimenti li jirriżultaw minn azzjonijiet ta' negliġenza, żbalji jew ommissjonijiet, bħat-telf ta' dokumenti li jixhdu t-titolu għal investimenti, misrappreżentazzjonijiet, jew ksur tal-obbligi varji jew dmirijiet tal-AIFM. Għandha wkoll tinkludi n-nuqqas li jipprevjeni, permezz ta' sistemi ta' kontroll intern adegwati, imġiba qarrieqa fl-organizzazzjoni tal-AIFM. Ħsara li tirriżulta min-nuqqas li titwettaq biżżejjed diliġenza dovuta fuq investiment li jirriżulta li kien qarrieqi, tiskatta r-responsabbiltà tal-AIFM għar-responsabbiltà professjonali u għandha tkun koperta b'mod xieraq. Madankollu, telf imġarrab minħabba li l-investiment jonqoslu l-valur minħabba li kundizzjonijiet ħżiena tas-suq ma għandhomx ikunu koperti. Il-lista għandha tinkludi wkoll valwazzjonijiet li jitwettqu ħażin, li għandhom jinftiehmu bħala nuqqas ta' valwazzjoni bi ksur tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE u tal-atti delegati korrispondenti.

(34) F'konformità mal-obbligi tagħhom tal-immaniġġjar tar-riskji, l-AIFMs għandhom ikollhom mekkaniżmi kwalitattivi tal-kontroll intern xierqa biex jevitaw jew jimmitigaw nuqqasijiet operazzjonali, inkluż ir-riskji tar-responsibbiltà professjonali. Għalhekk, AIFM għandu jkollu, bħala parti mill-politika tal-immaniġġjar tar-riskji tiegħu, politiki u proċeduri adegwati għall-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali, xierqa għan-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tiegħu. Tali proċeduri u politiki, għandhom fi kwalunkwe każ jippermettu li tinħoloq bażi tad-dejta interna tat-telf biex isservi għall-iskop ta' valutazzjoni tal-profil tar-riskju operazzjonali.

(35) Biex jiġi żgurat li l-fondi proprji addizzjonali u l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà professjonali jkopru adegwatament ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali potenzjali, għandu jiġi stabbilit parametru referenzjarju minimu kwantitattiv biex jiġi determinat il-livell xieraq ta' kopertura. Dan il-parametru referenzjarju kwantitattiv għandu jiġi determinat mill-AIFM bħala perċentwali speċifiku tal-valur ta' portafolli tal-AIFs immaniġġjati, ikkalkulat bħala s-somma tal-valur assolut tal-assi tal-AIFs kollha mmaniġġjati, irrispettivament minn jekk humiex akkwistati permezz tal-użu ta' ingranaġġ jew bil-flus tal-investituri. F'dan il-kuntest, strumenti derivattivi għandhom jiġu valwati skont il-prezz tas-suq tagħhom peress li dawn jistgħu jiġu sostitwiti b'dak il-prezz. Peress li l-kopertura permezz ta' assigurazzjoni ta' indenizz professjonali hija min-natura tagħha inqas ċerta mill-kopertura provduta permezz ta' fondi proprji addizzjonali, għandhom japplikaw perċentwali differenti għaż-żewġ strumenti differenti użati biex ikopru r-riskju tar-responsabbiltà professjonali.

(36) Biex jiġi żgurat li l-assigurazzjoni ta' indenizz professjonali tkun effettiva fil-kopertura tat-telf li jirriżulta mill-avvenimenti assigurati, l-assigurazzjoni għandha ssir ma' impriża tal-assigurazzjoni li hija awtorizzata tipprovdi assigurazzjoni għall-indenizz professjonali. Dan jinkludi impriżi tal-assigurazzjoni mill-UE u impriżi li mhumiex mill-UE sakemm ikunu permessi jipprovdu dan is-servizz tal-assigurazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.

(37) Sabiex tkun permessa xi ftit flessibbiltà fit-tfassil tal-assigurazzjoni tal-indennizz professjonali xierqa, għandu jkun possibbli għall-AIFM u l-impriża tal-assigurazzjoni li jaqblu dwar klawżola li tipprovdi li ammont definit jiġġarrab mill-AIFM bħala l-ewwel parti ta' kwalunkwe telf (eċċess definit). Fejn jiġi miftiehem dan l-eċċess definit, l-AIFM għandu jipprovdi fondi proprji li jikkorrispondu għall-ammont definit tat-telf li għandu jiġġarrab mill-AIFM. Dawn il-fondi proprji għandhom ikunu apparti l-kapital inizjali tal-AIFM u l-fondi proprji li għandhom ikunu pprovduti mill-AIFM skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2011/61/UE.

(38) Bħala prinċipju, l-adegwatezza tal-kopertura permezz ta' fondi proprji addizzjonali jew assigurazzjoni ta' indennizz professjonali għandhom ikunu riveduti mill-inqas darba fis-sena. Madankollu, l-AIFM għandu jkollu fis-seħħ proċeduri li jiżguraw il-monitoraġġ kontinwu tal-valur totali tal-portafolli AIF immaniġġjati u aġġustamenti kontinwi tal-ammont ta' kopertura tar-responsabbiltà professjonali jekk jiġu identifikati diskrepanzi sinifikanti. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-domiċilju ta' AIFM tista' tbaxxi jew iżżid ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji addizzjonali, wara li tqis il-profil tar-riskju tal-AIFM, l-istorja tat-telf tiegħu u l-adegwatezza tal-fondi proprji addizzjonali jew l-assigurazzjoni tal-indennizz professjonali tiegħu.

(39) Id-Direttiva 2011/61/UE teħtieġ li l-AIFMs jaġixxu fl-aħjar interessi tal-AIFs, tal-investituri fl-AIFs u tal-integrità tas-suq. L-AIFMs għandhom għalhekk japplikaw politiki u proċeduri xierqa li jippermettulhom jipprevjenu prassi ħżiena bħal tajming tas-suq jew negozjar lejn l-għeluq. It-tajmers tas-suq jieħdu vantaġġ minn prezzijiet mhux aġġornati jew reqdin għal titoli ta' portafoll li jkollhom impatt fuq il-kalkolu tal-valur nett tal-assi (NAV) tal-AIF jew jixtru u jifdu unitajiet tal-AIF fi żmien ftit jiem, u b'hekk jisfruttaw il-mod li l-AIF jikkalkula n-NAV tiegħu. In-negozjar lejn l-għeluq jinvolvi t-tqegħid ta' ordnijiet ta' xiri jew tifdija ta' unitajiet ta' AIFs wara punt ta' qtugħ

magħżul iżda fejn il-prezz li jirċievu jkun dak ta' qabel il-punt ta' qtugħ. Iż-żewġ prassi ħżiena jagħmlu ħsara lill-interessi tal-investituri b'terminu twil peress li jdgħajfu r-redditu u għandhom effetti detrimentali fuq ir-reditti tal-AIF għax iżidu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u jfixklu l-immaniġġjar tal-portafoll. L-AIFMs għandhom ukoll jistabbilixxu proċeduri xierqa biex jiżguraw li l-AIF ikun immaniġġjat b'mod effiċjenti u għandhom jaġixxu b'tali mod li jimpedixxu li jiġu debitati spejjeż bla bżonn lill-AIF u lill-investituri tiegħu.

(40) F'konformità mal-approċċ applikat għall-maniġers tal-UCITS, l-AIFMs għandhom jiżguraw standard għoli ta' diliġenza fl-għażla u l-monitoraġġ tal-investimenti. Dawn għandu jkollhom kompetenza u għarfien professjonali xierqa tal-assi li fihom huma investiti l-AIFs. Sabiex jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-investiment jitwettqu skont l-istrateġija tal-investiment u, fejn applikabbli, il-limiti tar-riskji tal-AIFs immaniġġjati, l-AIFMs għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw politiki u proċeduri bil-miktub dwar id-diliġenza dovuta. Dawn il-politiki u l-proċeduri għandhom jiġu riveduti u aġġornati fuq bażi regolari. Meta l-AIFMs jinvestu f'tipi speċifiċi ta' assi għal tul ta' żmien twil, f'assi inqas likwidi bħal proprjetà jew interessi ta' sħubija, ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta għandhom japplikaw fil-fażi tan-negozjati wkoll. L-attivitajiet imwettqa mill-AIFM qabel l-għeluq tal-ftehim għandhom ikunu dokumentati tajjeb sabiex juru li huma konsistenti mal-pjan ekonomiku u finanzjarju u għalhekk mat-tul taż-żmien tal-AIF. L-AIFMs għandhom iżommu minuti tal-laqgħat rilevanti, id-dokumentazzjoni preparatorja, u l-analiżi ekonomika u finanzjarja mwettqa biex tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-proġett u l-impenn kuntrattwali.

(41) Ir-rekwiżit li l-AIFMs jaġixxu bil-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza dovuti għandu japplika wkoll fejn l-AIFM jaħtar sensar prinċipali jew kontroparti. L-AIFM għandu jagħżel u jaħtar biss dawk is-sensara prinċipali u l-kontropartijiet, li huma soġġetti għal superviżjoni kontinwa, huma finanzjarjament sodi u għandhom l-istruttura organizzazzjonali meħtieġa u xierqa għas-servizzi li se jiġu pprovduti lill-AIFM jew lill-AIF. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-investituri huma protetti adegwatament, huwa importanti li jiġi ċċarat li waħda mill-kriterji li s-sodezza finanzjarja għandha tiġi vvalutata għaliha hija jekk is-sensara prinċipali jew il-kontropartijiet humiex soġġetti għal regolamentazzjoni prudenzjali rilevanti, inklużi rekwiżiti kapitali xierqa, u superviżjoni effettiva.

(42) F'konformità mad-Direttiva 2011/61/UE, li teħtieġ lill-AIFMs jaġixxu b'mod onest, ġust u bil-ħiliet dovuti, il-persuni li effettivament jiddderieġu n-negozju tal-AIFM, li huma membri tal-korp tat-tmexxija jew tal-maniġment superjuri, fil-każ ta' entitajiet li ma għandhomx korp tat-tmexxija, għandhom ikollhom biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza biex jeżerċitaw il-kompiti tagħhom, b'mod partikolari biex jifhmu r-riskji assoċjati mal-attività tal-AIFM. Skont il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-tmexxija korporattiva fis-settur finanzjarju ([1]), persuni li effettivament jidderieġu n-negozju ta' AIFM għandhom ukoll jiddedikaw biżżejjed żmien biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-AIFM u jaġixxu b'onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb biex, fost l-oħrajn, jivvalutaw u jikkontestaw b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri.

(43) Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet rilevanti jitwettqu kif suppost, l-AIFMs għandhom jimpjegaw persunal bil-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom.

(44) AIFMs li jipprovdu servizz ta' maniġment ta' portafoll individwali jridu jikkonformaw mar-regoli tat-taħjir stabbiliti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanjiet ta' dik id-Direttiva ([2]). Għal raġunijiet ta' konsistenza, dawk il-prinċipji għandhom jestendu għall-AIFMs li jipprovdu servizz ta' mmaniġġjar ta' portafolli kollettivi,u ta' kummerċjalizzazzjoni. L-eżistenza, in-natura u l-ammont tat-tariffa, il-kummissjoni jew il-benefiċċju, jew fejn l-ammont ma jistax jiġi aċċertat, il-metodu tal-kalkolu tal-ammont, għandu jiġi divulgat fir-rapport annwali tal-AIFM.

(45) L-investituri fl-AIFs għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni simili għal dik tal-klijenti ta' AIFM li l-AIFMs jipprovdulhom servizz ta' maniġment ta' portafoll individwali, peress li f'dan il-każ iridu jikkonformaw mal-aħjar regoli ta' eżekuzzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ([3]) u d-Direttiva 2006/73/KE. Madankollu, id-differenzi bejn id-diversi tipi ta' assi li fihom huma investiti l-AIFs għandhom jiġu kkunsidrati, peress li l-aħjar eżekuzzjoni mhijiex rilevanti, pereżempju, meta l-AIFM jinvesti fi proprejtà immobbli jew f'interessi ta' sħubija u l-investiment isir wara negozjati estensivi dwar it-termini tal-ftehim. Fejn ma hemmx għażla ta' possibiltajiet differenti ta' eżekuzzjoni, l-AIFM għandu jkun jista' juri lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awdituri li ma hemmx għażla ta' possibbiltajiet differenti ta' eżekuzzjoni.

([1]) COM(2010) 284.
([2]) ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26.
([3]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

(46) Għal raġunijiet ta' konsistenza mar-rekwiżiti li japplikaw għall-maniġers tal-UCITS, meta AIFMs jipprovdu mmaniġġjar ta' portfoll kollettiv, għandhom japplikaw regoli dwar il-maniġġ tal-ordnijiet u dwar l-aggregazzjoni u l-allokazzjoni tal-ordnijiet ta' negozjar. Madankollu, tali regoli ma għandhomx japplikaw fejn l-investiment fl-assi jsir wara negozjati estensivi dwar it-termini tal-ftehim, bħal investiment fil-proprjetà immobbli, interessi ta' sħubija jew kumpaniji mhux elenkati peress li f'dawn il-każijiet ma tiġi eżegwita l-ebda ordni.

(47) Huwa importanti li jiġu speċifikati s-sitwazzjonijiet fejn huwa probabbli li jkun hemm interessi kunfliġġenti, b'mod partikolari fejn ikun hemm prospett ta' qligħ finanzjarju jew ta' evitar ta' telf finanzjarju jew fejn jingħataw inċentivi finanzjarji jew oħrajn biex jimmanuvraw l-imġiba tal-AIFM b'tali mod li jiffavorixxu interessi partikolari għad-detriment tal-interessi ta' partijiet oħra, bħal AIF ieħor, il-klijenti tiegħu, impriżi għall-investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) jew klijenti oħra tal-AIFM.

(48) Il-politika tal-kunflitti ta' interess stabbilita mill-AIFM għandha tidentifika sitwazzjonijiet fejn l-attivitajiet imwettqa mill-AIFM jistgħu jikkostitwixxu kunflitti ta' interess li jwasslu jew ma jwasslux għal riskji potenzjali ta' ħsara lill-interessi tal-AIF jew lill-interessi tal-investituri tiegħu. Biex jidentifikahom l-AIFM għandu jqis mhux biss l-attività tal-immaniġġjar tal-portafoll kollettiv iżda wkoll attivitajiet oħra li jkun awtorizzat iwettaq, inklużi l-attivitajiet tad-delegati tiegħu, sottodelegati, valwatur estern jew kontroparti.

(49) F'konformità mal-approċċ ikkunsidrat fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) [1] għal kumpaniji tal-immaniġġjar tal-UCITS u fid-Direttiva 2004/39/KE għal ditti tal-investiment, l-AIFMs għandhom jadottaw proċeduri u miżuri biex jiżguraw li l-persuni relevanti involuti f'attivitajiet kummerċjali differenti li jistgħu jinvolvu kunflitt ta' interess iwettqu dawn l-attivitajiet fuq livell indipendenti, adatta għad-daqs u l-attivitajiet tal-AIFM.

(50) Huwa essenzjali li jiġi pprovdut qafas ġenerali skont liema l-kunflitti ta' interess, jekk iseħħu, għandhom jiġu mmaniġġjati u ddivulgati. Il-passi u l-proċeduri dettaljati li għandhom jiġu segwiti f'dawn is-sitwazzjonijiet għandhom jiġu ċċarati fil-politika tal-kunflitti ta' interess stabbilita mill-AIFM.

(51) Wieħed mill-komponenti ċentrali ta' sistema tal-immaniġġjar tar-riskji hija l-funzjoni permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji. Fl-interess tal-konsistenza, il-kompiti u r-responsabilitajiet tagħha għandhom ikunu simili fin-natura għal dawk assenjati mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti organizzazzjonali, il-kunflitti ta' interess, il-kondotta fin-negozju, l-immaniġġjar tar-riskji u l-kontenut tal-ftehim ta' bejn id-depożitarju u l-kumpanija maniġerjali [2] għal funzjoni permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji fil-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-UCITS. Din il-funzjoni għandu jkollha rwol ewlieni fit-tfassil tal-politika tar-riskji tal-AIF, il-monitoraġġ tar-riskji u l-kejl tar-riskji sabiex jiġi żgurat livell tar-riskju li jikkonforma fuq bażi kontinwa mal-profil tar-riskju tal-AIF. Il-funzjoni permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji għandu jkollha l-awtorità neċessarja, aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha u kuntatti regolari mal-maniġment superjuri u l-korp tat-tmexxija tal-AIFM sabiex tipprovdilhom aġġornamenti ħalli jkunu jistgħu jieħdu azzjoni ta' rimedju fil-pront fejn meħtieġ.

(52) Il-politika tal-immaniġġjar tar-riskji tifforma pilastru ieħor fis-sistema tal-immaniġġjar tar-riskji. Dik il-politika għandha tkun dokumentata adegwatament u għandha tispjega, partikolarment, il-miżuri u l-proċeduri mħaddma biex jitkejlu u jiġu mmaniġġjati r-riskji, is-salvagwardji għat-twettiq indipendenti tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji, it-tekniki użati biex jiġu mmaniġġjati r-riskji u d-dettalji dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fi ħdan l-AIFM għall-immaniġġjar tar-riskji u l-proċeduri tal-operat. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħha, il-politika tal-immaniġġjar tar-riskji għandha tkun riveduta mill-anqas darba fis-sena mill-maniġment superjuri.

(53) Kif meħtieġ mid-Direttiva 2011/61/UE, il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji għandha tkun funzjonalment u b'mod ġerarkiku separata mill-unitajiet operattivi. Għandu għalhekk jiġi ċċarat li tali separazzjoni għandha tiġi żgurata sal-korp tat-tmexxija tal-AIFM u li dawk fil-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji ma għandhom iwettqu l-ebda kompiti konfliġġenti jew ikunu superviżjati minn xi ħadd li huwa responsabbli minn funzjonijiet konfliġġenti.

(54) Huwa essenzjali li jiġu speċifikati s-salvagwardji li għandhom jintużaw mill-AIFM fi kwalunkwe każ sabiex jiżguraw twettiq indipendenti tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji, u partikolarment, li dawk li jwettqu l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji ma għandhomx jingħataw dmirijiet konfliġġenti, li għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' dejta li jkunu jistgħu jivvalutaw kif xieraq u li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jkun jista' jiġi rivedut.

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.

[2] ĠU L 176, 10.7.2010, p. 42.

(55) Għalkemm id-Direttiva 2011/61/UE ma timponi l-ebda restrizzjoni fuq investiment tal-AIFs, ir-riskji mġarrba minn kull AIF ma jistgħux jiġu mmaniġġjati effettivament jekk il-limiti tar-riskju ma jkunux ġew iffissati bil-quddiem mill-AIFMs. Il-limiti tar-riskji għandhom ikunu skont il-profil tar-riskju tal-AIF, u għandhom jiġu ddivulgati lill-investituri skont id-Direttiva 2011/61/UE.

(56) Għal raġunijiet ta' konsistenza, ir-rekwiżiti li jirrigwardaw l-identifikazzjoni, il-kejl u l-monitoraġġ tar-riskji huma mibnija fuq dispożizzjonijiet simili tad-Direttiva 2010/43/UE. L-AIFMs għandhom jittrattaw b'mod xieraq il-vulnerabbiltà possibbli tat-tekniki tal-kejl u l-mudelli tar-riskji tagħhom billi jwettqu testijiet tal-istress, testijiet b'lura u analiżi tax-xenarji. Meta t-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarji jiżvelaw vulnerabbiltà partikolari għal sett speċifiku ta' ċirkustanzi, l-AIFMs għandhom jieħdu passi u azzjonijiet korrettivi fil-pront.

(57) Id-Direttiva 2011/61/UE titlob lill-Kummissjoni tispeċifika s-sistemi tal-immaniġġjar tal-likwidità u l-proċeduri li jippermettu l-AIFM jimmonitorja r-riskji tal-likwidità tal-AIF, ħlief fejn l-AIF ikun AIF mhux ingranat u magħluq, u tiżgura li l-profil tal-likwidità tal-investimenti tal-AIF jikkonforma mal-obbligi sottostanti tiegħu. Għalhekk, huwa importanti li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali fundamentali indirizzati lill-AIFMs kollha, li l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun adattata għad-daqs, l-istruttura u n-natura tal-AIFs immaniġġjati mill-AIFM ikkonċernat.

(58) L-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li għandhom fis-seħħ politiki u proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità xierqa u effettivi. Dan jeħtieġ li jingħata kunsiderazzjoni xierqa għan-natura tal-AIF, inkluż it-tip ta' assi sottostanti u l-ammont tar-riskju tal-likwidità li huwa skopert għalih l-AIF, id-daqs u l-kumplessità tal-AIF jew il-kumplessità tal-proċess għal-likwidazzjoni jew il-bejgħ tal-assi.

(59) Is-sistemi u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità jistgħu jippermettu lill-AIFMs japplikaw l-għodod u l-arranġamenti meħtieġa biex jittrattaw assi illikwidi u problemi tal-valwazzjoni relatati sabiex jirrispondu għal talbiet ta' tifdija. Dawn l-għodod u l-arranġamenti jistgħu jinkludu, fejn permess mil-liġi nazzjonali, kwoti tat-tifdija, tifdijiet parzjali, teħid ta' self temporanju, perjodi ta' notifika u puli ta' assi likwidi. "Pulijiet esklużivi [ta' assi likwidi]" u mekkaniżmi oħra fejn ċerti assi tal-AIF huma soġġetti għal arranġamenti simili bejn l-AIF u l-investituri tiegħu għandhom jitqiesu bħala 'arranġamenti speċjali' peress li jħallu impatt fuq id-drittijiet speċifiċi tat-tifdija tal-investituri fl-AIF. Is-sospensjoni ta' AIF ma għandhiex titqies bħala arranġament speċjali għax din tapplika għall-assi kollha tal-AIF u għall-investituri kollha tal-AIF. L-użu ta' għodod u arranġamenti speċjali biex tiġi mmaniġġjata l-likwidità għandu jsir dipendenti fuq ċirkostanzi konkreti u għandu jvarja skont in-natura, id-daqs u l-istrateġija tal-investiment tal-AIF.

(60) Ir-rekwiżit li jiġi mmonitorjat l-immaniġġjar tal-likwidità ta' impriżi ta' investiment kollettiv sottostanti li fihom jinvestu l-AIFs, flimkien mar-rekwiżiti li jkun hemm fis-seħħ għodod u arranġamenti biex jimmaniġġjaw ir-riskji tal-likwidità u jidentifikaw, jimmaniġġjaw u jimmonitorjaw il-kunflitti ta' interess bejn l-investituri ma għandhomx japplikaw għal AIFMs li jimmaniġġjaw AIFs tat-tip magħluqa irrispettivament minn jekk humiex meqjusa li jużaw ingranaġġ. L-eżenzjoni minn dawk ir-rekwiżiti tal-immaniġġjar tal-likwidità relatati mat-tifdija għandhom jirriflettu d-differenzi fit-termini ġenerali tat-tifdija ta' investituri f'AIF magħluq meta pparagunati ma' dawk ta' AIF miftuħ.

(61) L-użu ta' limiti minimi fir-rigward tal-likwidità jew l-illikwidità tal-AIF jista' jipprovdi għodda effettiva ta' monitoraġġ għal ċerti tipi ta' AIFMs. Il-qbiż ta' limitu ma jistax minnu nnifsu jeħtieġ azzjoni mill-AIFM għax dan jiddependi fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi u t-tolleranzi stabbiliti mill-AIFM. Il-limiti għalhekk jistgħu jintużaw fil-prattika fir-rigward tal-monitoraġġ tat-tifdija medja ta' kuljum versus il-likwidità tal-fond f'termini ta' ġranet matul l-istess perjodu. Dak jista' jintuża wkoll biex tiġi mmonitorjata l-konċentrazzjoni tal-investituri b'sostenn għax-xenarji tal-ittestjar tal-istress. Dawk il-limiti jistgħu jipprovdu skattaturi għall-monitoraġġ kontinwu jew azzjoni rimedjali skont iċ-ċirkostanzi.

(62) It-testijiet tal-istress għandhom, fejn xieraq, jissimulaw nuqqas ta' likwidità tal-assi kif ukoll talbiet ta' tifdija atipiċi. Sottoskrizzjonijiet u tifdijiet riċenti u mistennija fil-futur għandhom jiġu kkunsidrati flimkien mal-impatt tal-prestazzjoni antiċipata tal-AIF relattivament ma' pari fuq din l-attività. L-AIFM għandu janalizza l-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jissodisfa t-talbiet ta' tifdija fix-xenarji ta' stress issimulati. L-AIFM għandu jwettaq ukoll testijiet tal-istress fuq fatturi tas-suq bħal movimenti fil-kambju barrani li jistgħu jkollhom impatt materjali fuq il-profil tal-kreditu tal-AIFM jew ta' dak tal-AIF u bħala riżultat ta' rekwiżiti kollaterali. L-AIFM għandu jqis is-sensitivitajiet tal-valwazzjoni taħt kundizzjonijiet ta' stress fl-approċċ tiegħu lejn l-ittestjar tal-istress jew l-analiżi tax-xenarji.

(63) Il-frekwenza li biha għandhom jiġu jsiru t-testijiet tal-istress għandha tiddependi min-natura tal-AIF, l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità, it-tip ta' investituri u l-politika tat-tifdija tal-AIF. Madankollu, huwa mistenni li dawn it-testijiet jitwettqu mill-anqas fuq bażi annwali. Meta t-testijiet tal-istress jissuġġerixxu riskji tal-likwidità sinifikantivament ogħla minn dawk mistennija, l-AIFM għandu jaġixxi fl-aħjar interessi tal-investituri tal-AIF kollha filwaqt li jqis il-profil tal-likwidità tal-assi tal-AIF, il-livell tat-talbiet tat-tifdijiet u fejn xieraq l-adegwatezza tal-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità.

(64) Id-Direttiva 2011/61/UE teħtieġ lill-Kummissjoni tispeċifika kif għandhom ikunu allinjati l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità u l-politika tat-tifdija. Il-konsistenza bejn dawk it-tliet elementi tkun żgurta jekk l-investituri jkunu jistgħu jifdu l-investimenti tagħhom skont il-politika tat-tifdija tal-AIF, li għandha tkopri l-kondizzjonijiet għat-tifdija kemm f'ċirkostanzi normali kif ukoll eċċezzjonali, u b'manjiera konsistenti mat-trattament ġust tal-investituri.

(65) Id-Direttiva 2011/61/UE teħtieġ konsistenza transsettorajli u li jitneħħa l-miżallinjament bejn l-interessi tal-oriġinaturi li jirripakkjaw selfiet f'titoli negozjabbli u l-AIFMs li jinvestu f'dawn it-titoli jew strumenti finanzjarji oħra f'isem l-AIFs. Sabiex jinkiseb dak l-għan, tqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]) li jistabbilixxu r-rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi li għandhom jintlaħqu minn investituri skoperti għar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni, minn oriġinaturi u minn sponsors. Peress li dan ir-Regolament u d-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom l-istess għan ta' allinjament tal-interessi tal-oriġinatur jew l-isponsor mal-interessi tal-investituri, huwa essenzjali li t-terminoloġija użata tkun konsistenti fiż-żewġ atti legali, għalhekk id-definizzjonijiet mogħtija fid-Direttiva 2006/48/KE huma meħuda bħala referenza. Minħabba li l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, il-predeċessur tal-Awtorità Bankarja Ewropea, ipprovda linji gwida dettaljati għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2006/48/KE ([2]), il-kisba tal-konsistenza transsettorjali teħtieġ li d-dispożizzjonijiet attwali intiżi biex jallinejaw l-interessi bejn l-oriġinaturi, l-isponsors u l-AIFMs jiġu interpretati fid-dawl ta' dawk il-linji gwida.

(66) Huwa importanti li t-tranżazzjonijiet li jirripakkjaw selfiet f'titoli negozjabbli ma jkunux strutturati b'tali mod li jevitaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti marbuta mal-investimenti f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Għalhekk, ir-referenza għal investiment f'titoli negozjabbli jew strumenti finanzjarji oħra bbażati fuq ripakkettjar ta' selfiet ma għandhiex tiġi strettament interpretata bħala trasferiment ta' titolu legalment validu u vinkolanti fir-rigward ta' dawn l-istrumenti, iżda bħala investiment magħmul f'se,ns ekonomiku materjali sabiex kwalunkwe forma oħra ta' investiment sintetiku tkun koperta u soġġetta għar-rekwiżiti speċifiċi. Sabiex jiġu evitati ekwivoċi u tiġi allinjata l-lingwa ma' dik użata fil-leġiżlazzjoni bankarja, għandu jintuża t-terminu "teħid ta' skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni" minflok "investiment f'titoli negozjabbli jew strumenti finanzjarji oħra bbażati fuq ripakketjar ta' self".

(67) Ir-rekwiżiti li jeħtieġ li jiġu ssodisfati minn istituzzjonijiet meta jaġixxu bħala oriġinaturi, sponsors jew selliefa oriġinali ta' titolizzazzjoni huma direttament imposti fuqhom permezz tad-Direttiva 2006/48/KE. Għalhekk huwa importanti li d-dmirijiet korrispondenti ta' AIFM li jassumi skopertura għal titolizzazzjonijiet jiġu preskritti. Konsegwentement, l-AIFM għandu jassumi skopertura għal titolizzazzjonijiet biss jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew is-sellief oriġinali, ikun iddivulga espliċitament lill-AIFM iż-żamma ta' interess ekonomiku sinifikanti fl-assi sottostanti, magħruf bħala r-rekwiżit taż-żamma. Barra minn hekk, l-AIFM għandu jiżgura li d-diversi rekwiżiti kwalitattivi imposti fuq l-isponsor u l-oriġinatur permezz tad-Direttiva 2006/48/KE jiġu ssodisfati. Barra minn hekk, l-AIFM għandu huwa stess jissodisfa r-rekwiżiti kwalitattivi sabiex ikollu fehim komprensiv u fid-dettall tal-investiment ta' titolizzazzjoni u l-iskopertura sottostanti tiegħu. Sabiex jinkiseb dan, l-AIFMs għandhom jagħmlu d-deċiżjoni tal-investiment tagħhom biss wara li jkunu wettqu diliġenza dovuta bir-reqqa li minnha huma għandhom ikollhom informazzjoni u għarfien adegwati dwar it-titolizzazzjonijiet ikkonċernati.

(68) Hemm ċirkostanzi li fihom entitajiet jissodisfaw id-definizzjoni ta' oriġinatur jew sponsor, jew jissodisfaw l-irwol ta' sellief oriġinali; madankollu, entità oħra li la tissodisfa d-definizzjoni ta' isponsor jew oriġinatur, u lanqas tissodisfa r-rwol ta' sellief oriġinali — iżda li l-interessi tagħha huma allinjati l-aħjar ma' dawk tal-investituri — tista' tipprova tissodisfa r-rekwiżit taż-żamma. Għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika, tali entità oħra ma għandhiex tkun meħtieġa tissodisfa r-rekwiżit taż-żamma jekk ir-rekwiżit taż-żamma jkun issodisfat mill-oriġinatur, l-isponsor jew is-sellief oriġinali.

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([2]) Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, Linji gwida għall-Artikolu 122a tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali tal-31 ta' Diċembru 2010, www.eba.europa.eu/cebs/media/Publications/Standards%20and%20Guidelines/2010/Application%20of%20Art.%20122a%20of%20the%20CRD/Guidelines.pdf

(69) Fil-każ ta' ksur tar-rekwiżit taż-żamma jew tar-rekwiżiti kwalitattivi l-AIFM għandu jikkunsidra li jieħu xi azzjoni korrettiva, bħal ħeġġing, bejgħ jew tnaqqis tal-iskopertura jew li jindirizza lill-parti fil-ksur tar-rekwiżit taż-żamma bil-għan li tiġi ristawrata l-konformità. Tali azzjoni korrettiva għandha dejjem tkun fl-interess tal-investituri u ma għandha tinvolvi l-ebda obbligu dirett li jinbiegħu l-assi immedjatament wara li l-ksur isir apparenti, b'hekk jiġi evitat "bejgħ bil-għaġġla". L-AIFM għandu jqis il-ksur meta jqis li jagħmel investiment ieħor fi tranżazzjoni oħra li fiha tkun involuta l-parti fi ksur tar-rekwiżit.

(70) Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE li jispeċifikaw il-proċeduri interni u l-arranġamenti organizzazzjonali, li kull AIFM għandu japplika, l-AIFMs għandhom ikunu meħtieġa jistabbilixxu struttura organizzazzjonali dokumentata sew li tassenja b'mod ċar ir-responsabbiltajiet, tiddefinixxi l-mekkaniżmi tal-kontroll u tiżgura fluss tajjeb ta' informazzjoni bejn il-partijiet kollha involuti. AIFMs għandhom ukoll jistabbilixxu sistemi biex jissalvagwardjaw l-informazzjoni u jiżguraw il-kontinwità tan-negozju. Meta jistabbilixxu dawn il-proċeduri u l-istrutturi, l-AIFMs għandhom iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità li jippermetti li l-proċeduri, il-mekkaniżmi u l-istruttura organizzazzjonali jiġu kkalibrati skont in-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tal-AIFM u għan-natura u l-firxa tal-attivitajiet imwettqa fil-kors tan-negozju tiegħu.

(71) Id-divulgazzjoni lill-investituri hija ta' importanza kbira biex jiġu protetti dawk l-investituri, għalhekk l-AIFMs għandhom jimplimentaw politiki u proċeduri xierqa biex jiżguraw li t-termini tat-tifdija applikabbli għal AIF partikolari jiġu ddivulgati f'biżżejjed dettall u b'biżżejjed prominenza lill-investituri qabel dawn jinvestu u fil-każ ta' bidliet materjali. Dan jista' jinkludi divulgazzjoni tal-perjodi ta' notifika fir-rigward tat-tifdijiet, id-dettalji ta' perjodi tal-għeluq (lock-up), indikazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom il-mekkaniżmi normali tat-tifdija jistgħu ma japplikawx jew jistgħu jiġu sospiżi, u d-dettalji ta' kwalunkwe miżura li tista' titqies minn korp tat-tmexxija, bħal kwoti għat-tifdija, pulijiet esklużivi, peress li dawn għandhom impatt fuq drittijiet speċifiċi ta' tifdija tal-investituri fl-AIF partikolari.

(72) Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet rilevanti jitwettqu sew, l-AIFMs, partikolarment, għandhom jużaw sistemi elettroniċi xierqa sabiex jissodisfaw r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fil-portafoll jew tal-ordnijiet ta' sottoskrizzjoni u tifdija kif ukoll jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politiki ta' kontabbiltà u proċeduri li jiżguraw li l-kalkolu tal-valur nett tal-assi jitwettaq kif meħtieġ mid-Direttiva 2011/61/UE u minn dan ir-Regolament.

(73) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti imposti fuq maniġers tal-UCITS mid-Direttiva 2009/65/KE, il-korp tat-tmexxija, tal-maniġment superjuri, jew, fejn rilevanti tal-funzjoni superviżorja tal-AIFM għandha tkun fdata b'tipi simili ta' kompiti li għandhom jiġu allokati b'responsabbiltajiet adegwati. Madankollu, din l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għandha tkun konsistenti mar-rwol u r-responsabbiltajiet tal-korp tat-tmexxija, il-maniġment superjuri u l-funzjoni superviżorja skont il-liġi nazzjonali applikabbli. Il-maniġment superjuri jista' jinkludi wkoll xi membri jew il-membri kollha tal-korp tat-tmexxija.

(74) Ir-rekwiżit li tkun stabbilita funzjoni tal-konformità permanenti u effettiva dejjem għandu jkun issodisfat mill-AIFM, irrispettivament mid-daqs u l-kumplessità tan-negozju tiegħu. Madankollu, id-dettalji tal-organizzazzjoni teknika u tal-persunal tal-funzjoni tal-konformità għandhom jiġu kkalibrati għan-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju u n-natura tal-AIFM u għall-firxa tas-servizzi u l-attivitajiet tiegħu. L-AIFM ma għandux għalfejn jistabbilixxi unità tal-konformità indipendenti jekk dan ir-rekwiżit ikun sproporzjonat minħabba d-daqs tal-AIFM jew in-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tiegħu.

(75) L-istandards tal-valwazzjoni jvarjaw minn ġurisdizzjoni għall-oħra u bejn il-klassijiet tal-assi. Dan ir-Regolament għandu jissupplimenta r-regoli ġenerali komuni u jistabbilixxi parametri referenzjarji għall-AIFMs meta dawn jiżviluppaw u jimplimentaw politiki u proċeduri xierqa u konsistenti għall-valwazzjoni xierqa u indipendenti tal-assi tal-AIFs. Il-politiki u l-proċeduri għandhom jiddeskrivu l-obbligi, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet li jappartjenu lill-partijiet kollha involuti fil-valwazzjoni, inkluż il-valwaturi esterni.

(76) Il-valur tal-assi jista' jiġi determinati, b'modi differenti, bħal b'referenza għal prezzijiet osservabbli f'suq attiv jew bi stima permezz tal-użu ta' metodoloġiji oħra tal-valwazzjoni skont il-liġi nazzjonali, ir-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tiegħu. Peress li l-valur ta' assi u obbligazzjonijiet individwali jista' jiġi determinat b'metodoloġiji differenti u jista' jislet minn sorsi differenti, l-AIFM għandu jiddetermina u jiddeskrivi l-metodoloġiji ta' valwazzjoni li juża.

(77) Fejn jintuża mudell għall-valwazzjoni tal-assi, il-proċeduri u l-politiki tal-valwazzjoni għandhom jindikaw il-karatteristiċi prinċipali tal-mudell. Qabel ma jintuża, dak il-mudell għandu jkun soġġett għal proċess ta' validazzjoni mwettaq minn individwu intern jew estern li ma kienx involut fil-proċess tal-bini tal-mudell. Persuna għandha titqies kkwalifikata biex twettaq proċess ta' validazzjoni fir-rigward tal-mudell użat għall-valwazzjoni tal-assi jekk tkun fil-pussess ta' kompetenza u esperjenza adegwata fil-valwazzjoni ta' assi permezz ta' dawn il-mudelli; din il-persuna tista' tkun awditur.

(78) Peress li l-AIFs joperaw f'ambjent dinamiku fejn l-istrateġiji tal-investiment jistgħu jinbidlu tul iż-żmien, il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jiġu riveduti mill-inqas kull sena u fi kwalunkwe każ qabel l-AIFs jinvolvu ruħhom fi strateġija ta' investiment ġdida jew f'tip ġdid ta' assi. Kwalunkwe bidla fil-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni, inkluż il-metodoloġiji tal-valwazzjoni, għandhom isegwu proċess predeterminat.

(79) L-AIFM għandu jiżgura li l-assi individwali ta' AIF ikunu ġew valwati sew, f'konformità mal-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni. Għal xi assi, speċjalment għal strumenti finanzjarji illikwidi u kumplessi, hemm riskju ikbar ta' valwazzjoni mhux xierqa. Sabiex jindirizza dan it-tip ta' sitwazzjoni, l-AIFM għandu jkollu fis-seħħ biżżejjed kontrolli biex jiżgura li jkun jista' jingħata grad xieraq ta' oġġettività lill-valur tal-assi tal-AIF.

(80) Il-kalkolu tal-valur nett tal-assi għal kull unità jew sehem huwa soġġett għal-liġi nazzjonali jew għar-regoli tal-fond jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni, skont il-każ. Dan ir-Regolament ikopri biss il-proċedura għall-kalkolu, u mhux il-metodoloġija tal-kalkolu. L-AIFM jista' huwa stess iwettaq il-kalkolu tal-valur nett tal-assi għal kull unità jew sehem bħala parti mill-funzjonijiet ta' amministrazzjoni li jwettaq għall-AIF. Alternattivament, tista' tinħatar parti terza biex twettaq l-amministrazzjoni, inkluż l-kalkolu tal-valur nett tal-assi. Parti terza li twettaq kalkolu tal-valur nett tal-assi għal AIF ma għandhiex titqies bħala valwatur estern għall-finijiet tad-Direttiva 2011/61/UE, sakemm ma tipprovdix valwazzjonijiet għal assi individwali, inkluż dawk li jeħtieġu ġudizzju suġġettiv, iżda tinkorpora fil-proċess tal-kalkolu valuri li huma miksuba mill-AIFM, minn sorsi tal-ipprezzar jew minn valwatur estern.

(81) Hemm proċeduri tal-valwazzjoni li jistgħu jitwettqu fuq bażi ta' kuljum bħall-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, iżda jeżistu wkoll proċeduri ta' valwazzjoni li ma jistgħux jitwettqu bl-istess frekwenza li biha jsiru l-ħruġ, is-sottoskrizzjonijiet, it-tifdijiet u l-kanċellazzjonijiet, pereżempju l-valwazzjoni ta' proprjetà immobbli. Il-frekwenza tal-valwazzjoni tal-assi miżmuma minn fond miftuħ għandha tqis id-differenzi fil-proċeduri tal-valwazzjoni fir-rigward tat-tipi ta' assi miżmuma mill-AIF.

(82) Ir-rekwiżiti u l-limitazzjonijiet stretti li jridu jiġu ssodisfati meta AIFM ikollu l-ħsieb jiddelega l-kompitu ta' twettiq ta' funzjonijiet huma stabbiliti fid-Direttiva 2011/61/UE. L-AIFM jibqa' dejjem kompletament responsabbli għat-twettiq korrett tal-kompiti ddelegati u tal-konformità tagħhom mad-Direttiva 2011/61/UE u mal-miżuri tal-implimentazzjoni tagħha. L-AIFM għandu għalhekk jiżgura li d-delegat iwettaq u japplika standards ta' kwalità li li kieku jkunu japplikati mill-AIFM innifsu. Barra minn hekk, jekk meħtieġ biex jiżgura li l-funzjonijiet delegati jitwettqu skont standard konsistentement għoli, l-AIFM għandu jkun kapaċi jtemm id-delega u l-arranġament tad-delega għandu għalhekk jagħti drittijiet flessibbli ta' terminazzjoni lill-AIFM. Il-limitazzjonijiet u r-rekwiżiti tad-delega għandhom japplikaw għall-funzjonijiet tal-immaniġġjar stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 2011/61/UE, filwaqt li kompiti ta' sostenn bħal funzjonijiet amministrattiv jew tekniċi li jassistu fil-kompiti tal-immnaiġġjar bħall-appoġġ loġistiku fil-forma ta' tindif, kejtering u l-akkwist ta' servizzi jew prodotti bażiċi, ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu delega tal-funzjonijiet tal-AIFM. Eżempji oħra ta' funzjonijiet amministrattivi jew tekniċi huma x-xiri ta' softwer standard kummerċjalment disponibbli u d-dipendenza fuq fornituri ta' software għal assistenza operazzjonali ad hoc fir-rigward ta' sistemi kummerċjalment disponibbli jew fil-forniment ta' sostenn ta' riżorsi umani bħall-esternalizzazzjoni ta' impjegati temporanji jew l-ipproċessar tas-salarji.

(83) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-investituri flimkien maż-żieda fl-effiċjenza tal-kondotta tan-negozju tal-AIFM, id-delega kollha għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi. Meta jivvalutaw dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-istruttura tad-delega u l-impatt tagħha fuq l-istruttura tal-AIFM u l-interazzjoni tal-attivitajiet delegati mal-attivitajiet li jifdal għand l-AIFM.

(84) Sabiex jiġi vvalutat jekk persuna li effettivament twettaq in-negozju tad-delegat hijiex ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, għandu jiġi vverifikat it-twettiq tan-negozju minn din il-persuna, kif ukoll jekk ikkommettietx reati fir-rigward ta' attivitajiet finanzjarji. Għandha titqies kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-kwalitajiet personali li jistgħu jaffettwaw ħażin it-twettiq tan-negozju minn din il-persuna bħal dubji fir-rigward tal-onestà u l-integrità tagħha meta jiġi vvalutat ir-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba biżżejjed.

(85) Il-kumpaniji tal-investiment awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE mhumiex meqjusa bħala impriżi li huma awtorizzati jew reġistrati għall-finijiet ta' mmaniġġjar ta' assi u soġġett għal superviżjoni għax mhumiex permessi jagħmlu attivitajiet oħra għajr l-imaniġġjar ta' portfoll kollettiv skont dik id-Direttiva. Bl-istess mod, AIF immaniġġjat internament ma għandux jitqies ikklassifikat bħala tali impriża għaliex ma għandux jagħmel attivitajiet oħra għajr l-immaniġġjar intern tal-AIF.

(86) Fejn id-delega jkollha x'taqsam mal-immaniġġjar ta' portafolli jew l-immaniġġjar ta' riskji, li huwa l-qalba tan-negozju tal-AIFM u għalhekk ta' rilevanza kbira fir-rigward tal-protezzjoni għall-investitur u r-riskju sistemiku, barra mir-rekwiżiti tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM u l-awtorità superviżorja tal-impriża minn pajjiż terz għandhom ikunu kkonkludew arranġament ta' kooperazzjoni bbażat fuq ftehim bil-miktub. L-arranġament għandu jkunu fis-seħħ qabel id-delega. Id-dettalji ta' dan l-arranġament għandhom iqisu standards internazzjonali.

(87) Arranġamenti bil-miktub għandhom jikkonferixxu lill-awtoritajiet kompetenti d-dritt li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post, inkluż li jitolbu lill-awtorità superviżorja tal-impriża minn pajjiż terz, li lilha jkunu ġew iddelegati l-funzjonijiet, biex twettaq spezzjonijiet fuq il-post u li jitolbu permess mill-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz biex iwettqu l-ispezzjoni huma stess, jew biex jakkumpanjaw il-persunal tal-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiż terz sabiex jgħinhom fit-twettiq tal-ispezzjonijiet fuq il-post.

(88) Abbażi tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2011/61/UE, l-AIFMs għandhom dejjem jaġixxu fl-aħjar interess tal-AIFs jew tal-investuri fl-AIFs li jimmaniġġjaw. Għalhekk, id-delega għandha tkun ammessibbli biss jekk din ma timpedixxix lill-AIFM milli jaġixxi jew jimmaniġġja l-AIF fl-aħjar interessi tal-investituri.

(89) Sabiex iżommu standard għoli ta' protezzjoni tal-investitur, kunflitti ta' interess possibbli jridu jkunu kkunsidrati fi kwalunkwe delega. Diversi kriterji għandhom jistabbilixxu l-parametri referenzjarji għall-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess materjali. Dawk il-kriterji għandhom jinftiehmu bħala mhux eżawrjenti u li jfissru li kunflitti ta' interess nonmaterjali huma wkoll rilevanti għall-finijiet tad-Direttiva 2011/61/UE. Għalhekk, it-twettiq tal-funzjonijiet tal-konformità jew l-awditjar għandhom jitqiesu bħala kunfliġġenti mal-kompiti tal-immaniġġjar tal-portafolli, filwaqt li l-ġenerazzjoni tas-suq jew sottoskrizzjoni għandhom jinftiehmu bħala konfliġġenti mal-immaniġġjar tal-portafolli jew tar-riskji. Dak l-obbligu huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tad-delegat li funzjonalment u ġerarkikament jissepara l-kompiti tal-immaniġġjar tal-portafolli u r-riskji minn xulxin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/61/UE.

(90) Ir-rekwiżiti li japplikaw għad-delega tal-kompitu li jitwettqu funzjonijiet f'isem l-AIFM għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fejn id-delegat jgħaddi b'sottodelega kwalunkwe funzjoni ddelegata lilu kif ukoll fil-każ ta' kwalunkwe sottodelega ulterjuri.

(91) Sabiex jiġi żgurat li fi kwalunkwe każ l-AIFM iwettaq funzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' investimenti, l-AIFM ma għandux jiddelega l-funzjonijiet tiegħu sal-punt li, essenzjalment, ma jkunx jista' jibqa' jitqies bħala l-maniġer tal-AIF u sal-punt li ssir entità li sempliċiment tagħmilha ta' kaxxa tal-ittri. L-AIFM għandu f'kull ħin iżomm biżżejjed riżorsi biex jissuperviżja l-funzjonijiet delegati b'mod effiċjenti. L-AIFM għandu jwettaq huwa stess funzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' investimenti, ħalli jkollu l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa, biex iżomm is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-immaniġġjar superjuri u biex iwettaq funzjonijiet ta' mmaniġġjar superjuri, li jistgħu jinkludu l-implimentazzjoni tal-politika ġenerali tal-investiment u l-istrateġiji tal-investiment.

(92) Il-valutazzjoni ta' struttura ta' delega hija eżerċizzju kumpless li jrid ikun ibbażat fuq serje ta' kriterji biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiffurmaw il-ġudizzju tagħhom. Il-kombinazzjoni hija meħtieġa biex jitqiesu l-varjetà ta' strutturi ta' fondi u ta' strateġiji ta' investiment fl-Unjoni kollha. L-AETS tista' tiżviluppa linji gwida biex tiżgura valutazzjoni konsistenti ta' strutturi ta' delega fl-Unjoni kollha.

(93) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kif jiġu applikati l-kriterji u l-impatt tagħhom fuq is-swieq. Il-Kummissjoni għandha tanalizza s-sitwazzjoni wara sentejn u, jekk ikun meħtieġ, għandha tieħu miżuri xierqa biex tispeċifika iktar l-kundizzjonijiet li skonthom l-AIFM għandha titqies li tkun iddelegat il-funzjonijiet tagħha sal-punt li ssir entità letter box u ma tkunx tista' tibqa' titqies bħala l-maniġer tal-AIF.

(94) Id-Direttiva 2011/61/UE tistipula sett estensiv ta' rekwiżiti li jirrigwardaw id-depożitarju ta' AIF sabiex tiżgura standard għoli ta' protezzjoni għall-investituri. Id-drittijiet u l-obbligi rispettivi konkreti tad-depożitarju, l-AIFM jew, skont il-każ, l-AIF u partijiet terzi għandhom għalhekk jiġu stipulati b'mod ċar. Il-kuntratt bil-miktub għandu jinkludu d-dettalji kollha meħtieġa għas-salvagwardja xierqa tal-assi kollha tal-AIF mid-depożitarju jew parti terza li lilha jkunu ġew iddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja skont id-Direttiva 2011/61/UE u għad-depożitarju biex jissodisfa kif suppost is-sorveljanza u l-funzjonijiet tal-kontroll tiegħu. Sabiex jippermetti lid-depożitarju jivvaluta u jimmonitorja r-riskju tal-kustodja, il-kuntratt għandu jipprovdi dettall suffiċjenti dwar il-kategoriji tal-assi li fihom l-AIF jista' jinvesti u jkopri r-reġjuni ġeografiċi li l-AIF għandu pjanijiet jinvesti fihom. Il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dettalji ta' proċedura ta' eskalazzjoni. Għalhekk, id-depożitarju għandu javża lill-AIFM dwar kwalunkwe riskju materjali identifikat fis-sistema tas-saldu ta' suq partikolari. Fir-rigward tat-terminazzjoni tal-kuntratt, għandu jirrifletti l-fatt li jekk id-depożitarju ma jkunx issodisfat illi l-assi huma protetti biżżejjed, it-terminazzjoni tal-kuntratt tkun l-aħħar għażla tiegħu. Għandu wkoll jipprevjeni l-periklu morali fejn l-AIFM jista' jagħmel deċiżjonijiet ta' investiment irrispettivament mir-riskji tal-kustodja abbażi li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ir-responsabbiltà tkun tad-depożitarju. Biex jinżamm standard għoli ta' protezzjoni għall-investituri, ir-rekwiżit li jistipula d-dettalji għall-monitoraġġ ta' partijiet terzi għandu jkun applikat tul il-katina tal-kustodja kollha.

(95) Depożitarju stabbilit f'pajjiż terz għandu jkun soġġetti għal regolamentazzjoni prudenzjali pubblika u għal superviżjoni prudenzjali mwettqa minn awtorità superviżorja li tkun kompetenti għal superviżjoni kontinwa u li twettaq investigazzjonijiet u timponi sanzjonijiet. Fejn dik is-superviżjoni tad-depożitarju tinvolvi diversi awtoritajiet superviżorji, awtorità superviżorja waħda għandha taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-finijiet tad-Direttiva 2011/61/UE u l-miżuri ddelegati u implimentattivi kollha adottati skontha.

(96) Il-valutazzjoni tal-liġi tal-pajjiż terz skont l-Artikolu 21(6), l-aħħar subparagrafu tad-Direttiva 2011/61/UE għandha ssir mill-Kummissjoni Ewropea billi tqabbel il-kriterji tal-awtorizzazzjoni u l-kondizzjonijiet fis-seħħ tal-operat applikabbli għad-depożitarju fil-pajjiż terz mar-rekwiżiti korrispondenti applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew, skont il-każ, għad-ditti tal-investiment għall-aċċess għan-negozju tad-depożitarju u l-prestazzjoni tal-funzjonijiet tad-depożitarju, bil-ħsieb li jiġi aċċertat jekk il-kriterji lokali għandhomx l-istess effett bħal dawk stabbiliti skont il-liġi tal-Unjoni. Depożitarju li huwa soġġett għal superviżjoni prudenzjali u liċenzjat fil-pajjiż terz taħt kategorija lokali għajr istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment jista' jiġi vvalutat mill-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb li jiġi aċċertat jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-pajjiż terz għandhomx l-istess effett bħal dawk stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni għal istituzzjonijiet ta' kreditu jew, skont il-każ, għal ditti ta' investiment.

(97) Sabiex id-depożitarju jkollu stampa ċara tal-influssi u l-ħruġ kollha ta' flus tal-AIF fil-każijiet kollha, l-AIFM għandu jiżgura li d-depożitarju jirċievi mingħajr dewmien żejjed informazzjoni preċiża relatata mal-flussi kollha tal-flus, inkluż minn kwalunkwe parti terza li magħha ikun hemm miftuħ kont tal-flus tal-AIF.

(98) Sabiex il-flussi tal-flus tal-AIF jiġu mmonitorjati tajjeb, l-obbligu tad-depożitarju jikkonsisti f'li jiżgura li hemm fis-seħħ proċeduri u li huma effettivament implimentati biex jimmonitorjaw adegwatament il-flussi tal-flus tal-AIF u li dawn il-proċeduri jiġu rriveduti perjodikament. Partikolarment, id-depożitarju għandu jistudja l-proċedura ta' rikonċiljazzjoni sabiex jissodisfa ruħu illi l-proċedura hija adattata għall-AIF u mwettqa f'intervalli xierqa li jqisu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-AIF. Tali proċedura għandha pereżempju tqabbel kull fluss ta' flus wieħed wieħed kif irrappurtat fir-rapporti tal-kont tal-bank mal-flussi tal-flus irreġistrati fil-kontijiet tal-AIF. Fejn jitwettqu rikonċiljazzjonijiet fuq bażi ta' kuljum, kif jiġri fil-biċċa l-kbira ta' AIFs miftuħa, id-depożitarju għandu jwettaq ir-rikonċiljazzjoni tiegħu fuq bażi ta' kuljum ukoll. Id-depożitarju għandu jimmonitorja partikolarment id-diskrepanzi ssottolineati mill-proċeduri ta' rikonċiljazzjoni u l-miżuri korrettivi meħuda sabiex jiġi nnotifikat mingħajr dewmien żejjed l-AIFM bi kwalunkwe anomalija li ma tkunx ġiet rrimedjat u biex iwettaq reviżjoni sħiħa tal-proċeduri ta' rikonċiljazzjoni. Tali reviżjoni għandha titwettaq mill-inqas darba fis-sena. Id-depożitarju għandu jidentifika wkoll fuq bażi tempestiva flussi sinifikanti ta' flus u partikolarment dawk li jistgħu jkunu inkonsistenti mal-operazzjonijiet tal-AIF, bħal tibdil fil-pożizzjonijiet fl-assi, is-sottoskrizzjonijiet u t-tifdijiet tal-AIF, u għandu jirċievi perjodikament rapporti tal-kontijiet tal-flus u jivverifika l-konsistenza tar-rekords tiegħu stess tal-pożizzjonijiet tal-flus ma' dawk tal-AIFM. Id-depożitarju għandu jżomm ir-rekord tiegħu aġġornat skont l-Artikolu 21(8)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE.

(99) Id-depożitarju jrid jiżgura li l-pagamenti kollha li jsiru minn jew għan-nom tal-investituri mas-sottoskrizzjoni ta' ishma jew unitajiet ta' AIF ikunu wasslu u ġew irreġistrati f'kont ta' flus wieħed jew aktar skont id-Direttiva 2011/61/UE. L-AIFM għandu għalhekk jiżgura li d-depożitarju jingħata l-informazzjoni rilevanti meħtieġa li għandu bżonn biex jimmonitorja sew il-wasla tal-pagamenti tal-investituri. L-AIFM irid jiżgura li d-depożitarju jikseb din l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed meta l-parti terza tirċievi ordni biex tifdi jew toħroġ ishma jew unitajiet ta' AIF. L-informazzjoni għandha għalhekk tiġi trasmessa fit-tmiem il-jum ta' negozju mill-entità responsabbli għas-sottoskrizzjoni u t-tifdija ta' ishma jew unitajiet ta' AIF lid-depożitarju sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin mill-pagamenti tal-investituri.

(100) Skont it-tip ta' assi li jkunu ser jiġu salvagwardjati, l-assi jew jinżammu fil-kustodja, kif jiġri bi strumenti finanzjarji li jistgħu jiġu rreġistrati f'kont ta' strumenti finanzjarji, jew li jistgħu jkunu fiżikament ikkonsenjati lid-depożitarju skont id-Direttiva 2011/61/UE, jew jiġu soġġetti għal verifika tas-sjieda u ż-żamma tar-rekords. Id-depożitarju għandu jżomm fil-kustodja l-istrumenti finanzjarji kollha tal-AIF jew tal-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF li jistgħu jiġu reġistrati jew miżmuma f'kont direttament jew indirettament f'isem depożitarju jew parti terza li lilha jkunu ddelegati funzjonijiet ta' kustodja, notevolment fil-livell ta' depożitarju ċentrali tat-titoli. Minbarra dawn is-sitwazzjonijiet, dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom jinżammu f'kustodja li huma biss direttament reġistrati mal-emittent innifsu jew l-aġent tiegħu f'isem id-depożitarju jew parti terza li lilha jkunu ġew iddelegati funzjonijiet ta' kustodja. Dawk l-istrumenti finanzjarji li skont il-liġi nazzjonali applikabbli huma rreġistrati biss f'isem l-AIF mal-emittent jew l-aġent tiegħu, bħal investimenti f'kumpaniji mhux elenkati peremzz ta' ekwità privata u fondi ta' kapital ta' riskju, ma għandhomx jinżammu f'kustodja. L-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jkunu fiżikament ikkonsenjati lid-depożitarju

għandhom jinżammu f'kustodja. Sakemm il-kondizzjonijiet li l-strumenti finanzjarji għandhom jinżammu taħthom jiġu ssodisfati, strumenti finanzjarji li huma pprovduti bħala kollateral lil parti terza jew huma pprovduti minn parti terza għall-benefiċċju tal-AIF għandhom jinżammu f'kustodja wkoll mid-depożitarju nnifisu jew minn parti terza li lilha jkunu delegati funzjonijiet ta' kustodja sakemm dawn ikunu l-propjetà tal-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF. Barra minn hekk, strumenti finanzjarji propjetà tal-AIF jew tal-AIFM f'isem l-AIF, li għalihom l-AIF jew l-AIFM f'isem l-AIF, ikun ta l-kunsens tiegħu biex jintużaw mill-ġdid mid-depożitarju, għandhom jibqgħu fil-kustodja sakemm id-dritt tal-użu mill-ġdid ma jkunx ġie eżerċitat.

(101) L-istrumenti finanzjarji li jinżammu f'kustodja għandhom ikunu soġġetti għall-attenzjoni u l-protezzjoni dovuti lilhin kollu. Sabiex jiġi żgurat li r-riskju tal-kustodja jiġi vvalutat kif xieraq, fl-eżerċitar tal-attenzjoni dovuta, id-depożitarju għandu partikolarment ikun jaf liema partijiet terzi jikkostitwixxu l-katina tal-kustodja, jiżgura li l-obbligi tad-diliġenza dovuta u s-segregazzjoni nżammu tul il-katina tal-kustodja kollha, jaċċerta li għandu dritt adegwat għall-aċċess għall-kotba u r-reġistri ta' partijiet terzi li lilhom ikunu ġew delegati funzjonijiet ta' kustodja, jiżgura l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, jiddokumenta dawn id-dmirijiet kollha u jagħmel dawn id-dokumenti disponibbli għall-AIFM kif ukoll jirrapportahomlu.

(102) Sabiex tiġi evitata l-evażjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE, id-depożitarju għandu japplika dmirijiet ta' salvagwardja tal-assi sottostanti ta' strutturi finanzjarji u, kif jista' jkun il-każ, jew strutturi legali kkontrollati direttament jew indirettament mill-AIF jew mill-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF. Dik id-dispożizzjoni ta' trasparenza ma għandhiex tapplika għal fondi ta' fondi jew strutturi prinċipali alimentatriċi sakemm dawn ikollhom depożitarju li jissalvagwardja l-assi tal-fond kif xieraq.

(103) Id-depożitarju għandu dejjem ikollu stampa komprensiva tal-assi kollha li mhumiex strumenti finanzjarji li għandhom jinżammu f'kustodja. Dawk l-assi jkunu soġġetti għall-obbligu li jivverifikaw is-sjieda u jżommu rekord skont id-Direttiva 2011/61/UE. Eżempji ta' assi bħal dawn huma assi fiżiċi li ma jikkwalifikawx bħala strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2011/61/UE jew li ma jistgħux jiġu kkonsenjati fiżikament lid-depożitarju, kuntratti finanzjarji bħal derivattivi, depożiti ta' flus jew investimenti f'kumpaniji privati u interessi fi shubijiet.

(104) Sabiex jinkiseb grad suffiċjenti ta' ċertezza li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF huwa tabilħaqq sid l-assi, id-depożitarju għandu jiżgura li jirċievi l-informazzjoni kollha li jqis meħtieġa biex ikun issodisfat li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF jkollu d-dritt tas-sjieda fuq l-assi. Dik l-informazzjoni tista' tkun kopja ta' dokument uffiċjali li jixhed li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxu f'isem l-AIF huwa sid l-assi jew kwalunkwe evidenza formali u affidabbli li d-depożitarju jqis xierqa. Jekk meħtieġ, id-depożitarju għandu jitolb prova addizzjonali mingħand l-AIF jew l-AIFM jew skont il-każ mingħand parti terza.

(105) Id-depożitarju għandu jżomm rekord tal-assi kollha li għalihom ikun issodisfat li l-AIF għandu s-sjieda. Jista' jistabbilixxi proċedura biex jirċievi informazzjoni minn partijiet terzi, fejn proċeduri li jiżguraw li l-assi ma jistgħux jiġu ttrasferiti mingħajr ma d-depożitarju jew il-parti terza li lilha jkunu ddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja ma tkunx infurmata dwar tali tranżazzjonijiet, jistgħu ikunu fattibbli, fil-każ ta' AIFs bi tranżazzjonijiet infrekwenti u, skont il-każ, jew tranżazzjonijiet li huma soġġetti għal negozjati ta' qabel is-saldu. Ir-rekwiżit biex ikollhom aċċess għal evidenza dokumentarja ta' kull tranżazzjoni minn parti terza jista' jkun xierqa għal AIFs b'portafoll ta' negozjar aktar frekwenti, bħall-investimenti f'derivattivi elenkati.

(106) Sabiex jiġi żgurat li d-depożitarju jkun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu, huwa neċessarju li jiġu ċċarati l-kompiti previsti fl-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE, u partikolarment il-kontrolli tat-tieni livell li għandhom jitwettqu mid-depożitarju. Tali kompiti ma għandhomx jipprevjenu lid-depożitarju milli jwettaq verifiki ex-ante fejn iqis li dan huwa xieraq, u bi ftehim mal-AIFM. Sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu, id-depożitarju għandu jistabilixxi proċedura proprja ta' eskalazzjoni biex tindirizza sitwazzjonijiet fejn instabu irregolaritajiet. Dik il-proċedura għandha tiżgura n-notifika tal-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe ksur materjali. Ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tad-depożitarju lejn partijiet terzi speċifikati b'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet imposti fuq l-AIFM skont id-Direttiva 2011/61/UE.

(107) Id-depożitarju għandu jivverifika l-konsistenza bejn l-għadd ta' unitajiet jew ishma maħruġa u r-rikavati li jidħol mis-sottoskrizzjonijiet. Barra minn hekk, biex jiżgura li l-pagamenti magħmula mill-investituri mas-sottoskrizzjoni jkunu wasslu, id-depożitarju għandu jiżgura wkoll li titwettaq rikonċiljazzjoni oħra bejn l-ordnijiet ta' sottoskrizzjonijiet u r-rikavat mis-sottoskrizzjonijiet. L-istess rikonċiljazzjoni għandha titwettaq firrigward tal-ordnijiet tat-tifdija. Id-depożitarju għandu jivverifika wkoll li l-għadd ta' unitajiet jew ishma fil-kontijiet tal-AIF jaqbel mal-għadd ta' unitajiet jew ishma pendenti fir-reġistru tal-AIF. Id-depożitarju għandu jadatta l-proċeduri tiegħu skont dan, filwaqt li jqis il-frekwenza tas-sottoskrizzjonijiet u t-tifdijiet.

(108) Id-depożitarju għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li politiki u proċeduri xierqa tal-valwazzjoni tal-assi tal-AIF ikunu effettivament implimentati, billi jwettaq kontrolli fuq kampjuni jew billi jqabbel il-konsistenza tal-bidla fil-kalkolu NAV tul iż-żmien ma' dak ta' parametru referenzjarju. Meta jistabbilixxi l-proċeduri tiegħu, id-depożitarju għandu jkollu fehim ċar tal-metodoloġiji tal-valwazzjoni użati mill-AIFM jew mill-valwatur estern biex jagħti valur lill-assi tal-AIF. Il-frekwenza ta' dawn il-kontrolli għandha tkunu konsistenti mal-frekwenza tal-valwazzjoni tal-assi tal-AIF.

(109) Bis-saħħa tal-obbligu tiegħu ta' sorveljanza skont id-Direttiva 2011/61/UE, id-depożitarju għandu jistipula proċedura biex jivverifika fuq bażi ex post il-konformità tal-AIF mal-liġi u r-regolamenti applikabbli u mar-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tiegħu. Dan ikopri oqsma bħall-kontroll li l-investimenti tal-AIF huma konsistenti mal-istrateġiji tiegħu tal-investiment kif deskritt fir-regoli u d-dokumenti tal-offerta tal-AIF u jiżgura li l-AIF ma jiksirx ir-restrizzjonijiet tal-investiment tiegħu, jekk ikun hemm. Id-depożitarju għandu jimmonitorja t-tranżazzjonijiet tal-AIF u jinvetsiga kwalunkwe transazzjoni mhux tas-soltu. Jekk il-limiti jew ir-restrizzjonijiet stipulati fil-liġi nazzjonali jew fir-regolamenti applikabbli jew fir-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIF jinkisru, id-depożitarju għandu, pereżempju, jikseb struzzjoni mingħand l-AIFM biex jinverti t-tranżazzjoni li kienet bi ksur bl-ispejjez għalih stess. Dan ir-Regolament ma jipprevenix lid-depożitarju milli jadotta approċċ ex-ante fejn iqis li dan huwa xieraq, u bi ftehim mal-AIFM.

(110) Id-depożitarju għandu jiżgura li l-introjtu jiġi kkalkulati bi preċiżjoni skont id-Direttiva 2011/61/UE. Sabiex jinkiseb dan id-depożitarju jrid jiżgura li d-distribuzzjoni tal-introjtu tkun xierqa u, fejn jidentifika żball, li l-AIFM jieħu azzjoni rimedjali xierqa. La darba d-depożitarju jkun żgura dan, għandu jivverifika l-kompletezza u l-preċiżjoni tad-distribuzzjoni tal-introjtu u partikolarment tal-pagamenti tad-dividend.

(111) Meta jiġu ddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja relatati ma' assi oħra skont id-Direttiva 2011/61/UE, fil-biċċa l-kbira d-delega x'aktrax tkun tikkonċerna funzjonijiet amministrattivi. Fejn id-depożitarju jiddelega funzjonijiet taż-żamma tar-rekords, ikun meħtieġ jimplimenta u japplika proċedura xierqa u dokumentata sabiex jiżgura li d-delegat jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 21(11)(d) tad-Direttiva 2011/61/UE l-ħin kollu. Sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' protezzjoni tal-assi, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji li għandhom jiġu applikati f'relazzjoni mad-delega ta' salvagwardja. Għad-delega ta' dmirijiet ta' kustodja huwa importanti li jiġu stipulati xi prinċipji ewlenin li jridu effettivament jiġu applikati tul proċess kollu tad-delega. Dawk il-prinċipji ma għandhomx jitqiesu li huma eżawrjenti, kemm f'termini ta' stipular tad-dettalji kollha tal-eżerċizzju tal-attenzjoni u d-diliġenza dovuti tad-depożitarju, u lanqas f'termini ta' stipular tal-passi kollha li depożitarju għandu jieħu f'relazzjoni ma' dawn il-prinċipji stess. L-obbligu li tiġi mmonitorjata fuq bażi kontinwa l-parti terza, li ġiet iddelegata bil-funzjonijiet ta' salvagwardja għandu jikkonsisti fil-verifika li din il-parti terza twettaq korrettament il-funzjonijiet delegati kollha u tikkonforma mal-kuntratt tad-delega. Il-parti terza għandha taġixxi onestament, in bona fede bil-għan tal-aqwa interessi tal-AIF u l-investituri tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u superviżorji, u għandha teżerċita attenzjoni, diliġenza u ħila li normalment huma mistennija minn operatur prudenti ħafna f'dik il-professjoni finanzjarja f'ċirkustanzi kumparabbli. Id-depożitarju għandu jirrevedi *inter alia* l-elementi vvalutati matul il-proċess tal-għażla u tal-ħatra u jpoġġi dawn l-elementi f'perspettiva billi jqabbilhom mal-iżvilupp tas-suq. Il-forma ta' reviżjoni regolari għandha tirrifletti ċ-ċirkustanzi, ħalli d-depożitarju jkun f'pożizzjoni li jivvaluta kif xieraq ir-riskji relatati mad-deċiżjoni li assi jiġu fdati lil parti terza. Il-frekwenza tar-reviżjoni għandha tiġi adattata sabiex tiqba' dejjem konsistenti mal-kundizzjonijiet tas-suq u mar-riskji assoċjati. Biex id-depożitarju jirrispondi b'mod effettiv għal insolvenza possibbli tal-parti terza, għandu jħejji pjan ta' kontinġenza, inklużi t-tfassil ta' strateġiji alternattivi u l-għażla possibbli ta' fornituri alternattivi kif jista' jkunu rilevanti. Filwaqt li dawn il-miżuri jistgħu jnaqqsu r-riskju tal-kustodja ffaċċjat minn depożitarju, huma ma jbidlux l-obbligu tar-radd lura ta' strumenti finanzjarji jew il-pagament tal-ammont korrispondenti jekk jintilfu, li jiddependi fuq jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE humiex issodisfati jew le.

(112) Meta jiddelega funzjonijiet ta' salvagwardja, id-depożitarju għandu jiżgura li r-rekwiżiti tal-Artikolu 21(11)(d)(iii) tad-Direttiva 2011/61/UE jiġu ssodisfati u li l-assi tal-klijenti tal-AIF tad-depożitarju jkunu segregati sew. Dan l-obbligu għandu partikolarment jiżgura li l-assi tal-AIF ma jintilfux minħabba l-insolvenza tal-parti terza li lilha jkunu ġew delegati funzjonijiet ta' salvagwardja. Sabiex jitnaqqas dak ir-riskju f'pajjiżi fejn l-effetti tas-segregazzjoni mhumiex rikonoxxuti mil-liġi tal-insolvenza, id-depożitarju għandu jieħu passi ulterjuri. Id-depożitarju jista' jagħmel divulgazzjoni lill-AIF u l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF ħalli dawn l-aspetti tar-riskju tal-kustodja jitqiesu sew fid-deċiżjoni tal-investiment jew jieħdu tali

miżuri kif ikun possibbli fil-ġurisdizzjonijiet lokali biex irendi l-assi kemm jista' jkun protetti kontra l-insolvenza skont il-liġi lokali. Barra minn hekk, id-depożitarju jista' jipprojbixxi defiċits temporanji fl-assi tal-klijenti, juża bafers jew joħloq arranġamenti li jipprojbixxu l-użu ta' bilanċ ta' debitu ta' klijent wieħed biex ipaċi l-bilanċ ta' kreditu ta' ieħor. Filwaqt li dawn il-miżuri jistgħu jnaqqsu r-riskju tal-kustodja ffaċċjat minn depożitarju meta jiddelega funzjonijiet ta' kustodja, dawn ma jbidlux l-obbligu tar-radd lura ta' strumenti finanzjarji jew il-pagament tal-ammont korrispondenti jekk jintilfu, li jiddependi fuq jekk jew le r-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE humiex issodisfati.

(113) Ir-responsabbiltà tad-depożitarju skont l-Artikolu 21(12), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2011/61/UE tiskatta fl-eventwalità ta' telf ta' strument finanzjarju miżmum fil-kustodja mid-depożitarju stess jew minn parti terza li lilha ġiet delegata l-kustodja, sakemm id-depożitarju ma jurix li t-telf jirriżulta minn avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tiegħu kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġjonevoli kollha bil-kuntrarju. Dak it-telf għandu jkun distint minn telf minn investiment għall-investituri li jirriżulta minn waqgħa fil-valur tal-assi bħala konsegwenza ta'deċiżjoni ta' investiment.

(114) Sabiex jiġi aċċertat li huwa hekk, huwa importanti li t-telf ikun definittiv, u ma hemm l-ebda prospett li l-assi finanzjarju jiġi rkuprat. Għalhekk, sitwazzjonijiet fejn strument finanzjarju jkun biss temporanjament indisponibbli jew iffriżat ma għandux jgħodd bħala telf skont it-tifsira tal-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE. B'kuntrast, tliet tipi ta' sitwazzjonijiet jistgħu jiġu identifikat fejn it-telf għandu jitqies definittiv: fejn l-istrument finanzjarju ma għadux jeżisti jew qatt ma eżista; fejn l-istrument finanzjarju jeżisti iżda l-AIF ikun definittivament tilef id-dritt tiegħu tas-sjieda fuqu; u fejn l-AIF ikollu d-dritt tas-sjieda iżda ma jkunx għadu jista' jittrasferixxi titolu jew joħloq drittijiet limitati ta' sjieda fl-istrument finanzjarju fuq bażi permanenti.

(115) Strument finanzjarju jitqies li ma għadux jeżisti pereżempju meta jgħeb wara żball tal-kontabbiltà li ma jistax jitranġa, jew jekk qatt ma jkun eżista, meta s-sjieda tal-AIF kienet irreġistrata abbażi ta' dokumenti ffalsifikati. Sitwazzjonijiet fejn telf ta' strumenti finanzjarji jkun ikkawżat minn aġir frodulenti għandhom jitqiesu bħala telf.

(116) L-ebda telf ma jisa' jiġi aċċertat meta l-istrument finanzjarju jkun ġie ssostitwit minn, jew ikkonvertit fi strument finanzjarju ieħor, pereżempju f'sitwazzjonijiet fejn ishma jiġu kkanċellati u ssostitwiti bil-ħruġ ta' ishma ġodda f'riorganizzazzjoni ta' kumpanija. AIF ma għandux jitqies li tilef b'mod permanenti d-dritt tiegħu ta' sjieda fuq l-istrument finanzjarju jekk l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF ikun leġittimament ittrasferixxa s-sjieda lil parti terza. Fejn ikun hemm distinzjoni bejn is-sjieda legali u s-sjieda tal-benefiċċji tal-assi, id-definizzjoni ta' telf għandha tirreferi għat-telf tas-sjieda tal-benefiċċji.

(117) Huwa biss fil-każ ta' avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tad-depożitarju, li l-konsegwenzi tiegħu huma inevitabbli minkejja l-isforzi raġjonevoli kollha bil-kuntrarju, li d-depożitarju jista' jevita milli jinżamm responsabbli skont l-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE. L-issodisfar kumulattiv ta' dawn il-kundizzjonijiet għandhu jiġi ppruvat mid-depożitarju sabiex jiġi meħlus mir-responsabbiltà.

(118) L-ewwel għandu jiġi stabbilit jekk l-avveniment li wassal għat-telf kienx estern. Ir-responsabbiltà tad-depożitarju ma għandhiex tiġi affettwata mid-delega u għalhekk avveniment għandu jitqies estern jekk ma jiġrix bħala riżultat ta' xi att jew ommissjoni tad-depożitarju jew tal-parti terza li lilha tkun ġiet delegata l-kustodja tal-istrumenti finanzjarji miżmuma fil-kustodja. Imbagħad, għandu jiġi vvalutat jekk l-avveniment huwiex lil hinn mill-kontroll raġonevoli, billi jiġi verifikat li ma kien hemm xejn li depożitarju seta' b'mod raġonevoli għamel biex jevita li jseħħ l-avveniment. F'dawn il-passi, kemm avvenimenti naturali kif ukoll atti ta' awtorità pubblika jistgħu jitqiesu bħala avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli. Għalhekk, fil-kuntest tal-insolvenza ta' parti terza li lilha ġiet delegata l-kustodja, il-liġi tal-pajjiż fejn l-istrumenti huma miżmuma fil-kustodja, li ma tirrikonoxxix l-effetti ta' segregazzjoni implementata kif xieraq, hija meqjusa bħala avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli. B'kuntrast, telf ikkawżati min-nuqqas tal-applikazzjon tar-rekwiżiti tas-segregazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21(11)(d)(iii) tad-Direttiva 2011/61/UE jew telf ta' assi minħabba tfixkil fl-attività tal-parti terza firrigward tal-insolvenza tagħha, ma jistgħux jitqiesu bħala avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli.

(119) Fl-aħħarnett, id-depożitarju għandu jipprova li t-telf ma setax jiġu evitat minkejja l-isforzi raġjonevoli kollha bil-kuntrarju. F'dan il-kuntest, id-depożitarju għandu jinforma lill-AIFM u jieħu azzjoni xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Pereżempju, f'sitwazzjoni fejn id-depożitarju jemmen li l-unika azzjoni xierqa hija li jeħles mill-istrumenti finanzjarji, id-depożitarju għandu jgħarraf minnufih lill-AIFM, li mbagħad għandu jagħti struzzjonijiet bil-miktub lid-depożitarju dwar jekk ikomplix iżomm l-istrumenti finanzjarji jew jeħlisx minnhom. Kwalunkwe struzzjoni lid-depożitarju biex ikompli jżomm l-assi għandha tiġi rappurtata lill-investituri tal-AIF mingħajr dewmien żejjed. L-AIF jew l-AIFM għandu jqis kif dovut ir-rakkomandazzjonijiet tad-depożitarju. Skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-depożitarju jibqa' mħasseb li l-istandard ta' protezzjoni tal-istrument finanzjarju mhuwiex biżżejjed, minkejja twissijiet ripetuti, għandu jikkunsidra azzjoni ulterjuri possibbli, bħat-terminazzjoni tal-kuntratt, sakemm l-AIF jingħata perjodu ta' żmien biex isib depożitarju ieħor skont il-liġi nazzjonali.

(120) Sabiex jiġi żgurat l-istess standard ta' protezzjoni għall-investituri, l-istess konsiderazzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għad-delegat li lilu depożitarju jkun kontrattwalment ittrasferixxa r-responsabbiltà tiegħu. Għalhekk, sabiex jinħeles mir-responsabbiltà skont l-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE id-delegat għandu jipprova li kumulattivament jissodisfa l-istess kondizzjonijiet.

(121) Depożitarju huwa permess taħt ċerti ċirkostanzi jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà għal telf ta' strumenti finanzjarji miżmuma fil-kustodja minn parti terza li lilha tkun ġiet delegata l-kustodja. Biex dan il-ħelsien mir-responsabbiltà jkun permess irid ikun hemm raġuni oġġettiva għall-kuntrattar ta' dan il-ħelsien li hija aċċettata kemm mid-depożitarju kif ukoll mill-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF. Għandha tkun stabbilita raġuni oġġettiva għal kull ħelsien mir-responsabbiltà, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi konkreti li fihom tkun ġiet delegata l-kustodja.

(122) Meta tiġi kkunsidrata raġuni oġġettiva, għandu jiġi stabbilit bilanċ xieraq sabiex jiġi żgurat illi jekk ikun hemm bżonn wieħed ikun jista' effettivament jiddependi fuq il-ħelsien kuntrattwali u li jitwaqqfu salvagwardji suffiċjenti biex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin tal-ħelsien kuntrattwali mir-responsabbiltà mid-depożitarju. Ħelsien kuntrattwali mir-responsabbiltà ma għandu taħt l-ebda ċirkustanzi jintuża biex jiġu evitati r-rekwiżiti tar-responsabbiltà tad-depożitarju skont id-Direttiva 2011/61/UE. Id-depożitarju għandu juri li kien imġiegħel minn ċirkostanzi speċifiċi biex jiddelega l-kustodja lil parti terza. Il-kuntrattar ta' ħelsien għandu dejjem ikunu fl-aħjar interessi tal-AIF jew tal-investituri tiegħu, u l-AIF jew l-AIFM li jaġixxu f'isem l-AIF għandu jkun espliċitu li qed jaġixxi f'dawn l-aħjar interess. Eżempji ta' xenarji għandhom jindikaw is-sitwazzjonijiet fejn depożitarju jista' jitqies li ma għandux għażliet oħra ħlief li jiddelega l-kustodja lil partijiet terzi.

(123) Huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jiksbu informazzjoni xierqa u suffiċjenti sabiex jissuperviżjonaw l-attivitajiet tal-AIFMs u r-riskji relatati magħhom kif xieraq u konsistentament. Barra minn hekk, billi l-attivitajiet tal-AIFMs jista' jkollhom effetti transfruntieri u fuq is-swieq finanzjarji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw lill-AIFMs u l-AIFs mill-qrib sabiex jieħdu azzjoni xierqa biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' riskji sistemiċi. Żieda fit-trasparenza u l-konsistenza permezz ta' dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni relevanti kif deskritt fil-miżuri implimentattivi għandhom jagħmluha possibbli għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jikxfu u jirreaġixxu għar-riskji fis-swieq finanzjarji.

(124) Huwa essenzjali li l-investituri jiksbu l-informazzjoni minima meħtieġa fir-rigward ta' AIFMs u AIFs partikolari u l-istruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-aħjar deċiżjoni dwar l-investiment, imfassla skont il-bżonnijiet tagħhom u l-ħajra għar-riskju. Dik l-informazzjoni għandha tkun ċara, affidabbli, tinftiehem malajr u ppreżentata b'mod ċar, filwaqt li l-utilità tal-informazzjoni tissaħħaħ meta tkun paragunabbli bejn AIFM u ieħor u bejn AIF u ieħor u minn perjodu għall-ieħor. AIFM ma għandux jieħu sehem f'attivitajiet li jistgħu jkunu ta' detriment għall-fehim u l-użu prattiku u oġġettiv tal-informazzjoni lill-investituri qabel id-divulgazzjoni tagħha bħal tirqim żejjed.

(125) Huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas li jipprovdi għal standards minimi fir-rigward tar-rekwiżiti tar-rappurtar annwali, inklużi elementi ewlenin u lista mhux eżawrjenti ta' punti. Bidliet materjali fl-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(2)(d) tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom jiġi ddivulgati fir-rapport annwali fir-rapporti finanzjarji. Barra l-lista mhux eżawrjenti ta' entrati f'linja sottostanti, entrati f'linja, intestaturi u sottototali addizzjonali jistgħu jiġu inklużi fejn il-preżentazzjoni ta' dawn il-punti tkun rilevanti għall-fehim tal-pożizzjoni finanzjarja kumplessiva jew il-prestazzjoni tal-AIF. Punti ta' natura jew funzjoni differenti jistgħu jiġu aggregati sakemm tali punti ma jkunux materjalment rilevanti meta meħuda weħidhom. Dawk il-punti jistgħu jiġu aggregati taħt "kategorija oħra' bħal "assi oħra" jew "obbligazzjonijiet oħra". Meta l-entrati f'linja ma japplikawx għal AIF partikolari, ma għandhomx għalfejn jiġu ppreżentati. Irrispettivament mill-istandards tal-kontabbiltà segwiti skont id-Direttiva 2011/61/UE, l-assi kollha għandhom jiġu valwati mill-inqas darba fis-sena. Il-karta tal-bilanċ jew ir-rapport tal-assi u l-obbligazzjonijiet skont id-Direttiva 2011/61/UE għandha tinkludi, inter alia, flus u ekwivalenti ta' flus. Għalhekk, ekwivalenti ta' flus għandhom jitqiesu investimenti likwidi ħafna għall-iskop tal-kalkolu tal-iskopertura tal-AIF.

(126) Fir-rigward tal-kontenut u l-format tar-rapport dwar attivitajiet għas-sena finanzjarja li jrid ikun parti mir-rapport annwali skont id-Direttiva 2011/61/UE, ir-rapport għandu jinkludi analiżi ġusta u bilanċjata tal-attivitajiet tal-AIF b'deskrizzjoni tar-riskji ewlenin u l-investimenti jew l-inċertezzi ekonomiċi affaċċjati. Dik id-divulgazzjoni ma għandhiex tirriżulta fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni proprjetarja tal-AIF li tkun għad-detriment tal-AIF u l-investituri tiegħu. Għalhekk, jekk il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni proprjetarja partikolari jkollha effett bħal dan, tista' tiġi aggregata sa livell li jevita l-effett detrimentali u ma jkollhiex bżonn tkopri, pereżempju, il-prestazzjoni jew l-istatistika ta' portafoll individwali tal-kumpanija jew investiment li jista' jwassal għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni proprjetarja tal-AIF. Din l-informazzjoni għandha tifforma parti mir-rapport tal-maniġment safejn din normalment tiġi ppreżentata flimkien mar-rapporti finanzjarji.

(127) Fir-rigward tal-kontenut u l-format tad-divulgazzjoni tar-rimunerazzjoni fejn l-informazzjoni tiġi ppreżentata fil-livell tal-AIFM, għandha tkun provduta aktar informazzjoni permezz tad-divulgazzjoni ta' allokazzjoni jew analiżi tar-rimunerazzjoni totali kif tirrelata mal-AIF rilevanti. Dan jista' jsir permezz ta' divulgazzjoni tad-dejta kollha tar-rimunerazzjoni tal-AIFM maqsuma f'komponenti fissi u varjabbli, dikjarazzjoni li din id-dejta tikkonċerna tal-AIFM kollu, u mhux li l-AIF, l-għadd ta' AIFs u UCITS immaniġġjati mill-AIFM u l-assi totali mmaniġġjati ta' dawn l-AIFs u l-UCITS b'ħarsa ġenerali lejn il-politika tar-rimunerazzjoni u referenza għal fejn il-politika tar-rimunerazzjoni sħiħa tal-AIFM hija disponibbli fuq talba tal-investituri. Aktar dettalji jistgħu jiġu pprovduti minn divulgazzjoni tat-total tar-rimunerazzjoni varjabbli mħallas mill-AIF permezz tal-pagamenti min-naħa tiegħu ta' tariffi tal-prestazzjoni jew ta' imgħax riportat, skont il-każ. Minbarra d-divulgazzjoni tar-remunerazzjoni, jista' jkun xieraq li l-AIFMs jipprovdu informazzjoni rigward il-kriterji finanzjarji u mhux finanzjarji għall-politiki u l-prassi tar-rimunerazzjoni tal-kategoriji rilevanti tal-persunal sabiex jippermettu lill-investituri jivvalutaw l-inċentivi eżistenti li jinħolqu.

(128) Fejn l-AIF joħroġ unitajiet, trasferimenti ta' klwalunkwe assi f'pulijiet esklużivi għandhom jiġu kkalkulat, fil-mument tat-trasferiment, abbażi tal-għadd ta' unitajiet allokati fuq it-trasferiment tal-assi mmultiplikati bil-prezz ta' kull unità. Il-bażi tal-valwazzjoni għanda tiġi ddivulgata biċ-ċar fiċ-ċirkostanzi kollha u tinkludi d-data li fiha saret il-valwazzjoni.

(129) Sabiex jimmaniġġjaw il-likwidità l-AIFMs għandhom jitħallew jidħlu f'arranġamenti ta' self f'isem l-AIFs li jimmaniġġjaw. Dawk l-arranġamenti jistgħu jkunu għal perjodu ta' żmien qasir jew aktar permanenti. Fil-każ tal-aħħar huwa aktar probabbli li tali arranġament ikun arranġament speċjali bil-għan li jiġu mmaniġġjati assi illikwidi.

(130) F'konformità mal-prinċipju tad-differenzjazzjoni, u fil-waqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità tat-tipi tal-AIFs, id-divulgazzjoni lill-investituri meħtieġa minn AIFM għandha tvarja skont it-tip ta' AIF u tiddependi fuq fatturi oħra bħall-istrateġija tal-investiment u l-kompożizzjoni tal-portfoll.

(131) Id-Direttiva 2011/61/UE teħtieġ lill-AIFMs jipprovdu ċerta informazzjoni fuq bażi regolari lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom għal kull AIFs tal-UE li jimmaniġġjaw u għal kull AIF li jikkummerċjalizzaw fl-Unjoni. Huwa għalhekk importanti li tiġi speċifikata aktar l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta u l-frekwenza tar-rappurtar li jiddependu fuq il-valur tal-assi mmaniġġjati fil-portafolli ta' AIFs immaniġġjati minn AIFM partikolari. Għandhom jiġu pprovduti mudelli tar-rappurtar proforma u għandhom jimtlew mill-AIFM għall-AIFs li jimmaniġġja. Fejn entità li tkun awtorizzata bħala AIFM tikkummerċjalizza AIFs li jkunu immaniġġjati minn AIFMs oħra, ma għandhiex taġixxi bħala l-manager ta' dawk l-AIFs iżda bħala intermedjarju bħal kwalunkwe ditta ta' investiment koperta bid-Direttiva 2004/39/KE. Għalhekk ma għandhiex għalfejn tirrapporta għal dawn l-AIFs, għax dan iwassal għal rappurtar doppju jew multiplu. Dan ir-rekwiżit ta' rappurtar għandu madankollu tapplika għal AIFMs mhux mill-UE li jimmaniġġjaw AIFs li huma kkummerċjalizzati fl-Unjoni.

(132) Il-limitu minimu stipulat f'dan ir-Regolament jiskatta biss rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 24(4) tad-Direttiva 2011/61/UE. AIF bi proporzjon ta' ingranaġġ kkalkulat skont il-metodu impenn ta' inqas minn tliet darbiet il-valur nett tal-assi tiegħu ma jitqiesx li qed juża ingranaġġ fuq bażi sostanzjali. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ għall-monitoraġġ effettiv tar-riskji sistemiċi. L-istipular ta' limitu tar-rappurtar jiżgura wkoll li l-informazzjoni relatata mal-akkumulazzjoni ta' riskji sistemiċi tinġabar mill-Unjoni kollha b'mod konsistenti u tipprovdi ċertezza lill-AIFMs.

(133) Is-setgħat superviżorji ta' awtorità kompetenti skont l-Artikolu 25(3) tad-Direttiva 2011/61/UE huma eżerċitati fi ħdan is-sistema superviżorja l-ġdida, li tifforma parti minn dawk li huma l-proċessi kontinwi ta' superviżjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskju sistemiku tal-AIFMs mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej, b'referenza għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu użu xieraq mill-informazzjoni li jirċievu u għandhom jimponu limiti fuq l-ingranaġġ użat minn AIFM jew restrizzjonijiet oħra fuq l-immaniġġjar tal-AIF fir-rigward tal-AIFs immaniġġjati fejn iqisu li dan ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja. Il-valutazzjoni tar-riskju sistemiku x'aktarx tvarja skont l-ambjent ekonomiku, fejn kwalunkwe AIFM, b'rabta mal-AIFs li jimmaniġġja, ikollu l-potenzjal ikun sistemikament rilevanti. Għalhekk huwa rekwiżit bażiku li l-awtoritajiet kompetenti jiksbu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw dawk is-sitwazzjonijiet kif xieraq sabiex jevitaw l-akkumulazzjoni tar-riskju sistemiku. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-informazzjoni bir-reqqa u jieħdu l-miżuri xierqa.

(134) Sabiex AIFMs mill-UE jkunu jistgħu jimmaniġġjaw u jikkummerċjalizzaw AIFs mhux mill-UE u AIFMs mhux mill-UE jkunu jistgħu jimmaniġġjaw u jikkummerċjalizzaw AIFs fl-Unjoni, id-Direttiva 2011/61/UE teħtieġ li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit AIF mhux mill-UE jew, skont il-każ, AIFM mhux mill-UE. Tali arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom mill-inqas jiżguraw skambju effiċjenti tal-informazzjoni li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont id-Direttiva 2011/61/UE.

(135) L-arranġamenti ta' koperazzjoni għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom ta' superviżjoni u ta' infurzar fir-rigward ta' entitajiet minn pajjiżi terzi. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom għalhekk jistabbilixxu qafas konkret ċar għall-aċċess għall-informazzjoni, għat-twettiq ta' spezzjonijiet fuq il-post, u għall-assistenza li għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li tkun waslet tkun tista' tiġi kondiviża ma' awtoritajiet kompetenti oħra konċernati kif ukoll mal-AETS u l-BERS.

(136) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti, l-AIFMs u d-depożitarji jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda li jinsabu f'dan ir-Regolament ħalli jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod effiċjenti u effikaċi, id-data tal-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun allinjata mad-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/61/UE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/61/UE, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament

(1) "impenn kapitali" tfisser impenn kuntrattwali ta' investitur li jipprovdi lill-fond ta' investiment alternattiv (AIF) b'ammont miftiehem ta' investiment fuq talba mill-AIFM;

(2) "persuna rilevanti" b'rabta ma' AIFM, tfisser kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) direttur, sieħeb jew ekwivalenti, jew maniġer tal-AIFM;

(b) impjegat tal-AIFM, jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li s-servizzi tagħha jitqiegħdu għad-dispożizzjoni jew taħt il-kontroll tal-AIFM u li hija involuta fil-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' portfoll kollettiv mill-AIFM;

(c) persuna fiżika jew ġuridika li tkun involuta direttament fil-forniment ta' servizzi lill-AIFM skont arranġament ta' delega lil partijiet terzi għall-fini ta' forniment ta' mmaniġġjar ta' portafoll kollettiv mill-AIFM;

(3) "maniġment superjuri" tfisser il-persuna jew il-persuni li effettivament iwettqu n-negozju ta' AIFM skont l-Artikolu 8(1)(c) tad-Direttiva 2011/61/UE u, skont il-każ, il-membru jew il-membri eżekuttivi tal-korp tat-tmexxija;

(4) "korp tat-tmexxija" tfisser il-korp bl-awtorità aħħarija tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'AIFM, li jinkludi l-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali, jew il-funzjoni maniġerjali biss jekk iż-żewġ funzjonijiet ikunu separati;

(5) "arranġament speċjali" tfisser arranġament li jinħoloq bħala konsegwenza diretta tan-natura illikwida tal-assi tal-AIF li jaffettwa d-drittijiet speċifiċi ta' tifdija tal-investituri f'tip ta' unitajiet jew ishma tal-AIF u li huwa personalizzat jew arranġament separat mid-drittijiet ġenerali ta' tifdija tal-investituri.

## KAPITOLU II

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*TAQSIMA 1*

### *Kalkolu tal-assi mmaniġġjati*

[Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 2*

### Kalkolu tal-valur totali tal-assi mmaniġġjati

1. Sabiex jikkwalifika għall-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE AIFM għandu:

(a) jidentifika l-AIFs kollha li għalihom huwa maħtur bħala l-AIFM estern jew l-AIF li għalih huwa l-AIFM, fejn il-forma ġuridika tal-AIF tippermetti mmaniġġjar intern, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/61/UE;

(b) jidentifika għal kull AIF immaniġġjat il-portafoll tal-assi u jiddetermina skont ir-regoli tal-valwazzjoni stipulati fil-liġi tal-pajjiż fejn l-AIF ikun stabbilit jew skont il-każ, fir-regoli jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni tal-AIF il-valur korrispondenti tal-assi mmaniġġjati, inklużi l-assi kollha akkwistati permezz tal-użu tal-ingranaġġ;

(c) jaggrega l-valuri determinati tal-assi mmaniġġjati għall-AIFs immaniġġjati kollha u jqabbel valur totali li jirriżulta tal-assi mmaniġġjati mal-limitu relevanti stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, impriżi tal-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) li għalihom l-AIFM jaġixxi bħala l-kumpanija tal-immaniġġjar maħtura skont id-Direttiva 2009/65/KE ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu.

Għall-finijiet tal-paragrafu 1, AIFs immaniġġjati mill-AIFM li għalihom l-AIFM ikun iddelega funzjonijiet skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu. Madankollu, il-portfolji ta' AIFs li l-AIFM ikun qed jimmaniġġja skont delega għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu.

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-valur totali tal-assi mmaniġġjati, kull pożizzjoni ta' strument derivattiv, inkluż kwalunkwe derivattiv integrat f'titoli trasferibbli għandhom jiġu kkonvertiti fil-pożizzjoni ekwivalenti tiegħu fl-assi sottostanti tad-derivattiv bl-użu ta' metodoloġiji ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 10. Il-valur assolut ta' dik il-pożizzjoni ekwivalenti għandu mbagħad jintuża għall-kalkolu tal-valur totali tal-assi mmaniġġjati.

4. Fejn l-AIF jinvesti f'AIFs oħra mmaniġġjati mill-istess AIFM maħtur esternament, dak l-investiment jista' jiġi eskluż mill-kalkolu tal-assi tal-AIFM mmaniġġjati.

5. Fejn kompartiment wieħed f'AIF immaniġġjat internament jew esternament jinvesti f' kompartiment ieħor ta' dak l-AIF, dak l-investiment jista' jiġi eskluż mill-kalkolu tal-assi immaniġġjati tal-AIFMs.

6. Il-valur totali tal-assi mmaniġġjati għandu jiġi kkalkulat skont il-paragrafi 1 sa 4 mill-inqas kull sena u bl-użu tal-valuri tal-assi l-aktar reċenti disponibbli. Valur l-aktar riċenti disponibbli tal-assi għal kull AIF għandu jkun prodott matul it-tnax-il xahar ta' qabel id-data tal-kalkolu tal-limitu skont l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu. L-AIFM għandu jiddetermina limitu għad-data tal-kalkolu u japplikaha b'mod konsistenti. Kwalunkwe bidla sussegwenti fid-data magħżula għandha tkun iġġustifikata lill-awtorità kompetenti. Fl-għażla tal-limitu għad-data tal-kalkolu, l-AIFM għandu jqis il-ħin u l-frekwenza tal-valwazzjoni tal-assi mmaniġġjati.

*Artikolu 3*

**Monitoraġġ kontinwu tal-assi mmaniġġjati**

L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u japplikaw proċeduri biex jimmonitorjaw fuq bażi kontinwa l-valur totali tal-assi mmaniġġjati. Il-monitoraġġ għandu jirrifletti ħarsa ġenerali aġġornata tal-assi mmaniġġjati u għandu jinkludi l-osservazzjoni tal-attività ta' sottoskrizzjoni u tifdija jew, fejn applikabbli, il-ġbid ta' kapital, id-distribuzzjonijiet tal-kapital u l-valur tal-assi investiti għal kull AIF.

Il-prossimità tal-valur totali tal-assi mmaniġġjati mal-limitu stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE u l-attività ta' sottoskrizzjoni u fidwa antiċipata għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal kalkoli aktar frekwenti tal-valur totali tal-assi mmaniġġjati.

*Artikolu 4*

**Ksur okkażjonali tal-limitu**

1. L-AIFM għandu jevalwa s-sitwazzjonijiet fejn il-valur totali tal-assi mmaniġġjati jeċċedi l-limitu relevanti sabiex jiddetermina jekk mhumiex ta' natura temporanja.

2. Fejn il-valur totali tal-assi mmaniġġjati jeċċedi l-limitu relevanti u l-AIFM iqis li l-qagħda mhijiex ta' natura temporanja, l-AIFM għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti u jiddikjara li s-sitwazzjoni titqies li mhijiex ta' natura temporanja u għandu jfittex awtorizzazzjoni fi żmien 30 jum tal-kalendarju skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/61/UE.

3. Fejn il-valur totali tal-assi mmaniġġjati jeċċedi l-limitu relevanti u l-AIFM iqis li l-qagħda hija ta' natura temporanja, l-AIFM għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien, u jiddikjara li s-sitwazzjoni titqies ta' natura temporanja. In-notifika għandha tinkludi informazzjoni ta' appoġġ biex tiġġustifika l-valutazzjoni tal-AIFM tan-natura temporanja tas-sitwazzjoni, inkluża deskrizzjoni tas-sitwazzjoni u spjegazzjoni tar-raġunijiet għalfejn jikkonsidraha temporanja.

4. Sitwazzjoni ma għandhiex titqies ta' natura temporanja jekk x'aktarx li ddum għal perjodu ta' iktar minn tliet xhur.

5. Tliet xhur wara d-data li fiha valur totali tal-assi mmaniġġjati jeċċedi l-limitu relevanti, l-AIFM għandu jikkalkola mill-ġdid il-valur totali tal-assi mmaniġġjati sabiex juri li hu taħt il-livell rilevanti jew juri lill-awtorità kompetenti li s-sitwazzjoni li rriżultat biex l-assi mmaniġġjati jaqbżu l-limitu ġiet riżolta u applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-AIFM mhix meħtieġa.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta bħala parti mir-reġistrazzjoni**

1. Bħala parti mir-rekwiżiti fl-Artikolu 3(3)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-AIFMs għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti l-valur totali tal-assi mmaniġġjati kkalkulat skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 2.

2. Bħala parti mir-rekwiżiti fl-Artikolu 3(3)(c) tad-Direttiva 2011/61/UE l-AIFMs għandhom jipprovdu għal kull AIF id-dokument tal-offerta jew estratt rileventi mid-dokument tal-offerta jew deskrizzjoni ġenerali tal-istrateġija tal-investiment. L-estratt rilevanti mid-dokument tal-offerta u deskrizzjoni tal-istrateġija tal-investiment għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kategoriji prinċipali tal-assi li fihom jista' jinvesti l-AIF;

(b) kwalunkwe setturi industrijali, ġeografiċi jew setturi oħra tas-suq jew klassijiet speċifiċi ta' assi li huma l-fokus tal-istrateġija tal-investiment;

(c) deskrizzjoni tal-politika tal-AIF għat-teħid ta' self jew ingranaġġ.

3. Informazzjoni li għandha tingħata mill-AIFM skont il-punt (d) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE hija elenkata fl-Artikolu 110(1) ta' dan ir-Regolament. Għandha tingħata skont il-mudell proforma ta' rappurtar kif stabbilit fl-Anness IV.

4. L-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 3(3)(d) tad-Direttiva 2011/61/UE għandha tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni, mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) u mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fejn meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiethom.

5. L-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' reġistrazzjoni għandha tiġi aġġornata u mogħtija fuq bażi annwali. Għal raġunijiet relatati mal-eżerċitar tas-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li AIFM jagħti l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/61/UE fuq bażi aktar frekwenti.

*TAQSIMA 2*

***Kalkolu tal-ingranaġġ***

[Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kalkolu tal-ingranaġġ**

1. L-ingranaġġ ta' AIF għandu jiġi espress bħala l-proporzjon bejn l-iskopertura ta' AIF u valur nett tal-assi tiegħu.

2. L-AIFMs għandhom jikkalkulaw l-iskopertura tal-AIFs immaniġġjati skont il-metodu gross kif stipulat fl-Artikolu 7 u l-metodu impenn kif stabbilit fl-Artikolu 8.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi, fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u mhux aktar tard mill-21 ta' Lulju 2015, il-metodi ta' kalkolu msemmija fl-ewwel subparagrafu sabiex tiddeċiedi jekk dawn il-metodi humiex biżżejjed u xierqa għat-tipi kollha ta' AIFs, jew jekk għandux jiġi żviluppat metodu addizzjonali u fakultattiv għall-kalkolu tal-ingranaġġ.

3. L-iskopertura li tkun tinsab fi kwalunkwe struttura finanzjarja jew ġuridika li tinvolvi partijiet terzi kontrollati mill-AIF rilevanti għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskopertura fejn l-istrutturi msemmija huma speċifikament stabbiliti biex direttament jew indirettament iżidu l-iskopertura fil-livell tal-AIF. Għall-AIFs li l-qalba tal-politika tagħhom hija li jakkwistaw il-kontroll ta' kumpaniji jew emittenti mhux elenkati, l-AIFM ma għandu jinkludi fil-kalkolu tal-ingranaġġ l-ebda skopertura li teżisti fil-livell ta' dawk il-kumpaniji u l-emittenti mhux elenkati sakemm l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF ma jkollux iġarrab telf potenzjali lil hinn mill-investiment tiegħu fil-kumpanija jew l-emittent rispettiv.

4. L-AIFMs għandhom jeskludu l-arranġamenti ta' teħid tas-self li jkunu daħlu għalihom jekk dawn ikunu ta' natura temporanja u jkunu kompletament koperti minn impenji kapitali kuntrattwali minn investituri fl-AIF.

5. AIFM għandu jkollu proċeduri dokumentati xierqa biex jikkalkula l-iskopertura ta' kull AIF li jimmaniġġja skont il-metodu gross u l-metodu impenn. Il-kalkolu għandu jiġi applikat b'mod konsistenti matul iż-żmien.

*Artikolu 7*

**Metodu gross għall-kalkolu tal-iskopertura tal-AIF**

L-iskopertura ta' AIF ikkalkulata skont il-metodu gross għandha tkun is-somma tal-valuri assoluti tal-pożizzjonijiet kollha valwati skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE u l-atti delegati kollha adottati skontu.

Għall-kalkolu tal-iskopertura ta' AIF skont metodu gross l-AIFM għandu:

(a) jeskludi l-valur ta' kwalunkwe flus u ekwivalenti ta' flus li huma investimenti likwidi ħafna miżmuma fil-munita bażi tal-AIF, li huma konvertibbli faċilment għal ammont magħruf ta' flus, huma soġġetti għal riskju insinifikanti ta' tibdil fil-valur u jipprovdu redditu mhux akbar mir-rata ta' bond tal-gvern ta' kwalità għolja ta' tliet xhur;

(b) jikkonverti strumenti derivattivi fil-pożizzjoni ekwivalenti fl-assi sottostanti tagħhom bl-użu tal-metodoloġiji ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 10 u l-metodi stabbiliti fil-paragrafi (4) sa (9) u (14) tal-Anness I;

(c) jeskludi teħid ta' self fi flus li jibqa' fi flus jew f'ekwivalenti ta' flus kif imsemmi fil-punt (a) u fejn l-ammonti ta' dak il-pagabbli jkunu magħrufa;

(d) jinkludi skoperturi li jirriżultaw mir-riinvestiment ta' flus meħuda b'self, espressi bħala l-ogħla bejn il-valur tas-suq tal-investiment realizzat jew l-ammont totali tal-flus meħuda b'self kif imsemmi fil-paragrafi (1) u (2) tal-Anness I;

(e) jinkludi pożizzjonijiet fi ftehimiet ta' riakkwist jew riakkwist invers u għoti jew teħid f'self ta' titoli jew arranġamenti oħra skont il-paragrafi (3) u (10) sa (13) tal-Anness I.

*Artikolu 8*

**Metodu umpenn għall-kalkolu tal-iskopertura ta' AIF**

1. L-iskopertura ta' AIF ikkalkulata skont il-metodu impenn għandha tkun is-somma tal-valuri assoluti tal-pożizzjonijiet kollha valwati skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE u l-atti delegati korrispondenti tagħha, soġġett għall-kriterji previsti fil-paragrafi 2 sa 9.

2. Għall-kalkolu tal-iskopertura ta' AIF skont il-metodu impenn l-AIFM għandu:

(a) jikkonvertu kull pożizzjoni tal-istrument derivattiv f'pożizzjoni ekwivalenti fl-assi sottostanti ta' dak id-derivattiv bl-użu tal-metodoloġiji tal-konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 10 u l-paragrafi (4) sa (9) u (14) tal-Anness II;

(b) japplika arranġamenti ta' netting u ħeġġjar;

(c) jikkalkula l-iskopertura maħluqa permezz tar-riinvestiment tat-teħid ta' self fejn dan l-investiment iżid l-iskopertura tal-AIF kif definit fil-paragrafi (1) u (2) tal-Anness I;

(d) jinkludi arranġamenti oħra fil-kalkolu skont il-paragrafi (3) u (10) sa (13) tal-Anness I.

3. Għall-finijiet tal-kalkolu l-iskopertura ta' AIF skont il-metodu impenn:

(a) arranġamenti ta' netting għandhom jinkludu kombinazzjonijiet ta' negozjar fuq strumenti derivattivi jew pożizzjonijiet ta' titoli li jirreferu għall-istess assi sottostanti, irrispettivament – fil-każ ta' strumenti derivattivi – mid-data tal-maturità tal-istrumenti derivattivi u minn fejn dak in-negozjar ta' strumenti derivattivi jew pożizzjonijiet ta' titoli ġie konkluż bl-uniku għan li jiġu eliminati r-riskji marbuta mal-pożizzjonijiet meħuda permezz ta' strumenti derivattivi jew pożizzjonijiet ta' titoli oħrajn;

(b) arranġamenti ta' ħeġġjar għandhom jinkludu kombinazzjonijiet ta' negozjar fuq strumenti derivattivi jew pożizzjonijiet ta' titoli li mhux bilfors jirreferu għall-istess assi sottostanti u fejn dak in-negozjar ta' strumenti derivattivi jew pożizzjonijiet ta' titoli ġie konkluż bl-uniku għan li jiġu paċuti r-riskji marbuta mal-pożizzjonijiet meħuda permezz ta' strumenti derivattivi jew pożizzjonijiet ta' titoli oħrajn.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, strument derivattiv ma għandux jiġi kkonvertit f'pożizzjoni ekwivalenti fl-assi sottostanti jekk ikollu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) ipartat il-prestazzjoni tal-assi finanzjarji miżmuma fil-portafoll tal-AIF mal-prestazzjoni ta' assi finanzjarji oħra ta' referenza;

(b) ipaċi għal kollox ir-riskji tal-assi mpartin miżmuma fil-portafoll tal-AIF b'mod li l-prestazzjoni tal-AIF ma tiddependix fuq il-prestazzjoni tal-assi mpartin;

(c) ma jinkludi la karatteristiċi fakultattivi addizzjonali, u lanqas klawsoli ta' ingranaġġ jew riskji addizzjonali oħra meta mqabbel ma' parteċipazzjoni diretta fl-assi finanzjarju ta' referenza.

5. B'deroga mill-paragrafu 2, strument derivattiv ma għandux jiġi kkonvertit f'pożizzjoni ekwivalenti fl-assi sottostanti meta tiġi kkalkulata l-iskopertura skont il-metodu impenn jekk jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-parteċipazzjoni kkombinata tal-AIF fi strument derivattiv relatat ma' assi finanzjarju u flus li huwa investit f'ekwivalenti ta' flus kif definit fl-Artikolu 7(a) tkun ekwivalenti għal parteċipazzjoni f'pożizzjoni twila fl-assi finanzjarju partikolari;

(b) strument derivattiv ma għandu jiġġenera l-ebda skopertura inkrimentali u ingranaġġ jew riskju.

6. Arranġamenti ta' ħeġġjar għandhom jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-iskopertura ta' AIF fil-każ biss li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet involuti fi ħdan ir-relazzjoni tal-iħheġġjar ma jimmirawx li jiġġeneraw redditu u r-riskji ġenerali u speċifiċi jkunu paċuti;

(b) ikun hemm tnaqqis verifikabbli tar-riskju tas-suq fil-livell tal-AIF;

(c) ir-riskji marbuta ma' strumenti derivattivi, ġenerali u speċifiċi, jekk ikun hemm, ikunu paċuti;

(d) l-arranġamenti tal-iħħeġġjar ikunu marbuta mal-istess klassi ta' assi;

(e) ikunu effiċjenti f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress.

7. Soġġett għall-paragrafu 6, strumenti derivattivi użati għal finijiet ta' ħheġġjar tal-munita u li ma jżidu l-ebda skopertura inkrementali, ingranaġġ jew riskji oħrajn ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu.

8. AIFM għandu jinnettja l-pożizzjonijiet fi kwalunkwe mill-każijiet li ġejjin:

(a) bejn strumenti derivattivi, sakemm dawn jirreferu għall-istess assi sottostanti, anke jekk id-data tal-maturità mill-istrumenti derivattivi tkun differenti;

(b) bejn strument derivat li l-assi sottostanti tiegħu huwa titolu trasferibbli, strument tas-suq tal-flus jew l-unitajiet f'impriża ta' investiment kollettiv kif imsemmi fil-punti 1 sa 3 fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE, u dak l-istess assi sottostanti korrispondenti.

9. AIFMs li jimmaniġġjaw AIFs li, skont il-politika prinċipali tagħhom tal-investiment, primarjament jinvestu f'derivattivi ta' rati ta' imgħax għandhom jagħmlu użu minn regoli ta' netting ta' tul taż-żmien speċifiku sabiex iqisu l-korrelazzjoni bejn is-segmenti tal-maturità tal-kurva tar-rati tal-imgħax kif stipulat fl-Artikolu 11.

*Artikolu 9*

**Metodi għaż-żieda tal-iskopertura ta' AIF**

Meta jikkalkulaw skopertura, l-AIFMs għandhom jużaw il-metodi stipulati fl-Anness I għas-sitwazzjonijiet imsemmija hemmhekk.

*Artikolu 10*

**Metodoloġiji ta' konverżjoni għal strumenti derivattivi**

AIFMs għandhom jużaw il-metodoloġiji ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness II għall-istrumenti derivattivi msemmija hemmhekk.

*Artikolu 11*

**Regoli tan-netting tat-tul taż-żmien**

1. Meta jikkalkulaw l-iskopertura tal-AIFs, l-AIFMs għandhom japplikaw regoli tan-netting tat-tul taż-żmien skont l-Artikolu 8(9).

2. Ir-regoli tat-tul taż-żmien tan-netting ma għandhomx jintużaw jekk iwasslu għal misrappreżentazzjoni tal-profil tar-riskju tal-AIF. L-AIFMs li jużaw dawk ir-regoli tan-netting ma għandhomx jinkludu sorsi oħra ta' riskju bħall-volatilità fl-istrateġija tagħhom tar-rata tal-imgħax. Konsegwentement, strateġiji tal-arbitraġġ tar-rati tal-imgħax ma għandhomx japplikaw dawk ir-regoli tan-netting.

3. L-użu ta' dawk ir-regoli tat-tul taż-żmien tan-netting ma għandhom jiġġeneraw l-ebda livell mhux ġustifikat ta' ingranaġġ permezz ta' investiment f'pożizzjonijiet b'terminu qasir. Derivattivi b'rati ta' imgħax qosra ma għandhomx ikunu s-sors prinċipali tal-prestazzjoni ta' AIF b'tul ta' żmien medju li juża regoli tan-netting tat-tul taż-żmien.

4. Id-derivattivi tar-rati ta' imgħax għandhom jiġu kkonvertiti fil-pożizzjoni tal-assi sottostanti ekwivalenti tagħhom u nnettjati skont l-Anness III.

5. AIF li juża r-regoli tat-tul taż-żmien tan-netting xorta jista' juża l-qafas tal-iħħeġġjar. Ir-regoli tan-netting tat-tul taż-żmien jistgħu jiġu applikati biss għal derivattivi b'rati ta' imgħax li mhumiex inklużi f'arranġamenti tal-iħħeġġjar.

*TAQSIMA 3*

***Fondi proprji addizzjonali u l-assigurazzjoni tal-indennizz professjonali***

[Artikoli 9(7) u 15 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 12*

**Riskji tar-responsabbiltà professjonali**

1. Ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali li għandhom jiġu koperti skont l-Artikolu 9(7) tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom ikunu r-riskji ta' telf jew dannu kkawżat minn persuna rilevanti permezz ta' twettiq negliġenti tal-attivitajiet li għalihom l-AIFM ikollu responsabbiltà ġuridika.

2. Ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali kif definit fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu, mingħajr ma jkunu limitati għal, ir-riskji ta':

(a) telf ta' dokumenti li jixhdu l-jedd fuq assi tal-AIF;

(b) misrappreżentazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet li jqarrqu magħmula lill-AIF jew lill-investituri tiegħu;

(c) atti, żbalji jew ommissjonijiet li jirriżultaw fi ksur ta':

(i) obbligi ġuridiċi u regolatorji;

(ii) dmir ta' ħila u attenzjoni fir-rigward tal-AIF u l-investituri tiegħu;

(iii) dmirijiet fiduċjarji;

(iv) obbligi ta' kunfidenzjalità;

(v) regoli jew strumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIF;

(vi) termini tal-ħatra tal-AIFM mill-AIF;

(d) nuqqas li jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċeduri xierqa li jimpedixxu atti diżonesti, frodulenti jew malizjużi;

(e) valwazzjoni tal-assi mwettqa ħażin jew kalkolu tal-prezzijiet tal-unitajiet/ishma;

(f) telf li jirriżultaw minn tfixkil tan-negozju, nuqqasijiet fis-sistema, nuqqas ta' proċessar tat-tranżazzjonijiet jew immaniġġjar tal-proċessi.

3. Ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali għandhom ikunu koperti l-ħin kollu jew permezz ta' fondi proprji addizzjonali xierqa determinati skont l-Artikolu 14 jew permezz ta' kopertura xierqa ta' assigurazzjoni tal-indennizz professjonali determinata skont l-Artikolu 15.

*Artikolu 13*

**Rekwiżiti kwalitattivi li jindirizzaw ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali**

1. AIFM għandu jimplimenta politiki u proċeduri interni tal-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali effettivi biex jidentifika, ikejjel, jimmaniġġja u jimmonitorja kif xieraq ir-riskji operazzjonali inklużi r-riskji tar-responsabbiltà professjonali tar-riskji li l-AIFM ikun jew jista' jkun b'mod raġonevoli espost għalihom. L-attivitajiet tal-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali għandhom jitwettqu indipendentement bħala parti mill-politika tal-immaniġġjar tar-riskji.

2. AIFM għandu jistabbilixxi bażi tad-dejta tat-telf storiku, fejn kwalunkwe nuqqas operazzjonali, telf u dannu esperjenzat għandu jiġi rreġistrat. Din il-bażi tad-dejta għandha tirreġistra, mingħajr ma tkun limitata għal, kwalunkwe riskju ta' responsabbiltà professjonali kif imsemmi fl-Artikolu 12(2) li jkun immaterjalizza.

3. Fi ħdan il-qafas tal-immaniġġjar tar-riskji l-AIFM għandu juża d-dejta interna tiegħu tat-telf storiku u fejn xieraq dejta esterna, analiżi ta' xenarji u fatturi li jirriflettu l-ambjent tan-negozju u s-sistemi tal-kontroll intern.

4. Skoperturi għal riskji operazzjonali u esperjenza ta' telf għandhom jiġu monitorjati fuq bażi kontinwa u għandhom jiġu soġġetti għal rappurtar intern regolari.

5. Il-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali ta' AIFM għandhom ikunu dokumentati sew. AIFM għandu jkollu arranġamenti biex jiżgura l-konformità mal-politiki tal-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali tiegħu u miżuri effettivi biex jindirizza n-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-politiki. AIFM għandu jkollu proċeduri fis-seħħ biex jieħu azzjoni korrettiva xierqa.

6. Il-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali u s-sistemi tal-kejl għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni regolari, mill-inqas fuq bażi annwali.

7. AIFM għandu jżomm riżorsi finanzjarji adegwati skont il-profil tar-riskju vvalutat tiegħu.

*Artikolu 14*

**Fondi proprji addizzjonali**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-AIFMs li jagħżlu li jkopru r-riskji tar-responsabbiltà professjonali permezz ta' fondi proprji addizzjonali.

2. L-AIFM għandu jipprovdi fondi proprji addizzjonali li jkopru r-riskji tar-responsabbiltà li tirriżulta minn negliġenza professjonali li jkunu mill-inqas ugwali għal 0,01 % tal-valur tal-portafolji tal-AIFs immaniġġjati.

Il-valur tal-portfolji tal-AIFs immaniġġjati għandu jkun is-somma tal-valur assolut tal-assi kollha tal-AIFs immaniġġjati kollha mill-AIFM, inklużi assi akkwistati permezz tal-użu ta' ingranaġġ, fejn strumenti derivattivi għandhom jiġu valwati bil-valur tagħhom fuq is-suq.

3. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi rikalkulat fi tmiem kull sena finanzjarja u l-ammont ta' fondi proprji addizzjonali għandu jiġi aġġustat skont dan.

L-AIFM għandu jistabbilixxi, jimplimenta u japplika proċeduri biex jimmonitorja fuq bażi kontinwa l-valur tal-portfolji tal-AIFs immaniġġjati, ikkalkulat skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2. Fejn, qabel ir-rikalkulazzjoni annwali msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-valur tal-portfolji tal-AIFs immaniġġjati jiżdied b'mod sinifikanti, l-AIFM għandu mingħajr dewmien jirrikalkula l-fondi proprji addizzjonali u għandu jaġġusta l-fondi proprji addizzjonali skont dan.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM tista' tawtorizza lill-AIFM jipprovdi fondi proprji addizzjonali anqas mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 biss jekk tkun issodisfata — fuq il-bażi tad-dejta storika tat-telf tal-AIFM kif irreġistrata matul perjodu ta' osservazzjoni ta' mill-inqas tliet snin qabel il-valutazzjoni — li l-AIFM jipprovdi biżżejjed fondi proprji addizzjonali biex jkopri kif xieraq ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali. L-ammont anqas ta' fondi proprji addizzjonali awtorizzat ma għandux jkun anqas minn 0,008 % tal-valur tal-portafolji tal-AIFs immaniġġjati mill-AIFM.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM tista' titlob lill-AIFM jipprovdi fondi proprji addizzjonali ogħla mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 jekk ma tkunx issodisfata li l-AIFM jipprovdi biżżejjed fondi proprji addizzjonali biex ikopri kif xieraq ir-riskji tar-responsabbiltà professjonali. L-awtorità kompetenti għandha tagħti r-raġunijiet għaliex tqis li l-fondi proprji addizzjonali tal-AIFM mhumiex suffiċjenti.

*Artikolu 15*

**Assigurazzjoni tal-indennizz professjonali**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-AIFMs li jagħżlu li jkopru r-riskji tar-responsabbiltà professjonali permezz ta' assigurazzjoni tal-indennizz professjonali.

2. L-AIFM għandu jieħu u jżomm il-ħin kollu assigurazzjoni għall-indennizz professjonali li:

(a) għandu jkollha terminu inizjali ta' mhux anqas minn sena;

(b) għandu jkollha perjodu ta' notifika tal-ikkanċellar ta' mill-inqas 90 jum;

(c) għandha tkopri r-riskji tar-responsabbiltà professjonali kif definit fl-Artikolu 12(1) u (2);

(d) tinħareġ minn impriża fl-UE jew mhux fl-UE awtorizzata biex tipprovdi assigurazzjoni tal-indennizz professjonali, skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali;

(e) hija pprovduta minn entità li hija parti terza.

Kwalunkwe eċċess definit miftiehem għandu jkun kopert bis-sħiħ minn fondi proprji li huma apparti mill-fondi proprji li jridu jiġu pprovduti skont l-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2011/61/UE.

3. Il-kopertura tal-assigurazzjoni għal pretensjoni individwali għandu jkun ugwali għal tal-anqas 0,7 % tal-valur tal-portafolji tal-AIFs immaniġġjati mill-AIFM ikkalkulat kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2).

4. Il-kopertura tal-assigurazzjoni għal pretensjonijiet aggregati kull sena għandha tkun ugwali għal tal-anqas għal 0,9 % tal-valur tal-portafolji tal-AIFs immaniġġjati mill-AIFM ikkalkulat kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2).

5. L-AIFM għandu jirrevedi l-politika tal-assigurazzjoni tal-indennizz professjonali u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu mill-inqas darba fis-sena u fl-eventwalità ta' kwalunkwe bidla li taffettwa l-konformità tal-politika mar-rekwiżiti f'dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

**KUNDIZZJONIJIET OPERAZZJONALI GĦALL-AIFMS**

*TAQSIMA 1*

***Prinċipji ġenerali***

[Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 16*

**Obbligi ġenerali għall-awtoritajiet kompetenti**

Meta jivvalutaw il-konformità tal-AIFM mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw mill-inqas il-kriterji stabbiliti f'din it-Taqsima.

*Artikolu 17*

**Dmir li jaġixxu fl-aħjar interessi tal-AIF jew tal-investituri fl-AIF u tal-integrità tas-suq**

1. L-AIFMs għandhom japplikaw politiki u proċeduri biex jipprevjenu prassi ħżiena, inklużi dawk li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jaffettwaw ħażin l-istabbiltà u l-integrità tas-suq.

2. L-AIFMs għandhom jiżguraw li AIFs li jimmaniġġjaw jew l-investituri f'dawn l-AIFs ma jiġux debitati spejjeż mhux dovuti.

*Artikolu 18*

**Diliġenza dovuta**

1. L-AIFMs għandhom japplikaw standard għoli ta' diliġenza fl-għażla u l-monitoraġġ kontinwu tal-investimenti.

2. L-AIFMs għandhom jiżguraw li jkollhom għarfien u l-fehim adegwat tal-assi li jkun investit fihom l-AIF.

3. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u japplikaw politiki u proċeduri bil-miktub dwar id-diliġenza dovuta u jimplimentaw arranġamenti effikaċi biex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet tal-investiment f'isem l-AIF jitwettqu f'konformità mal-għanijiet, l-istrateġija tal-investiment u fejn applikabbli mal-limiti tar-riskji tal-AIF.

4. Il-politiki u l-proċeduri dwar id-diliġenza dovuta msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu riveduti u aġġornati regolarment.

*Artikolu 19*

**Diliġenza dovuta meta jinvestu f'assi b'likwidità limitata**

1. Meta l-AIFMs jinvestu f'assi b'likwidità limitata u fejn tali investiment ikun ippreċedut b'fażi ta' negozjati, huma għandhom, fir-rigward tal-fażi tan-negozjati, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18:

(a) jistabbilixxu u regolarment jaġġornaw pjan tan-negozju konsistenti mat-tul taż-żmien tal-AIF u l-kundizzjonijiet tas-suq;

(b) ifittxu u jagħżlu tranżazzjonijiet possibbli konsistenti mal-pjan tan-negozju msemmi fil-punt (a);

(c) jivvalutaw it-tranżazzjonijiet magħżula fid-dawl tal-opportunitajiet, jekk hemm, u r-riskji kumplessivi relatati, il-fatturi rilevanti kollha ġuridiċi, dawk relatati mat-taxxa, finanzjarji jew fatturi oħra li jaffettwaw il-valur, ir-riżorsi umani u materjali, u l-istrateġiji, inklużi strateġiji tal-ħruġ;

(d) iwettqu attivitajiet ta' diliġenza dovuta relatati mat-transazzjonijiet qabel ma' jorganizzaw l-eżekuzzjoni;

(e) jimmonitorjaw il-prestazzjoni tal-AIF fir-rigward tal-pjan tan-negozju msemmi fil-punt (a).

2. L-AIFMs għandhom iżommu rekords tal-attivitajiet imwettqa skont il-paragrafu 1 għal mill-inqas ħames snin.

*Artikolu 20*

**Diliġenza dovuta fl-għażla u l-ħatra ta' kontrapartijiet u sensara prinċipali**

1. Meta jagħżlu u jaħtru kontrapartijiet u sensara prinċipali, l-AIFMs għandhom jeżerċitaw il-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza dovuta qabel ma jidħlu fi ftehim u fuq bażi kontinwa wara dan, filwaqt li jqisu l-firxa sħiħa u l-kwalità tas-servizzi tagħhom.

2. Meta jagħżlu sensara prinċipali jew kontrapartijiet ta' AIFM jew AIF fi tranżazzjoni ta' derivattivi barra l-borża, f'għoti ta' self ta' titoli jew fi ftehim ta' riakkwist, l-AIFMs għandhom jiżguraw li dawk is-sensara prinċipali u l-kontropartijiet jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huma soġġetti għal superviżjoni kontinwa minn awtorità pubblika;

(b) huma finanzjarjament sodi;

(c) ikollhom l-istruttura u r-riżorsi organizzazzjonali meħtieġa biex iwettqu s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti minnhom lill-AIFM jew lill-AIF.

3. Meta jevalwa s-solidità finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2(b), l-AIFM għandu jqis jekk is-sensar prinċipali jew il-kontroparti humiex soġġetti għal regolamentazzjoni prudenzjali, inklużi rekwiżiti ta' kapital suffiċjenti u superviżjoni effettiva.

4. Il-lista ta' sensara prinċipali magħżula għandha tiġi approvata mill-maniġment superjuri tal-AIFM. F'każijiet eċċezzjonali sensara prinċipali mhux inklużi fil-lista jistgħu jinħatru sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 u soġġett għall-approvazzjoni mill-maniġment superjuri. L-AIFM għandu jkun kapaċi juri r-raġunijiet għal tali għażla u d-diliġenza dovuta li jkun eżerċita fl-għażla u l-monitoraġġ ta' sensara prinċipali li ma kinux inklużi fil-lista.

*Artikolu 21*

**Aġir onest, ġust u bil-ħila dovuta**

Sabiex jistabbilixxu jekk AIFM iwettaqx l-attivitajiet tiegħu b'mod onest, ġust u bil-ħila dovuta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, mill-inqas, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin humiex issodisfati:

(a) il-korp tat-tmexxija tal-AIFM għandu għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati biex ikun kapaċi jifhem l-attivitajiet tal-AIFM, partikolarment ir-riskji prinċipali involuti f'dawk l-attivitajiet u l-assi li l-AIF ikun investa fihom;

(b) il-membri tal-korp tat-tmexxija jimpenjaw biżżejjed ħin biex iwettqu sew il-funzjonijiet tagħhom fl-AIFM;

(c) kull membru tal-korp tat-tmexxija jaġixxi b'onestà, integrità u b'indipendenza tal-ħsieb;

(d) l-AIFM jiddedika riżorsi adegwati għall-induzzjoni u t-taħriġ tal-membri tal-korp tat-tmexxija.

*Artikolu 22*

**Riżorsi**

1. L-AIFMs għandhom jimpjegaw biżżejjed persunal bil-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu r-responsabbiltajiet allokati lilhom.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 l-AIFMs għandhom iqisu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tagħhom u n-natura u l-firxa tas-servizzi u l-attivitajiet li jitwettqu f'dak in-negozju.

*Artikolu 23*

**Trattament ġust tal-investituri fl-AIF**

1. L-AIFM għandu jiżgura li l-proċeduri tiegħu tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istruttura organizzazzjonali tiegħu, imsemmija fl-Artikolu 57, jiżguraw trattament ġust tal-investituri.

2. Kwalunkwe trattament preferenzjali mogħti minn AIFM li xi investitur jew investituri ma għandux jirriżulta fi żvantaġġ materjali kumplessiv għal investituri oħra.

*Artikolu 24*

**Taħjir**

1. L-AIFMs ma għandhomx jitqiesu li qed jaġixxu b'mod onest, ġust u skont l-aħjar interessi tal-AIFs li jimmaniġġjaw jew tal-investituri f'dawn l-AIFs jekk, b'rabta mal-attivitajiet imwettqa biex isiru l-funzjonijiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2011/61/UE, iħallsu jew jitħallsu kwalunkwe tariffa jew kummissjoni, jew jipprovdu jew jiġu pprovduti bi kwalunkwe benefiċċju mhux monetarju, minbarra dawn li ġejjin:

(a) tariffa, kummissjoni jew benefiċċju mhux monetarju mħallas jew mogħti lil jew mill-AIF jew xi persuna f'isem il-AIF;

(b) tariffa, kummissjoni jew benefiċċju mhux monetarju mħallas jew mogħti lil jew minn parti terza jew xi persuna li taġixxi f'isem parti terza, fejn l-AIFM ikun jista' juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

(i) l-eżistenza, in-natura u l-ammont tat-tariffa, il-kummissjoni jew benefiċċju, jew, fejn l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat, il-metodu tal-kalkolu ta' dak l-ammont, għandu jiġi ddivulgat b'mod ċar lill-investituri fl-AIF b'mod komprensiv, preċiż u li jinftiehem, qabel ma jingħata s-servizz rilevanti;

(ii) il-ħlas ta' tariffa jew kummissjoni, jew l-għoti tal-benefiċċju mhux monetarju għandu jkun mfassal biex itejjeb il-kwalità tas-servizz rilevanti u ma jdgħajjifx il-konformità mad-dmir tal-AIFM li jaġixxi fl-aħjar interessi tal-AIF li jimmaniġġja jew tal-investituri fl-AIF.

(c) tariffi adegwati li jippermettu jew li huma meħtieġa biex jingħata s-servizz rilevanti, fosthom il-kostijiet tal-kustodja, is-saldu u t-tariffi tal-kambju, l-imposti regolatorji jew it-tariffi legali, u li, minnhom infushom, ma jistgħux jagħtu lok għal konflitti mad-dmirijiet tal-AIFM li jaġixxi b'mod onest, ġust u fl-aħjar interess tal-AIF li jimmaniġġja jew tal-investituri fl-AIF.

2. Id-divulgazzjoni tat-termini essenzjali tal-arranġamenti li jirrelataw mat-tariffa, il-kummissjoni jew il-benefiċċju mhux monetarju f'forma sommarja għandhom jitqiesu sodisfaċenti għall-finijiet tal-punt (i) tal-paragrafu 1(b), sakemm l-AIFM jimpenja ruħu li jiddivulga aktar dettalji fuq it-talba tal-investitur fl-AIF li jimmaniġġja u sakemm jissodisfa dan l-impenn.

*Artikolu 25*

**Użu effettiv tar-riżorsi u l-proċeduri - maniġġ tal-ordnijiet**

1. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u japplikaw proċeduri u arranġamenti li jipprovdu għall-eżekuzzjoni fil-pront, ġusta u bil-ħeffa tal-ordnijiet f'isem l-AIF.

2. Il-proċeduri u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom jiżguraw li l-ordnijiet eżegwiti f'isem AIFs jiġu rreġistrati u allokati fil-pront u b'mod preċiż;

(b) għandhom jeżegwixxu ordnijiet komparabbli oħra tal-AIF b'mod sekwenzjali u fil-pront sakemm il-karatteristiċi tal-ordni jew il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq ma jagħmlux dan imprattikabbli, jew l-interessi tal-AIF jew tal-investituri fl-AIF ma jkunux jeħtieġu mod ieħor.

3. L-istrumenti finanzjarji, is-somom ta' flus jew assi oħra li jidħlu bħala saldu tal-ordnijiet eżegwiti għandhom jgħaddu fil-pront u korrettament fil-kont tal-AIF konċernat jew irreġistrati fih.

4. L-AIFMs ma għandhomx jabbużaw mill-informazzjoni relatata ma' ordnijiet pendenti tal-AIF, u għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jipprevjenu l-abbuż ta' din l-informazzjoni minn kwalunkwe persuna rilevanti tagħhom.

*Artikolu 26*

**Obbligi ta' rappurtar dwar l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' sottoskrizzjoni u tifdija**

1. Fejn AIFMs ikunu wettqu sottoskrizzjoni jew, fejn rilevanti, ordni ta' tifdija minn investitur, għandhom minnufih jipprovdu l-investitur, permezz ta' mezz durabbli, bl-informazzjoni essenzjali dwar l-eżekuzzjoni ta' dik l-ordni jew l-aċċettazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-offerta, skont il-każ.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fejn persuna terza tkun meħtieġa tipprovdi lill-investitur bil-konferma dwar l-eżekuzzjoni tal-ordni u fejn il-konferma jkun fiha informazzjoni essenzjali.

AIFMs għandhom jiżguraw li l-persuna terza tikkonforma mal-obbligi tagħha.

3. L-informazzjoni essenzjali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-AIFM;

(b) l-identifikazzjoni tal-investitur;

(c) id-data u l-ħin tal-wasla tal-ordni;

(d) id-data tal-eżekuzzjoni;

(e) l-identifikazzjoni tal-AIF;

(f) il-valur gross tal-ordni inklużi l-imposti għas-sottoskrizzjoni jew l-ammont nett wara l-imposti għat-tifdijiet.

4. L-AIFMs għandhom ifornu l-investitur, fuq talba, bl-informazzjoni dwar l-istatus tal-ordni jew l-aċċettazzjoni tal-offerta ta' sottoskrizzjoni, jew it-tnejn skont il-każ.

*Artikolu 27*

**Eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li jsir negozju f'isem l-AIF immaniġġjat**

1. L-AIFMs għandhom jaġixxu fl-aħjar interess tal-AIFs jew tal-investuri fl-AIFs li jimmaniġġjaw meta jesegwixxu deċiżjonijiet biex jinnegozjaw f'isem l-AIF immaniġġjat fil-kuntest tal-immaniġġjar tal-portafoll tagħhom.

2. Kull meta AIFMs jixtru jew ibigħu strumenti finanzjarji jew assi oħra li għalihom l-aħjar eżekuzzjoni tkun rilevanti, u għall-finijiet tal-paragrafu 1, huma għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha sabiex jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-AIFs li jimmaniġġjaw jew għall-investituri f'dawn l-AIFs, wara li jqisu l-prezz, l-ispejjeż, il-ħeffa, il-probabbiltà tal-eżekuzzjoni u s-saldu, id-daqs, in-natura u kwalunkwe konsiderazzjoni oħra rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-ordni. L-importanza relattiva ta' dawn il-fatturi għandha tkun iddeterminata b'referenza għall-kriterji li ġejjin:

(a) il-finijiet, il-politika tal-investiment u r-riskji speċifiċi għall-AIF, kif indikat fir-regoli tal-AIF jew fl-artikoli tal-assoċjazzjoni, il-prospektus jew id-dokumenti tal-offerta tal-AIF;

(b) il-karatteristiċi tal-ordni;

(c) il-karatteristiċi tal-istrumenti finanzjarji jew assi oħra li huma s-suġġett ta' dik l-ordni;

(d) il-karatteristiċi taċ-ċentri tal-eżekuzzjoni fejn dik l-ordni tista' tintbagħat.

3. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw arranġamenti effettivi biex jikkonfermaw mal-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 u 2. B'mod partikolari, l-AIFM għandu jistabbilixxi u jimplimenta politika ta' eżekuzzjoni biex jippermetti lill-AIFs u lill-investituri tagħhom jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-ordnijiet tal-AIF skont il-paragrafu 2.

4. L-AIFMs għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari l-effikaċja tal-arranġamenti tagħhom u l-politika għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet bil-għan li jiġu identifikati u, fejn xieraq, jiġi kkoreġut kwalunkwe nuqqas.

5. L-AIFMs għandhom jirrevedu l-politika tal-eżekuzzjoni tagħhom fuq bażi annwali. Din ir-reviżjoni għandha ssir ukoll kull darba li sseħħ xi bidla materjali li taffettwa l-kapaċità tal-AIFM li jkompli jikseb l-aħjar riżultat possibbli għall-AIFs immaniġġjati.

6. L-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru li eżegwew l-ordnijiet f'isem l-AIF skont il-politika ta' eżekuzzjoni tagħhom.

7. Kull meta ma jkunx hemm għażla ta' ċentri ta' eżekuzzjoni differenti, il-paragrafi 2 sa 5 ma għandhomx japplikaw. Madankollu, l-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru li ma hemmx għażla bejn ċentri ta' eżekuzzjoni differenti.

*Artikolu 28*

**Tqegħid ta' ordnijiet għal negozjar f'isem AIFs ma' entitajiet oħra għall-eżekuzzjoni**

1. Kull meta AIFM jixtri jew ibigħ strumenti finanzjarji jew assi oħra li għalihom l-aħjar eżekuzzjoni tkun rilevanti, għandu jaġixxi fl-aħjar interess tal-AIFs li jimmaniġġja jew tal-investuri fl-AIFs meta jpoġġi ordnijiet ta' negozjar f'isem l-AIFs immaniġġjati ma' entitajiet oħrajn għal eżekuzzjoni, fil-kuntest tal-immaniġġjar tal-portafoll tagħhom.

2. L-AIFMs għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-AIF jew l-investituri fl-AIF, filwaqt li jqisu l-prezz, l-ispejjeż, il-ħeffa, il-probabbiltà tal-eżekuzzjoni u s-saldu, id-daqs, in-natura jew kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-ordni. L-importanza relattiva ta' dawn il-fatturi għandha tkun iddeterminata b'referenza għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27(2).

L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u japplikaw politika li tippermettilhom jikkonformaw mal-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu. Il-politika għandha tiddentifika, għal kull klassi ta' strument, l-entitajiet li magħhom jistgħu jsiru l-ordnijiet. L-AIFM għandu jidħol biss f'arranġamenti għall-eżekuzzjoni fejn dawn l-arranġamenti jkunu konsistenti mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-AIFM għandhom jipprovdu lill-investituri fl-AIFs li jimmaniġġjaw informazzjoni xierqa dwar il-politika stabbilita skont dan il-paragrafu u dwar kwalunkwe tibdil materjali f'din il-politika.

3. L-AIFMs għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari l-effikaċja tal-politika stabbilita skont il-paragrafu 2 u, b'mod partikolari, il-kwalità tal-eżekuzzjoni mill-entitajiet identifikati f'dik il-politika u, fejn ikun xieraq, jikkoreġu kwalunkwe nuqqas.

Barra minn hekk, l-AIFMs għandhom jirrevedu l-politika fuq bażi annwali. Din ir-reviżjoni għandha ssir ukoll kull darba li sseħħ xi bidla materjali li taffettwa l-kapaċità tal-AIFM li jkompli jikseb l-aħjar riżultat possibbli għall-AIFs immaniġġjati.

4. L-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru li taw ordnijiet f'isem l-AIF skont il-politika stabbilita skont il-paragrafu 2.

5. Kull meta ma jkunx hemm għażla ta' ċentri ta' eżekuzzjoni differenti, il-paragrafi 2 sa 5 ma għandhomx japplikaw. Madankollu, l-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru li ma hemmx għażla bejn ċentri ta' eżekuzzjoni differenti.

*Artikolu 29*

**Aggregazzjoni u allokazzjoni ta' ordnijiet ta' negozju**

1. AIFMs jistgħu jwettqu ordni ta' AIF f'aggregat ma' ordni ta' AIF ieħor, UCITS jew klijent ma' ordni magħmula meta jinvestu l-fondi tagħhom stess, fil-każ biss fejn:

(a) jista' jkun raġonevolment mistenni li l-aggregazzjoni tal-ordnijiet mhux se tirriżulta kumplessivament fi żvantaġġ għal kwalunkwe AIF, UCITS jew klijent li l-ordni tiegħu se tiġi aggregata;

(b) tkun stabbilita u implimentata politika tal-allokazzjoni tal-ordnijiet, li tipprovdi f'termini preċiżi biżżejjed għall-allokazzjoni ġusta tal-ordnijiet aggregati, inklużi kif il-volum u l-prezz tal-ordnijiet jiddeterminaw l-allokazzjonijiet u t-trattament ta' eżekuzzjonijiet parzjali.

2. Meta AIFM jaggrega ordni ta' AIF ma' ordni jew ordnijiet ta' AIFs, UCITS jew klijenti oħrajn u l-ordni aggregata tiġi eżegwita parzjalment, jalloka n-negozju relatat skont il-politika tiegħu tal-allokazzjoni tal-ordnijiet.

3. Fejn AIFM jaggrega tranżazzjonijiet għalih innifsu flimkien ma' ordni jew ordnijiet ta' AIFs, UCITS jew klijenti, ma għandux jalloka n-negozji relatati b'mod li jkun detrimentali għall-AIF, l-UCITS jew xi klijent.

4. Fejn AIFM jaggrega ordni ta' AIF, UCITS jew klijent ieħor ma' tranżazzjoni għalih innifsu u l-ordni aggregata tiġi eżegwita parzjalment, għandu jalloka n-negozji lill-AIF, l-UCITS jew lill-klijenti bi prijorità fuq dawk għalih innifsu.

Madanakollu, jekk l-AIFM ikun jista' juri lill-AIF jew lill-klijent abbażi ta' raġunijiet fondati li ma kienx ikun jista' jwettaq l-ordni fuq termini daqstant vantaġġjużi, jew ma kienx ikun jista' jwettaqha, ikun jista' jalloka t-tranżazzjoni lilu nnifsu proporzjonalment, skont il-politika msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

*TAQSIMA 2*

***Konflitti ta' interess***

[Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 30*

**Tipi ta' konflitti ta' interess**

Għall-finijiet tal-identifikazzjoni tat-tipi ta' konflitti ta' interess li jinqalgħu waqt l-immaniġġjar ta' AIF, l-AIFMs għandhom iqisu, b'mod partikolari, jekk l-AIFM, persuna rilevanti jew persuna direttament jew indirettament konnessa permezz ta' kontroll mal-AIFM:

(a) x'aktarx jagħmilx gwadann finanzjarju, jew jevita telf finanzjarju, għas-spejjez tal-AIF jew l-investituri tiegħu;

(b) għandux interess fl-eżitu ta' servizz jew attività pprovduta lill-AIF jew lill-investituri tiegħu jew xi klijent jew fl-eżitu ta' tranżazzjoni mwettqa f'isem l-AIF jew xi klijent, li huwa differenti mill-interess tal-AIF f'dak l-eżitu;

(c) għandux xi inċentiv finanzjarjament jew inċentiv ieħor biex jiffavorixxi:

— l-interess ta' UCITS, klijent jew grupp ta' klijenti jew AIF ieħor fuq l-interess tal-AIF;

— l-interess ta' investitur wieħed fuq l-interess ta' investitur ieħor jew grupp ta' investituri fl-istess AIF;

(d) iwettaqx l-istess attivitajiet għall-AIF u għal AIF, UCITS jew klijent ieħor; jew

(e) jirċivix jew hux se jirċievi mingħand persuna oħra li mhijiex l-AIF jew l-investituri tiegħu taħjir fir-rigward tal-attivitajiet tal-immaniġġjar tal-portafoll kollettiv ipprovdut lill-AIF, fl-għamla ta' flus, oġġetti jew servizzi, għajr il-kummissjoni jew it-tariffa standard għal dak is-servizz.

*Artikolu 31*

## Politika tal-konflitt ta' interess

1. L-AIFM għandu jistabbilixxi, jimplimenta u japplika politika tal-kunflitti tal-interess effettiva. Dik il-politika għandha tkun stipulati bil-miktub u għandha tkun xierqa għad-daqs u l-organizzazzjoni tal-AIFM u n-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tiegħu.

Fejn l-AIFM ikun membru ta' grupp, il-politika għandha tqis ukoll kwalunkwe ċirkostanza, li dwarha l-AIFM ikun jew għandu jkun konxju u li tista' tagħti lok għal konflitt ta' interess li jirriżulta mill-istruttura u l-attivitajiet tan-negozju ta' membri oħra fil-grupp.

2. Il-politika tal-konflitt ta' interess stabbilita skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:

(a) b'referenza għall-attivitajiet imwettqa minn jew f'isem l-AIFM, inkluż attivitajiet imwettqa minn delegat, sottodelegat, jew valwatur estern jew kontroparti, identifikazzjoni taċ-ċirkustanzi li jikkostitwixxu jew jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess li jkun fih riskju materjali ta' ħsara għall-interessi tal-AIF jew l-investituri tiegħu;

(b) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex dawn il-konflitti jkunu mmaniġġjati u mmonitorjati.

*Artikolu 32*

## Konflitti ta' interess marbuta mat-tifdija ta' investimenti

L-AIFM li jimmaniġġja AIF miftuħ għandu jidentifika, jimmaniġġja u jimmonitorja l-kunflitti ta' interess li jinqalgħu bejn investituri li jixtiequ jifdu l-investimenti tagħhom u l-investituri li jixtiequ jżommu l-investimenti tagħhom fl-AIF, u kwalunkwe konflitt bejn l-inċentiv tal-AIFM biex jinvesti f'assi illikwidi u l-politika tat-tifdija tal-AIF f'konformità mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 33*

## Proċeduri u miżuri għall-prevenzjoni jew l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess

1. Il-proċeduri u l-miżuri stabbiliti għall-prevenzjoni jew għall-immaniġjar tal-konflitti ta' interess għandhom ikunu mfassla biex jiżguraw li l-persuni relevanti involuti fl-attivitajiet ta' negozju differenti li jinvolvu riskju ta' kunflitt ta' interess, iwettqu dawn l-attivitajiet bi grad ta' indipendenza li huwa xieraq għad-daqs u l-attivitajiet tal-AIFM u tal-grupp li jagħmel parti minnu, u għall-materjalità tar-riskju ta' ħsara għall-interessi tal-AIF jew l-investituri tiegħu.

2. Fejn meħtieġ u xieraq li l-AIFM jiżgura l-grad rekwiżit ta' indipendenza, il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati skont il-punt (b) tal-Artikolu 31(2) għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) proċeduri effettivi biex jipprevjenu jew jikkontrollaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn persuni rilevanti involuti f'attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' portofoll kollettiv jew attivitajiet oħra skont l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 2011/61/UE li jinvolvu riskju ta' konflitt ta' interess fejn l-iskambju ta' informazzjoni jista' jippreġudika l-interessi ta' AIF wieħed jew aktar jew tal-investituri tagħhom;

(b) is-superviżjoni separata ta' persuni rilevanti li l-funzjonijiet prinċipali tagħhom jinvolvu t-twettiq ta' attivitajiet tal-immaniġġjar ta' portafoll kollettiv f'isem, jew li jagħtu servizz lil, klijenti jew investituri li l-interessi tagħhom jistgħu jkun konfliġenti, jew li altrimenti jkunu jirrappreżentaw interessi differenti li jistgħu jkunu konfliġenti, inklużi dawk tal-AIFM;

(c) it-tneħħija ta' kull rabta diretta bejn ir-rimunerazzjoni ta' persuni rilevanti involuti prinċipalment f'attività u r-rimunerazzjoni ta', jew id-dħul iġġenerat minn, persuni rilevanti differenti involuti prinċipalment f'attività oħra, fejn jista' jinħoloq konflitt ta' interess marbut ma' dawk l-attivitajiet;

(d) miżuri biex kwalunkwe persuna tiġi impedita jew limitata milli teżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod ta' kif persuna rilevanti twettaq l-attivitajiet tal-immaniġġjar ta' portafoll kollettiv;

(e) miżuri biex jipprevjenu jew jikkontrollaw l-involviment simultanju jew sekwenzjali ta' persuna rilevanti f'attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' portfoll kollettiv separat jew attivitajiet oħra skont l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 2011/61/UE fejn tali involviment jista' jfixkel l-immaniġġjar xieraq tal-konflitti ta' interess.

Meta l-adozzjoni jew l-applikazzjoni ta' waħda jew aktar minn dawk il-miżuri u proċeduri ma tiżgurax il-grad mitlub ta' indipendenza, l-AIFM għandu jadotta dawk il-miżuri jew il-proċeduri alternattivi jew addizzjonali kif ikun meħtieġ u xieraq għal dawk il-finijiet.

*Artikolu 34*

**Immaniġġjar tal-konflitti ta' interess**

Fejn l-arranġamenti organizzazzjonali jew amministrattivi li jsiru mill-AIFM ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw, b'kunfidenza raġonevoli, li r-riskju ta' danni għall-interessi tal-AIF jew tal-investituri fl-AIF jiġi impedit, il-maniġment superjuri jew korp intern kompetenti ieħor tal-AIFM għandu jiġi mgħarrfa minnufih sabiex jieħu kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni meħtieġa biex jiżgura li l-AIFM jaġixxi fl-aħjar interessi tal-AIF jew l-investituri f'dak l-AIF.

*Artikolu 35*

**Monitoraġġ tal-konflitti ta' interess**

1. L-AIFM għandu jżomm u jaġġorna regolarment rekord tat-tip ta' attivitajiet imwettqa minn jew f'isem l-AIFM fejn ikun inħoloq konflitt ta' interess li jimplika riskju materjali ta' ħsara għall-interessi ta' xi AIF jew aktar jew tal-investituri tiegħu jew fil-każ ta' attivitajiet fis-seħħ, fejn jista' jinħoloq.

2. Il-manġiment superjuri għandu jirċievi fuq bażi frekwenti u mill-inqas darba fis-sena, rapporti bil-miktub dwar l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 36*

**Divulgazzjoni tal-konflitti ta' interess**

1. L-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata lill-investituri skont l-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva 2011/61/UE għandha tiġi pprovduta lill-investituri f'mezz durabbli jew permezz ta' websajt.

2. Fejn l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tingħata permezz ta' websajt u ma tkunx indirizzata personalment lill-investitur, għandhom jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investitur ikun ġie nnotifikat bl-indirizz tal-websajt, u l-post fil-websajt minn fejn tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni, u jkun ikkonsenta li jingħata l-informazzjoni b'dan il-mezzi;

(b) l-informazzjoni trid tkun aġġornata;

(c) l-informazzjoni trid tkun aċċessibbli kontinwament permezz ta' dik il-websajt għal dak il-perjodu ta' żmien li fih l-investitur jista' raġonevolment ikun jeħtieġlu jaqraha.

*Artikolu 37*

**Strateġiji għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot**

1. AIFM għandu jiżviluppa strateġiji adegwati u effettivi biex jiddetermina meta u kif kwalunkwe dritt ta' vot miżmum fil-portafolji ta' AIF li jimmaniġġja għandhom jiġu eżerċitati, għall-benefiċċju esklużiv tal-AIF konċernat u l-investituri tiegħu.

2. Fl-istrateġija msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina l-miżuri u l-proċeduri għal:

(a) l-monitoraġġ tal-azzjonijiet korporattivi rilevanti;

(b) l-iżgurar li l-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot ikun skont l-għanijiet tal-investiment u l-politika tal-AIF rilevanti;

(c) il-prevenzjoni jew l-immaniġġjar ta' kwalunkwe konflitt ta' interess li jirriżulta mill-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot.

3. Deskrizzjoni fil-qosor tal-istrateġiji u d-dettalji tal-azzjonijiet meħuda abbażi ta' dawn l-istrateġiji għandha tkun disponibbli għall-investituri fuq talba tagħhom.

TAQSIMA 3

***Immaniġġjar tar-riskji***

[Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 38*

**Sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, is-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji għandhom jinftiehmu bħala s-sistemi magħmula mill-elementi rilevanti tal-istruttura organizzazzjonali tal-AIFM, bi rwol ċentrali għall-funzjoni, il-politiki u l-proċeduri permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji, relatati mal-immaniġġjar tar-riskji rilevanti għal kull strateġija ta' investiment tal-AIF, u l-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki relatati mal-kejl u l-immaniġġjar tar-riskji użati mill-AIFM fir-rigward ta' kull AIF li jimmaniġġja.

*Artikolu 39*

**Funzjoni permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji**

1. AIFM għandu jistabbilixxi u żżomm funzjoni permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji li:

(a) timplimenta politiki u proċeduri effettivi tal-immaniġġar tar-riskji sabiex tidentifika, tkejjel u timmonitorja fuq bażi kontinwa r-riskji kollha rilevanti għal kull strateġija ta' investiment tal-AIF li kull AIF huwa jew jista' jkun espost għalihom.

(b) tiżgura li l-profil tar-riskju tal-AIF iddivulgat lill-investituri skont il-punt (c) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE huwa konsistenti mal-limiti tar-riskji li jkunu ġew stabbilit skont l-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament;

(c) timmonitorja l-konformità mal-limiti tar-riskji stipulati skont l-Artikolu 44 u tinnotifika lill-korp tat-tmexxija tal-AIFM u, fejn jeżisti, lill-funzjoni superviżorja tal-AIFM fil-pront meta tqis li l-profil ta' riskji tal-AIF huwa inkonsistenti ma' dawn il-limiti jew tara riskju materjali li l-profil tar-riskji mhux ser jibqa' konsistenti ma' dawn il-limiti;

(d) tipprovdi l-aġġornamenti regolari li ġejjin lill-korp tat-tmexxija tal-AIFM u fejn teżisti lill-funzjoni superviżorja tal-AIFM bi frekwenza skont in-natura, id-daqs u l-komplessità tal-attivitajiet tal-AIF jew l-AIFM:

(i) il-konsistenza bejn u l-konformità mal-limiti tar-riskji stabbiliti skont l-Artikolu 44 u l-profil tar-riskju tal-AIF kif iddivulgat lill-investituri skont l-Artikolu 23(4)(c) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(ii) l-adegwatezza u l-effikaċja tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji, fejn ikun indikat b'mod partikolari jekk ittiħdux il-miżuri ta' rimedju xierqa fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas reali jew antiċipat jew jekk hux se jittieħdu;

(e) tipprovdi aġġornamenti regolari lill-maniġment superjuri li jispjegaw il-livell attwali tar-riskju mġarrab minn kull AIF immaniġġjat u kwalunkwe ksur reali jew prevedibbli ta' kwalunkwe limitu tar-riskji skont l-Artikolu 44, biex b'hekk ikun żgurat li tkun tista' tittieħed azzjoni fil-pront u xierqa;

2. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji għandu jkollha l-awtorità meħtieġa u l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti stipulati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 40*

**Politika tal-immaniġġjar tar-riskji**

1. AIFM għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm politika adegwata u ddokumentata tal-immaniġġjar tar-riskji li tidentifika r-riskji rilevanti kollha li AIFs li jimmaniġġja jkunu esposti jew li jistgħu jkunu esposti għalihom.

2. Il-politika tal-immaniġġjar tar-riskji għandha tinkludi dawk il-proċeduri meħtieġa biex l-AIFM ikun jista' jivvaluta l-iskopertura ta' kull AIF li jimmaniġġja għar-riskji tas-suq, il-likwidità u l-kontraparti, u l-iskopertura tal-AIF għar-riskji rilevanti l-oħra kollha, inklużi riskji operazzjonali, li jistgħu jkunu materjali għal kull AIF li jimmaniġġja.

3. L-AIFM għandu jindirizza talanqas l-elementi li ġejjin fil-politika tal-immaniġġjar tar-riskji:

(a) it-teknoloġiji, l-għodod u l-arranġamenti li jippermettulu jikkonforma mal-Artikolu 45;

(b) it-teknoloġiji, l-għodod u l-arranġamenti li jippermettu li r-riskju tal-likwidità tal-AIF jiġi vvalutat u mmonitorjat taħt kundizzjonijiet tal-likwidità normali kif ukoll eċċezzjonali inkluż permezz tal-użu ta' testijiet tal-istress imwettqa regolarment skont l-Artikolu 48;

(c) l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fl-AIFM marbuta mal-immaniġġjar tar-riskji;

(d) il-limiti stabbiliti skont l-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament u ġustifikazzjoni ta' kif dawn huma allinjati mal-profil tar-riskju tal-AIF iddivulgat lill-investituri skont l-Artikolu 23(4)(c) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(e) it-termini, il-kontenut, il-frekwenza u d-destinatarji tar-rappurtar mill-funzjoni permanenti tal-immaniġġjar tar-riskji msemmija fl-Artikolu 39.

4. Il-politika tal-immaniġġjar tar-riskji għandha tinkludi deskrizzjoni tas-salvagwardji msemmija fl-Artikolu 43, partikolarment:

(a) in-natura tal-kunflitti ta' interess potenzjali;

(b) il-miżuri ta' rimedju fis-seħħ;

(c) ir-raġunijiet għaliex dawn il-miżuri għandhom ikunu raġonevolment mistennija li jirriżultaw fi prestazzjoni indipendenti tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji;

(d) kif l-AIFM jistenna li jiżgura li s-salvagwardji jkunu konsistentement effettivi.

5. Il-politika tal-immaniġġjar tar-riskji msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun xierqa għan-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tal-AIFM u l-AIF li jimmaniġġja.

*Artikolu 41*

**Valutazzjoni, monitoraġġ u reviżjoni tas-sistema tal-immaniġġjar tar-riskji**

1. L-AIFMs għandhom jivvalutaw, jimmonitorjaw u perjodikament, tal-anqas darba fis-sena, jirrevedu:

(a) l-adegwatezza u l-effikaċja tal-politika tal-immaniġġjar tar-riskji u tal-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki msemmija fl-Artikoli 45;

(b) il-livell ta' konformità mill-AIFM mal-politika tal-immaniġġjar tar-riskji u mal-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki msemmija fl-Artikoli 45;

(c) l-adegwatezza u l-effikaċja tal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati kwalunkwe nuqqasijiet fil-prestazzjoni tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji.

(d) il-prestazzjoni tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji;

(e) l-adegwatezza u l-effettività tal-miżuri mmirati biex tiġi żgurata s-separazzjoni funzjonali u ġerarkika mill-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji skont l-Artikolu 42.

Il-frekwenza tar-reviżjoni perjodika msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi deċiża mill-maniġment superjuri skont il-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl tan-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tal-AIFM u l-AIF li jimmaniġġja.

2. Barra mir-reviżjoni perjodika msemmija fil-paragrafu 1, s-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji għandhom jiġu riveduti fejn:

(a) isiru bidliet materjali fil-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskji u l-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki msemmija fl-Artikolu 45;

(b) avvenimenti interni jew esterni jindikaw li hija meħtieġa reviżjoni addizzjonali;

(c) isiru bidliet materjali fl-istrateġiji tal-investiment u fl-għanijiet ta' AIF immaniġġjat mill-AIFM.

3. L-AIFM għandu jaġġorna s-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji abbażi tal-eżitu tar-reviżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-AIFM għandu jinnotifika l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu dwar kwalunkwe bidla materjali fil-politika tal-immaniġġjar tar-riskji u tal-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki msemmija fl-Artikolu 45.

*Artikolu 42*

**Separazzjoni funzjonali u ġerarkika tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji**

1. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji għandha titqies bħala funzjonalment u ġerarkikament separata minn l-unitajiet operattivi, inkluż il-funzjoni tal-immaniġġjar tal-portafolji, biss meta l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) il-persuni involuti fit-twettiq tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji ma jkunux superviżjonati minn dawk responsabbli għall-prestazzjoni tal-unitajiet operattivi, inkluż il-funzjoni tal-immaniġġjar tal-potofolji tal-AIFM;

(b) il-persuni involuti fit-twettiq tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji ma jkunux involuti fit-twettiq tal-attivitajiet fl-unitajiet operattivi, inkluża l-funzjoni l-immaniġġjar tal-portafolji;

(c) il-persuni involuti fit-twettiq tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji jiġu kkumpensati skont kemm jirnexxilhom jilħqu l-għanijiet relatati ma' dik il-funzjoni, b'mod indipendenti mill-prestazzjoni tal-unitajiet operattivi, inkluża l-funzjoni tal-immaniġġjar tal-portafolji;

(d) ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali superjuri fil-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju tkun issorveljata direttament mill-kumitat tar-rimunerazzjoni, fejn ikun stabbilit kumitat bħal dan.

2. Is-separazzjoni funzjonali u ġerarkika tal-immaniġġjar tar-riskji skont il-paragrafu 1 għandha tiġi żgurata fl-istruttura ġerarkika tal-AIFM kollha, sal-korp tat-tmexxija tiegħu. Għandha tiġi riveduta mill-korp tat-tmexxija u, fejn teżisti, mill-funzjoni superviżorja tal-AIFM.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM għandhom jirrevedu l-mod li bih l-AIFM japplika l-paragrafi 1 u 2 abbażi tal-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 43*

**Salvagwadrji kontra l-konflitti ta' interess**

1. Is-salvagwardji kontra l-konflitti ta' interess msemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom jiżguraw, għall-inqas, li:

(a) id-deċiżjonijiet meħuda mill-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji jkunu bbażati fuq dejta affidabbli, li huma soġġetti għal livell xieraq ta' kontroll mill-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji;

(b) ir-rimunerazzjoni ta' dawk involuti fit-twettiq tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji tirrifletti l-kisba tal-għanijiet marbuta mal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji, indipendentement mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li jkunu involuti fihom;

(c) il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji tkun soġġetta għal reviżjoni indipendenti xierqa biex tiżgura li d-deċiżjonijiet qed jittieħdu indipendentement;

(d) il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji hija rrappreżentata fil-korp tat-tmexxija jew fil-funzjoni superviżorja, fejn tkun ġiet stabbilita, mill-anqas bl-istess awtorità daqs tal-funzjoni tal-immaniġġjar tal-portafolji;

(e) kwalunkwe dmir konfliġġenti għandu jiġi ssegregat kif xieraq.

2. Fejn proporzjonat, u b'kunsiderazzjoni għan-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-AIFM, is-salvagwardji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw ukoll li:

(a) it-twettiq tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji tiġi riveduta regolarment mill-funzjoni tal-awditjar intern, jew, jekk din ma tkunx ġiet stabbilita, minn parti esterna maħtura mill-korp tat-tmexxija;

(b) fejn ikun ġie stabbilit kumitat tar-riskji, ikun mgħammar bir-riżorsi kif xieraq u l-membri mhux independenti tiegħu ma jkollhomx influwenza żejda fuq it-twettiq tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji.

3. Il-korp tat-tmexxija tal-AIFM u, fejn teżisti l-funzjoni superviżorja, għandhom jistabbilixxu s-salvagwardji kontra l-konflitti ta' interess stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, u jirrevedu regolarment l-effikaċja tagħhom u jieħdu azzjoni ta' rimedju fil-waqt biex jindirizzaw kwalunkwe defiċjenza.

*Artikolu 44*

**Limiti tar-riskji**

1. AIFM għandu jistabbilixxi u jimplimenta limiti kwantitattivi jew kwalitattivi tar-riskji, jew it-tnejn, għal kull AIF li jimmaniġġja, filwaqt li jqis ir-riskji rilevanti kollha. Fejn jiġu stipulati limiti kwalitattivi biss, l-AIFM għandu jkun kapaċi jiġġustifikaw dan l-approċċ lill-awtorità kompetenti.

2. Il-limiti kwalitattivi u kwantitattivi tar-riskju għal kull AIF għandhom, mill-inqas, ikopru r-riskji li ġejjin:

(a) riskji tas-suq;

(b) riskji tal-kreditu;

(c) riskji tal-likwidità

(d) riskji tal-kontropartijiet;

(e) riskji operazzjonali.

3. Meta jistabbilixxi l-limiti tar-riskji, l-AIFM għandu jqis l-istrateġiji u l-assi użati fir-rigward ta' kull AIF li jimmaniġġja kif ukoll ir-regoli nazzjonali applikabbli għal kull wieħed minn dawk AIFs. Dawk il-limiti tar-riskji għandhom ikunu allinjati mal-profil tar-riskju tal-AIF kif iddivulgat lill-investituri skont il-punt (c) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE u approvati mill-korp tat-tmexxija.

*Artikolu 45*

**Kejl u mmaniġġjar tar-riskji**

1. L-AIFMs għandhom jadottaw arranġamenti, proċessi u tekniki adegwati u effettivi sabiex:

(a) jidentifikaw, ikejlu, jimmaniġġajw u jimmonitoraw fi kwalunkwe ħin r-riskji li l-AIFs taħt l-immaniġġjar tagħhom huma jew jistgħu jiġu esposti għalihom;

(b) jiżguraw il-konformità mal-limiti stabbiliti skont l-Artikolu 44.

2. L-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati man-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tal-AIFM u ta' kull AIF li jimmaniġġja u għandhom ikunu konsistenti mal-profil tar-riskju tal-AIF kif iddivulgat lill-investituri skont il-punt (c) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-AIFM għandu jieħu l-azzjonijiet li ġejjin għal kull AIF li jimmaniġġja:

(a) iħaddem dawk l-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki tal-kejl tar-riskji kif meħtieġ biex ikun żgurat li r-riskji tal-pożizzjonijiet meħuda u l-kontribut tagħhom fil-profil tar-riskju ġenerali jitkejlu b'mod preċiż abbażi ta' dejta soda u affidabbli u li l-arranġamenti, il-proċessi u t-tekniki tal-kejl tar-riskji jkunu ddokumentati adegwatement;

(b) iwettaq testijiet retrospettivi perjodiċi biex jeżamina l-validità tal-arranġamenti tal-kejl tar-riskji li jinkludu previżjonijiet u estimi abbażi ta' mudelli;

(c) iwettaq testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarji perjodiċi u xierqa biex jiġu indirizzati r-riskji li jinħolqu mit-tibdil potenzjali fil-kundizzjonijiet tas-suq li jistgħu jaffettwaw ħażin lill-AIF;

(d) jiżgura li l-livell attwali ta' riskju jikkonforma mal-limiti tar-riskji stipulati skont l-Artikolu 44;

(e) jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċeduri adegwati li, fil-każ ta' ksur reali jew antiċipat tal-limiti tar-riskji tal-AIF, iwasslu għal azzjonijiet rimedjali f'waqthom fl-aħjar interessi tal-investituri;

(f) jiżgura li jkun hemm sistemi u proċeduri xierqa tal-immaniġġjar tal-likwidità għal kull AIF f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 46.

TAQSIMA 4

***Immaniġġjar tal-likwidità***

[Artikolu 16 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 46*

**Sistemi u proċeduri tal-immaniġġar tal-likwidità**

L-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri tad-domiċilju tagħhom li sistema xierqa u proċeduri effettivi tal-immaniġġjar tal-likwidità kif imsemmi fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2011/61/UE huma fis-seħħ filwaqt li jqisu l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità u l-politika tat-tifdija ta' kull AIF.

*Artikolu 47*

**Monitoraġġ u mmaniġġjar tar-riskji tal-liwidità**

1. Is-sistema u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità msemmija fl-Artikolu 46 għandhom mill-inqas jiżguraw li:

(a) L-AIFM iżomm livell ta' likwidità fl-AIF li jkun xieraq għall-obbligi sottostanti tiegħu, abbażi ta' valutazzjoni tal-likwidità relattiva l-assi tal-AIF fis-suq, filwaqt li jqis iż-żmien meħtieġ għal-likwidazzjoni u l-prezz jew il-valur li bih dawk l-assi jistgħu jiġu likwidati u s-sensittività tagħhom għal riskji jew fatturi oħra tas-suq;

(b) l-AIFM jimmonitorja l-profil tal-likwidità tal-portafoll tal-assi tal-AIF, filwaqt li jqis il-kontribut marġinali tal-assi individwali li jista' jkollu impatt materjali fuq il-likwidità, u l-obbligazzjonijiet u impenji materjal, kontinġenti jew mhux, li l-AIF jista' jkollu fir-rigward tal-obbligi sottostanti tiegħu. Għal dawn il-finijiet l-AIFM għandu jqis il-profil tal-bażi tal-investituri tal-AIF, inkluż it-tip ta' investituri, id-daqs relattiv tal-investimenti u t-termini tat-tifdija li dawn l-investimenti huma soġġetti għalhom;

(c) l-AIFM, fejn l-AIF jinvesti f'impriżi oħra ta' investiment kollettiv, jimmonitorja l-approċċ adottat mill-maniġers ta' dawk l-impriżi l-oħra ta' investiment kollettiv lejn l-immaniġġjar tal-likwidità, inkluż permezz ta' twettiq ta' reviżjonijiet perjodiċi biex ikunu mmonitorati l-bidliet fid-dispożizzjonijiet tat-tifdija tal-impriżi ta' investiment kollettiv sottostanti li l-AIF jinvesti fihom. Soġġett għall-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, dan l-obbligu ma għandhux japplika fejn l-impriżi l-oħra ta' investiment kollettiv li l-AIF jinvesti fihom jiġu nnegozjati attivament f'suq regolat skont it-tifsira tal-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE jew f'suq ekwivalenti ta' pajjiż terz;

(d) l-AIFM jimplimenta u jżomm arranġamenti u proċeduri ta' kejl xieraq tal-likwidità biex jivvaluta r-riskji kwantitattivi u kwalitattivi tal-pożizzjonijiet u tal-investimenti li hemm ħsieb li jsiru u li jkollhom impatt materjali fuq il-profil tal-likwidità tal-portafoll tal-assi tal-AIF biex jippermetti li l-effetti kumplessivi tagħhom fuq l-profil tal-likwidità jiġu mkejla kif xieraq. Il-proċeduri użati għandhom jiżguraw li l-AIFM ikollu l-għarfien u l-fehim adattati tal-likwidità tal-assi li l-AIF ikun investa fihom jew ikollu l-ħsieb jinvesti fihom inkluż, fejn applikabbli, il-volum tan-negozjar u s-sensittività tal-prezzijiet u, skont il-każ, jew il-firxiet tal-assi individwali f'kundizzjonijiet tal-likwidità normali kif ukoll eċċezzjonali;

(e) l-AIFM jikkunsidra u jħaddem l-għodod u l-arranġamenti effikaċi, inklużi arranġamenti speċjali, meħtieġa biex jimmaniġġja r-riskju tal-likwidità ta' kull AIF li jimmaniġġja. L-AIFM għandu jidentifika t-tipi ta' ċirkustanzi fejn dawn l-għodod u l-arranġamenti jistgħu jintużaw kemm f'ċirkostanzi normali kif ukoll eċċezzjonali, filwaqt li jqis it-trattament ġust tal-investituri tal-AIF kollha fir-rigward ta' kull AIF immaniġġjat. L-AIFM jista' juża għodod u arranġamenti bħal dawn fil-każ biss ta' dawn iċ-ċirkostanzi u jekk ikunu saru divulgazzjonijiet xierqa skont l-Artikolu 108.

2. L-AIFMs għandhom jiddokumentaw il-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, jirreveduhom mill-inqas fuq bażi annwali u jaġġornahom għal kwalunkwe bidla jew arranġament ġdid.

3. L-AIFMs għandhom jinkludu miżuri ta' eskalazzjoni xierqa fis-sistema u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, sabiex jindirizzaw nuqqasijiet ta' likwidità antiċipati jew attwali jew sitwazzjonijiet diffikultużi oħra tal-AIF.

4. Fejn l-AIFM jimmaniġġja AIF li tkun AIF ingranata magħluqa, il-punt (e) tal-paragrafu 1 ma għandux japplika.

*Artikolu 48*

**Immaniġġjar tal-limiti tal-likwidità u t-testijiet tal-istress**

1. L-AIFMs għandhom, fejn xieraq, filwaqt li jqisu n-natura, id-daqs u l-kumplessità ta' kull AIF li jimmaniġġjaw, jimplimentaw u jżommu limiti adegwati għal-likwidità jew l-illikwidità tal-AIF konsistenti mal-obbligi sottostanti u l-politika tat-tifdija tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 44 rigward il-limiti tar-riskji kwantitattivi u kwalitattivi.

L-AIFMs għandhom jimmonitorjaw il-konformità ma' dawk il-limiti u fejn il-limiti jinqabżu jew x'aktarx jinqabżu, għandhom jiddeterminaw il-kors ta' azzjoni meħtieġ (jew neċessarju). Fid-determinazzjoni tal-azzjoni xierqa, l-AIFMs għandhom iqisu l-adegwatezza tal-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità, l-adegwatezza tal-profil tal-likwidità tal-assi tal-AIF u l-effett ta' livelli atipiċi ta' talbiet ta' tifdija.

2. L-AIFMs għandhom iwettqu regolarment testijiet tal-istress, taħt kundizzjonijiet tal-likwidità normali u eċċezzjonali, li jippermettulhom jivvalutaw ir-riskju tal-likwidità ta' kull AIF li jimmaniġġjaw. Testijiet tal-istress għandhom:

(a) isiru fuq il-bażi ta' informazzjoni affidabbli u aġġornata f'termini kwantitattivi jew, fejn dan mhux xieraq, f'termini kwalitattivi;

(b) fejn xieraq, jissimulaw nuqqas ta' likwidità tal-assi fil-AIF u talbiet atipiċi ta' tifdija;

(c) ikopru r-riskji tas-suq u kwalunkwe impatt riżultanti, inkluż fuq l-appelli għall-manutenzjoni tal-marġini, ir-rekwiżiti tal-kollateral jew il-linji ta' kreditu;

(d) iqisu s-sensitivitajiet tal-valwazzjonijet taħt kundizzjonijiet ta' stess;

(e) jitwettqu bi frekwenza xierqa għan-natura tal-AIF u mill-inqas darba fis-sena filwaqt li jqisu l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità, it-tip ta' investituri u l-politika tat-tifdija tal-AIF.

3. L-AIFMs għandhom jaġixxu fl-aħjar interessi tal-investituri fir-rigward tar-riżultat ta' kwalunkwe test tal-istress.

*Artikolu 49*

**Allinjament tal-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità u l-politika tat-tifdija**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità u l-politika tat-tifdija ta' kull AIF immaniġġjat minn AIFM għandu jitqies allinjat meta l-investituri jkollhom il-kapaċità jifdu l-investimenti tagħhom b'manjiera konsistenti ma' trattament ġust tal-investituri kollha tal-AIF u skont il-politika tat-tifdija tal-AIF u l-obbligi tiegħu.

2. Fil-valutazzjoni tal-allinjament tal-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità u l-politika tat-tifdija l-AIFM għandu wkoll iqis l-impatt li t-tifdijiet jista' jkollhom fuq l-prezzijiet sottostanti jew il-firxiet tal-assi individwali tal-AIF.

*TAQSIMA 5*

***Investiment f'pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni***

[Artikolu 17 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 50*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "titolizzazzjoni" tfisser titolizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(36) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(b) "pożizzjoni tat-titolizzazzjoni" tfisser pożizzjoni tat-titolizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(40) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(c) "sponsor" tfisser sponsor fis-sens tal-Artikolu 4(42) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(d) "segment" tfisser segment fis-sens tal-Artikolu 4(39) tad-Direttiva 2006/48/KE;

*Artikolu 51*

**Rekwiżiti għall-interess miżmuma**

1. L-AIFMs għandhom jassumu l-iskopertura għar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni għan-nom ta' AIF wieħed jew aktar li jimmaniġġaw fil-każ biss li l-oriġinatur, l-isponsor jew is-sellief oriġinarju, ikun espliċitament iddivulga lill-AIFM li huwa żżomm, fuq bażi kontinwa, interess ekonomiku materjali nett, li fi kwalunkwe każ ma għandux ikun inqas minn 5 %.

Kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin biss għandu jikkwalifika bħala żamma ta' interess ekonomiku materjali nett ta' mhux inqas minn 5 %:

(a) żamma ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali ta' kull segment mibjugħ jew ittrasferit lill-investituri;

(b) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' skoperturi ċirkolanti, żamma tal-interess tal-oriġinatur ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati;

(c) żamma ta' skoperturi magħżula b'mod aleatorju, ekwivalenti għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati, fejn tali skoperturi normalment kienu jkunu titolizzati fit-titolizzazzjoni, bil-kundizzjoni li l-għadd ta' skoperturi potenzjalment titolizzati ma jkunx inqas minn 100 fl-oriġinazzjoni;

(d) żamm tal-ewwel segment tat-telf u, jekk meħtieġ, segmenti oħra li għandhom l-istess profil ta' riskju jew profil ta' riskju aktar sever minn dawk ittrasferiti jew mibjugħa lill-investituri u li ma jimmaturawx qabel dawk ittrasferiti jew mibjugħa lill-investituri, b'mod li ż-żamma totali ma tkunx inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati.

(e) żamma tal-ewwel skopertura għat-telf ta' mhux inqas minn 5 % ta' kull skopertura titolizzata fit-titolizzazzjoni.

Interess ekonomiku nett għandu jitkejjel fl-oriġinazzjoni u għandu jinżamm fuq bażi kontinwa. L-interess ekonomiku nett, inklużi l-pożizzjonijiet, l-interess jew l-iskoperturi miżmuma, ma għandu jkun soġġett għall-ebda mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu jew pożizzjonijiet fil-qosor jew ħeġġ ieħor u ma għandux jinbiegħ. L-interess ekonomiku nett għandu jiġi determinat mill-valur nozzjonali għall-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.

Ma għandu jkun hemm l-ebda applikazzjoni multipla tar-rekwiżiti ta' żamma għal xi titolizzazzjoni partikolari.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-iskoperturi titolizzati jkunu pretensjonijiet jew pretensjonijiet kontinġenti fuq, iggarantiti bis-sħiħ, inkondizzjonalment u irrevokabbilment mill-istituzzjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 122a(3) tad-Direttiva 2006/48/KE, u ma għandhomx japplikaw għal dawk it-tranżazzjonijiet elenkati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 122a(3) tad-Direttiva 2006/48/KE.

*Artikolu 52*

**Rekwiżiti kwalitattivi fir-rigward tal-isponsors u l-oriġinaturi**

Qabel ma' AIFM jieħu skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni għan-nom ta' AIF wieħed jew aktar, għandu jiżgura li l-isponsors u l-oriġinatur:

(a) jagħtu kreditu abbażi ta' kriterji sodi u definiti tajjeb u jistabbixxu b'mod ċar il-proċess għall-approvazzjoni, l-emendar, u r-rifinanzjament tas-self għal skoperturi li għandhom jiġu ttitolizzati bħalma japplikaw fil-każ tal-iskoperturi li għandhom;

(b) ikollhom fis-seħħ u joperaw sistemi effettivi biex jimmaniġġjaw l-amministrazzjoni u l-monitoraġġ kontinwu tal-portfolji u l-iskoperturi tagħhom li jġorr riskju, inklużi l-identifikazzjoni u l-immaniġġjar ta' self problematiku u biex jagħmlu aġġustamenti u dispożizzjonijiet xierqa fil-valur;

(c) jiddiversifikaw adegwatament kwalunkwe portafoll ta' kreditu abbażi tas-suq fil-mira u l-istrateġija kumplessiva tal-kreditu;

(d) ikollhom politika bil-miktub dwar ir-riskju tal-kreditu li tinkludi l-limiti tat-tolleranza tar-riskju tagħhom u politika tal-forniment u tiddeskrivi kif tkejjel, timmonitorja u tikkontrolla dak ir-riskju;

(e) jagħtu aċċess disponibbli fil-pront għad-dejta materjalment rilevanti kollha dwar il-kwalità tal-kreditu u tal-prestazzjoni tal-iskoperturi individwali sottostanti, il-flussi tal-flus u l-kollateral li jsostnu l-iskopertura tat-titolizzazzjoni u tali informazzjoni li tkun meħtieġa biex jitwettqu testijiet tal-istress komprensivi u infurmati tajjeb dwar il-flussi tal-flus u l-valuri tal-kollateral li jsosstnu l-iskoperturi sottostanti. Għal dak il-għan, id-dejta materjalment rilevanti għandha tiġi determinata mid-data tat-titolizzazzjoni u fejn xieraq minħabba n-natura tat-titolizzazzjoni wara dik id-data;

(f) jagħtu aċċess disponibbli fil-pront għad-dejta rilevanti l-oħra kollha meħtieġa biex l-AIFM jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 53;

(g) jiddivulgaw il-livell ta' interess ekonomiku nett miżmum tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 51, kif ukoll kwalunkwe kwistjoni li tista' thedded iż-żamma tal-interess ekonomiku nett minimu meħtieġ kif imsemmi f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 53*

**Rekwiżiti kwalitattivi li jikkonċernaw lill-AIFMs skoperti għal titolizzazzjonijiet**

1. Qabel ma jieħdu skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni għan-nom ta' AIF wieħed jew aktar, u kif xieraq minn hemm 'il quddiem, l-AIFMs għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet kompetenti li, għal kull waħda mill-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni tagħhom, huma għandhom fehim komprensiv u fil-fond ta' dawk il-pożizzjonijiet u li implimentaw politiki u proċeduri formali xierqa għall-profil tar-riskju tal-investimenti rilevanti tal-AIF f'pożizzjonijiet titolizzati għall-analiżi u r-rekords:

(a) informazzjoni ddivulgata skont l-Artikolu 51, minn oriġinaturi jew sponsors biex tispeċifika l-interess ekonomiku nett li għandhom, fuq bażi kontinwa, fit-titolizzazzjoni;

(b) il-karatteristiċi tar-riskju tal-pożizzjoni individwali ta' titolizzazzjoni;

(c) il-karatteristiċi tar-riskju tal-iskoperturi sottostanti l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;

(d) ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' telf f'titolizzazzjonijiet preċedenti tal-oriġinaturi jew tal-isponsors fil-klassijiet ta' skoperturi sottostanti l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;

(e) ir-rapporti u d-divulgazzjonijiet magħmula mill-oriġinaturi jew l-isponsors, jew l-aġenti jew il-konsulenti tagħhom, dwar id-diliġenza dovuta tagħhom fuq l-iskoperturi titolizzati u, fejn xieraq, fuq il-kwalità tal-kollateral li jsostni l-iskoperturi titolizzati;

(f) fejn applikabbli, il-metodoloġiji u l-kunċetti li fuqhom tkun ibbażata il-valwazzjoni tal-kollateral li jsostni l-iskoperturi titolizzati u l-politiki adottati mill-oriġinatur jew l-isponsor sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-valwatur;

(g) il-karatteristiċi strutturali kollha tat-titolizzazzjoni li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-prestazzjoni tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni tal-istituzzjoni, bħall-kaskata kuntrattwali u skattaturi relatati mal-kaskati, titjib tal-kreditu, titjib tal-likwidità, skattaturi tal-valur tas-suq, u definizzjonijiet speċifiċi għat-transazzjoni ta' inadempjenza.

2. Fejn AIFM ikun ħa skopertura għal valur materjali tar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni għan-nom ta' AIF wieħed jew aktar, għandu regolarment iwettaq testijiet tal-istress xierqa għal dawn il-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2011/61/UE. It-test tal-istress għandu jkun proporzjonat man-natura, id-daqs u l-kumplessità tar-riskji inerenti fil-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni.

L-AIFMs għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ formali f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/61/UE fi proporzjon mal-profil tar-riskju tal-AIF rilevanti f'relazzjoni għar-riskju tal-kreditu ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni sabiex jimmonitorjaw fuq bażi kontinwa u fil-ħin l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti dawn il-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tinkludi (jekk relevanti għat-tip speċifiku ta' titolizzazzjoni u mhux limitata għal dawn it-tipi ta' informazzjoni deskritti aktar hawnhekk), it-tip tal-iskopertura, il-perċentwali ta' selfiet li ilhom dovuti aktar minn 30, 60 u 90 jum, ir-rati ta' inadempjenza, ir-rati ta' prepagament, self b'esklużjoni, tip u okkupanza ta' kollateral, id-distribuzzjoni tal-frekwenza tal-kejl tal-kreditu jew kejl ieħor tal-vijabbiltà tal-kreditu fl-iskoperturi sottostanti, l-industrija u d-diversifikazzjoni ġeografika u d-distribuzzjoni tal-frekwenzi tal-proporzjonijiet tas-selfiet mal-valur b'bandwidths li jiffaċilitaw l-analiżi adegwata tas-sensittività. Fejn l-iskoperturi sottostanti jkunu huma stess pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-AIFMs għandu jkollhom l-informazzjoni stabbilita f'dan is-subparagrafu mhux biss għas-segmenti ta' titolizzazzjoni sottostanti, bħal isem l-emittent u l-kwalità tal-kreditu, iżda wkoll dwar il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tal-pulijiet sottostanti dawk is-segmenti ta' titolizzazzjoni.

L-AIFMs għandhom japplikaw l-istess standards ta' analiżi għall-parteċipazzjonijiet jew is-sottoskrizzjonijiet fi ħruġ ta' titolizzazzjonijiet mixtrija mingħand partijiet terzi.

3. Għall-finijiet tal-immaniġġjar xieraq tar-riskju u tal-likwidità, l-AIFMs li jieħdu skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' titolizzazzjoni għan-nom ta' AIF wieħed jew aktar għandhom jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw, jimmaniġġajw, jikkontrollaw u jirrappurtaw ir-riskji li jinħolqu minħabba l-iżbilanċi bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-AIF rilevanti, ir-riskju ta' konċentrazzjoni jew ir-riskju tal-investiment li jirriżulta minn dawn l-istrumenti. L-AIFM għandu jiżgura li l-profil tar-riskju ta' dawn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jikkorrispondi mad-daqs, l-istruttura kumplessiva tal-portafoll, l-istrateġiji u l-għanijiet tal-investiment tal-AIF rilevanti kif stabbiliti fir-regoli jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni, fil-prospektus u d-dokumenti tal-offerta tal-AIF.

4. L-AIFMs għandhom jiżguraw, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2011/61/UE, li hemm grad adegwat ta' rappurtar intern lill-maniġment superjuri sabiex il-maniġment superjuri jkun konxju bis-sħiħ dwar kwalunkwe teħid ta' skoperturi materjali għal titolizzazzjonijiet u li r-riskji li joħorġu minn dawk l-iskoperturi jiġu mmaniġġjati b'mod adegwat.

5. L-AIFMs għandhom jinkludu informazzjoni xierqa dwar l-iskoperturi tagħhom għar-riskji tal-kreditu ta' titolizzazzjonijiet u l-proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskji tagħhom f'dan il-qasam fir-rapporti u d-divulgazzjonijet li jiġu sottomessi skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 54*

**Azzjoni korrettiva**

1. L-AIFMs għandhom jieħdu tali azzjoni korrettiva kif ikun fl-aħjar interess tal-investituri tal-AIF rilevanti meta jiskopru, wara li jieħdu skopertura għal titolizzazzjoni, li d-determinazzjoni u d-divulgazzjoni tal-interess miżmum ma kienx jilħaq ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-AIFMs għandhom jieħdu tali azzjoni korrettiva kif tkun fl-aħjar interess tal-investituri tal-AIF rilevanti, meta l-interess miżmum isir inqas minn 5 % f'mument partikolari wara li jieħdu skopertura u dan ma jkunx minħabba l-mekkaniżmu naturali tal-pagament tat-tranżazzjoni.

*Artikolu 55*

**Klawżola ta' anterjorità**

L-Artikoli 51 sa 54 għandhom japplikaw għal titolizzazzjonijiet ġodda maħruġa fl-1 ta' Jannar 2011 jew wara. Minn wara l-31 ta' Diċembru 2014 għandhom jibdew japplikaw l-Artikoli 51 sa 54 fir-rigward ta' titolizzazzjonijiet eżistenti meta jiżdiedu jew jinbidlu skoperturi sottostanti ġodda wara dik id-data.

*Artikolu 56*

**Interpretazzjoni**

Fin-nuqqas ta' interpretazzjoni speċifika mogħtija mill-AETS jew mill-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jiġu interpretati b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 2006/48/KE u mal-Linji Gwida tal-Artikolu 122a tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali tal-31 ta' Diċembru 2010 [1] maħruġa mill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej u emendi sussegwenti tagħhom.

*TAQSIMA 6*

***Rekwiżiti organizzazzjonali - Prinċipji ġenerali***

[Artikolu 12 u 18 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 57*

**Rekwiżiti ġenerali**

1. AIFMs għandhom:

(a) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet u struttura organizzazzjonali li jispeċifikaw linji tar-rappurtar u jallokaw il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet b'mod ċar u dokumentat;

(b) jiżguraw li l-persuni rilevanti tagħhom ikunu jafu bil-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għat-twettiq korrett tar-responsabbiltajiet tagħhom;

(c) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati mfassla biex jiżguraw il-konformità mad-deċiżjonijiet u l-proċeduri fil-livelli kollha tal-AIFM;

(d) jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu rappurtar u komunikazzjoni interni tal-informazzjoni effikaċi fil-livelli rilevanti kollha tal-AIFM kif ukoll flussi effikaċi tal-informazzjoni ma' kwalunkwe parti terza involuta;

(e) iżommu rekords adegwati u fl-ordni tan-negozju u l-organizzazzjoni interna tagħhom.

L-AIFMs għandhom iqisu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tagħhom u n-natura u l-firxa tas-servizzi u l-attivitajiet li jitwettqu f'dak in-negozju.

2. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu sistemi u proċeduri li jkunu adegwati għall-ħarsien tas-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, filwaqt li jqisu n-natura tal-informazzjoni inkwistjoni.

[1] Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, Linji gwida għall-Artikolu 122a tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali tal-31 ta' Diċembru 2010, www.eba.europa.eu/cebs/media/Publications/Standards%20and%20Guidelines/2010/Application%20of%20Art.%20122a%20of%20the%20CRD/Guidelines.pdf

3. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika adegwata tal-kontinwità tan-negozju mmirata biex tkun żgurata, fil-każ ta' interruzzjoni fis-sistemi u l-proċeduri tagħhom, il-preservazzjoni tad-dejta u l-funzjonijiet essenzjali, u ż-żamma tas-servizzi u l-attivitajiet, jew meta dan ma jkunx possibbli, l-irkupru bla telf ta' żmien ta' din id-dejta u l-funzjonijiet u l-issoktar mill-ġdid tas-servizzi u l-attivitajiet tagħhom.

4. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika u l-proċeduri tal-kontabbiltà u regoli tal-valwazzjoni li permezz tagħhom ikunu jistgħu, fuq talba tal-awtorità kompetenti, iwasslu fil-pront rapporti finanzjarji lill-awtorità kompetenti li jkunu jirriflettu b'mod ġust il-vera pożizzjoni finanzjarja tagħhom u li jkunu konformi mal-istandards u r-regoli tal-kontabbiltà applikabbli kollha.

5. L-AIFMs għandhom jimplimentaw politiki u proċeduri xierqa biex jiżguraw li politiki tat-tifdija tal-AIF ikunu ddivulgati lill-investituri, f'biżżejjed dettall, qabel dawn ma jinvestu fl-AIF u fil-każ ta' bidliet materjali.

6. L-AIFMs għandhom jimmonitorjaw u, fuq bażi regolari, jevalwaw l-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi, il-mekkaniżmi tal-kontrolli interni u l-arranġamenti stabbiliti tagħhom skont il-paragrafi 1 sa 5, u li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas.

*Artikolu 58*

**Proċessar ta' dejta elettronika**

1. L-AIFMs għandhom jagħmlu arranġamenti xierqa u suffiċjenti għal sistemi elettroniċi xierqa sabiex jippermettu r-reġistrazzjoni f'waqtha u xierqa ta' kull tranżazzjoni jew sottoskrizzjoni ta' portafoll jew, fejn rilevanti, ordni ta' tifdija.

2. L-AIFMs għandhom jiżguraw standard għoli ta' sigurtà waqt l-ipproċessar elettroniku tad-dejta kif ukoll l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni rreġistrata, kif xieraq.

*Artikolu 59*

**Proċeduri tal-kontabbiltà**

1. L-AIFMs għandhom ikollhom politiki u proċeduri tal-kontabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 57(4) sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-investituri. Ir-rekords tal-kontabbiltà għandhom jinżammu b'tali mod li l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tal-AIF ikunu jistgħu jiġu identifikati direttament il-ħin kollu. Jekk AIF ikollu kompartimenti ta' investiment differenti, għandhom jinżammu kontijiet separati għal dawk il-kompartimenti.

2. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politiki u proċeduri tal-kontabbiltà u l-valwazzjoni biex jiżguraw illi l-valur nett tal-assi ta' kull AIF ikun ikkalkulat b'mod preċiż fuq il-bażi tar-regoli u l-standards tal-kontabbiltà applikabbli.

*Artikolu 60*

**Kontroll mill-korp tat-tmexxija, il-maniġment superjuri u l-funzjoni tas-superviżjoni**

1. Meta jallokaw funzjonijiet internament, l-AIFMs għandhom jiżguraw li korp tat-tmexxija, il-maniġiment superjuri u, fejn teżisti, il-funzjoni superviżorja, ikunu responsabbli għall-konformità tal-AIFM mal-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 2011/61/UE.

2. L-AIFM għandu jiżgura li l-maniġment superjuri tiegħu:

(a) ikun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika ġenerali tal-investiment għal kull AIF immaniġġjat, kif definit, fejn rilevanti, fir-regoli tal-fond, fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni, fil-prospett jew fid-dokumenti tal-offerta;

(b) jissorvelja l-approvazzjoni tal-istrateġiji tal-investiment għal kull AIF immaniġġjat;

(c) ikun responsabbli biex jiżgura li hemm stabbiliti u implimentat politiki u proċeduri tal-valwazzjoni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE;

(d) ikun responsabbli biex jiżgura li l-AIFM ikollu funzjoni tal-konformità permanenti u effettiva, anki jekk din il-funzjoni titwettaq minn parti terza;

(e) jiżgura u jivverifika perjodikament li l-politika ġenerali tal-investiment, l-istrateġiji tal-investiment u l-limiti tar-riskji ta' kull AIF immaniġġjat ikunu qegħdin jiġu implimentati u osservati sew u b'mod effikaċi, anke jekk il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji titwettaq minn partijiet terzi;

(f) japprova u jirrevedi perjodikament l-adegwatezza tal-proċeduri interni għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar investiment għal kull AIF immaniġġjat, sabiex ikun żgurat li dawk id-deċiżjonijiet ikunu konsistenti mal-istrateġiji approvati ta' investiment;

(g) japprova u jirrevedi perjodikament il-politika u l-arranġamenti tal-immaniġġjar tar-riskji, il-proċessi u t-tekniki għall-implimentazzjoni ta' dik il-politika, inkluża s-sistema tal-limitu tar-riskji għal kull AIF li jimmaniġġja.

(h) ikun responsabbli biex jistabbilixxi u japplika politika ta' rimunerazzjoni skont l-Anness II tad-Direttiva 2011/61/UE.

3. AIFM għandu wkoll jiżgura li l-maniġment superjuri tiegħu u, fejn xieraq, il-korp tat-tmexxija tiegħu jew il-funzjoni superviżorja:

(a) jivvalutaw u janalizżaw perjodikament l-effikaċja tal-politiki, l-arranġamenti u l-proċeduri fis-seħħ għall-konformità mal-obbligi stipulati fid-Direttiva 2011/61/UE;

(b) jieħdu miżuri xierqa biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas.

4. AIFM għandu jiżguraw li l-maniġment superjuri jirċievi fuq bażi frekwenti, u tal-anqas kull sena, rapporti bil-miktub dwar kwistjonijiet ta' konformità, awditjar intern u l-immaniġġjar tar-riskji fejn ikun indikat b'mod partikolari jekk ikunux ittieħdu l-miżuri ta' rimedju xierqa fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas.

5. L-AIFM għandu jiżgura li l-maniġment superjuri tiegħu jirċievi fuq bażi regolari rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' investiment u l-proċeduri interni għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar investiment imsemmija fil-punt (b) sa (e) tal-paragrafu 2.

6. AIFM għandu jiżgura li l-korp tat-tmexxija jew il-funzjoni superviżorja, jekk ikun hemm, tirċievi fuq bażi regolari rapporti bil-miktub dwar il-kwistjonijiet msemmija fil-paragrafu 4.

*Artikolu 61*

**Funzjoni permanenti tal-konformità**

1. L-AIFM għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm politiki u proċeduri adegwati mfassla biex jinkixef kwalunkwe riskju ta' nuqqas min-naħa tal-AIFM milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 2011/61/UE, u r-riskji assoċjati, u jkollu fis-seħħ miżuri u proċeduri adegwati mfassla biex jimminimizzaw dan ir-riskju u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod effikaċi skont din id-Direttiva.

L-AIFM għandu jqis in-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tiegħu u n-natura u l-firxa tas-servizzi u l-attivitajiet li jitwettaq matul dak in-negozju.

2. AIFM għandu jistabbilixxi u jżomm funzjoni permanenti u effettiva tal-konformità li topera indipendentement u li jkollha r-responsabbilitajiet li ġejjin:

(a) li timmonitorja u, fuq bażi regolari, tevalwa l-adegwatezza u l-effikaċja tal-miżuri, il-politiki u l-proċeduri fis-seħħ skont il-paragrafu 1, u l-azzjonijiet meħuda sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas fil-konformità tal-AIFM mal-obbligi tiegħu;

(b) li tagħti pariri lill-persuni rilevanti responsabbli mit-twettiq tas-servizzi u l-attivitajiet u tassistihom fil-konformità mal-obbligi tal-AIFM skont id-Direttiva 2011/61/UE.

3. Sabiex il-funzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 2 tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha sew u indipendentement, l-AIFM għandu jiżgura li:

(a) il-funzjoni ta' konformità jkollha l-awtorità, ir-riżorsi, il-kompetenza u l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa;

(b) jinħatar uffiċjal tal-konformità u jkun responsabbli mill-funzjoni tal-konformità u biex jirrapporta fuq bażi frekwenti, u tal-anqas kull sena, lill-maniġment superjuri dwar kwistjonijiet ta' konformità, fejn jindika b'mod partikolari jekk ikunux ittieħdu l-miżuri ta' rimedju xierqa fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas;

(c) il-persuni fil-funzjoni tal-konformità ma jkunux involuti fit-twettiq tas-servizzi jew l-attivitajiet li jimmonitorjaw;

(d) il-metodu għad-determinazzjoni tar-rimunerazzjoni tal-uffiċjal tal-konformità u l-persuni l-oħra fil-funzjoni tal-konformità ma jaffettwax l-oġġettività tagħhom u x'aktarx li mhux se jaffettwaha.

Madanakollu, l-AIFM mhuwiex meħtieġ jikkonforma mal-punt (c) jew (d) tal-ewwel subparagrafu jekk ikun jista' juri li minħabba n-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tiegħu, u n-natura u l-firxa tas-servizzi u l-attivitajiet tiegħu, li dak ir-rekwiżit mhuwiex proporzjonat u li l-funzjoni tal-konformità tiegħu tibqa' effikaċi.

*Artikolu 62*

**Funzjoni permanenti tal-awditjar intern**

1. Fejn xieraq u proporzjonat, u fid-dawl tan-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tagħhom u n-natura u l-firxa tal-attivitajiet tal-immaniġġjar ta' portafoll kollettiv imwettqa f'dak in-negozju, l-AIFMs għandhom jistabbilixxu u jżommu funzjoni ta' awditjar intern li tkun separata u indipendenti mill-funzjonijiet u l-attivitajiet l-oħra tal-AIFM.

2. Il-funzjoni tal-awditjar intern imsemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tistabbilixxi, timplimenta u żżomm pjan tal-awditjar biex jiġu eżaminati u evalwati l-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi, il-mekkaniżmi tal-kontroll intern u l-arranġamenti tal-AIFM;

(b) toħroġ b'rakkomandazzjonijiet abbażi tar-riżultati tal-ħidma mwettqa skont il-punt (a);

(c) tivverifika l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt (b);

(d) tirrapporta kwistjonijiet tal-awditjar intern.

*Artikolu 63*

**Tranżazzjonijiet personali**

1. Għal kwalunke persuna rilevanti li hija involuta f'attivitajiet li jistgħu joħolqu konflitt ta' interess, jew li jkollha aċċess għal informazzjoni privileġġata, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) ([1]) jew informazzjoni kunfidenzjali oħra marbuta mal-AIF jew mat-tranżazzjonijiet ma' jew għal AIF, AIFM għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm arranġamenti adegwati mmirati biex jimpedixxi tali persuni rilevanti milli:

(a) jidħlu fitranżazzjoni personali fi strumenti finanzjarji jew assi oħra li jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) it-tranżazzjoni hija soġġetta għall-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/6/KE;

(ii) it-tranżazzjoni tinvolvi l-abbuż jew id-divulgazzjoni skorretta ta' informazzjoni kunfidenzjali;

(iii) it-tranżazzjoni tikkonfliġġi jew x'aktarx tkun f'kunflitt ma' obbligu tal-AIFM skont id-Direttiva 2011/61/UE;

(b) tagħti pariri jew tħajjar, minbarra fit-twettiq tajjeb tal-impjieg tagħha jew kuntratt għal servizzi, kwalunkwe persuna oħra biex tidħol fi tranżazzjoni personali msemmija fil-punt (a)(i) u (ii), jew li altrimenti tkun tikkostitwixxi abbuż tal-informazzjoni marbuta ma' ordnijiet pendenti;

(c) tiddivulga, minbarra fit-twettiq tajjeb tal-impjieg tagħha jew kuntratt għal servizzi u mingħajr ħsara għall-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2003/6/KE, kwalunkwe informazzjoni jew opinjoni lil kwalunkwe persuna oħra jekk il-persuna rilevanti tkun taf, jew raġonevolment imissha tkun taf, li b'riżultat ta' dik id-divulgazzjoni dik il-persuna l-oħra se tieħu jew x'aktarx li tieħu xi wieħed mill-passi li ġejjin:

(i) tidħol fi tranżazzjoni personali msemmija fil-punt (a)(i) u (ii) fi strumenti finanzjarji jew assi oħrajn jew li altrimenti tkun tikkostitwixxi abbuż mill-informazzjoni dwar ordnijiet pendenti;

(ii) tagħti parir jew tħajjar persuna oħra biex tidħol f'tali tranżazzjoni.

([1]) ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom b'mod partikolari jkunu maħsuba biex jiżguraw li:

(a) kull persuna rilevanti tkun konxja mir-restrizzjonijiet fuq it-tranżazzjonijiet personali msemmija fil-paragrafu 1, u mill-miżuri stabbiliti mill-AIFM b'rabta mat-tranżazzjonijiet personali u d-divulgazzjoni, skont il-paragrafu 1;

(b) l-AIFM ikun mgħarrfa fil-pront dwar kwalunkwe tranżazzjoni personali li tidħol fiha persuna rilevanti koperta mill-paragrafu 1, jew b'notifika ta' dik it-tranżazzjoni jew permezz ta' proċeduri oħra biex l-AIFM ikun jista' jidentifika tali tranżazzjonijiet;

(c) jinżamm rekord tat-tranżazzjoni personali nnotifikata lill-AIFM jew identifikata minnu, inkluża kwalunkwe awtorizzazzjoni jew projbizzjoni b'rabta ma' tali tranżazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, fejn ċerti attivitajiet tal-AIFM jitwettqu minn partijiet terzi, l-AIFM għandu jiżgura li l-entità li twettaq l-attività żżomm rekord tat-tranżazzjonijiet personali li tidħol għalihom kwalunke persuna rilevanti koperta mill-paragrafu 1 u li fuq talba tipprovdi l-informazzjoni lill-AIFM minnufih.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet personali:

(a) eżegwiti bħala servizz diskrezzjonali ta' mmaniġġjar ta' portafoll fejn ma jkun hemm ebda komunikazzjoni minn qabel b'rabta mat-tranżazzjoni bejn il-maniġer tal-portafoll u l-persuna rilevanti jew persuna oħra li f'isimha hija eżegwita t-tranżazzjoni;

(b) f'UCITS jew f'AIFs li jkunu soġġetti għal superviżjoni skont il-liġi ta' Stat Membru li titlob livell ekwivalenti ta' tifrix tar-riskji fl-assi tagħhom, fejn il-persuna rilevanti u kwalunkwe persuna oħra li f'isimha jiġu eżegwiti t-tranżazzjonijiet ma jkunux involuti fil-immaniġġjar ta' dik l-impriża.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, tranżazzjoni personali għandha tinkludi wkoll tranżazzjoni fi strument finanzjarju jew assi ieħor eżegwita f'isem jew għan-nom ta':

(a) persuna rilevanti;

(b) kwalunkwe persuna li magħha l-persuna rilevanti għandha relazzjoni familjari jew li magħha l-persuna relevanti għandha rabtiet mill-qrib;

(c) persuna li r-relazzjoni tagħha ma' persuna rilevanti tkun tali li l-persuna rilevanti jkollha intress dirett jew interess indirett fir-riżultat tan-negozju, minbarra t-tariffa jew il-kummissjoni għall-esekuzzjoni tan-negozju.

*Artikolu 64*

**Reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' portafolji**

1. L-AIFMs għandhom mingħajr dewmien u għal kull tranżazzjoni ta' portafoll relatata mal-AIF li jimmaniġġjaw, jirreġistraw informazzjoni li hija suffiċjenti biex jiġu rikostruwiti d-dettalji tal-ordni u tat-tranżazzjoni eżegwita jew tal-ftehim.

2. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' portafoll f'ċentru tal-eżekuzzjoni, ir-rekord imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem jew deżinjazzjoni oħra tal-AIF u tal-persuna li tkun qiegħda taġixxi f'isem l-AIF;

(b) l-assi;

(c) fejn rilevanti, il-kwantità;

(d) it-tip tal-ordni jew it-tranżazzjoni;

(e) il-prezz;

(f) għal ordnijiet, id-data u l-ħin preċiż tat-trażmissjoni tal-ordni u l-isem jew deżinjazzjoni oħra tal-persuna għand min tkun ġiet l-ordni, jew għal tranżazzjonijiet, id-data u l-ħin preċiż tad-deċiżjoni biex isir in-negozju u l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni;

(g) fejn applikabbli, l-isem tal-persuna li tittrażmetti l-ordni jew li teżegwixxi t-tranżazzjoni;

(h) fejn applikabbli, ir-raġunijiet għar-revoka ta' ordni;

(i) għal tranżazzjonijiet eżegwiti, l-identifikazzjoni tal-kontraparti u taċ-ċentru tal-eżekuzzjoni.

3. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' portafoll minn AIF mhux f'xi ċentru tal-eżekuzzjoni, ir-rekord imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem jew deżinjazzjoni oħra tal-AIF;

(b) dokumentazzjoni ġuridika u oħra li tifforma l-bażi tat-tranżazzjoni tal-portafoll, inklużi partikolarment il-ftehim kif eżekwit;

(c) il-prezz.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, ċentru tal-eżekuzzjoni għandu jinkludi internalizzatur sistematiku kif imsemmi fil-punt (7) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, suq regolat kif imsemmi fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva, faċilità tan-negozjar multilaterali kif imsemmi fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva, ġeneratur tas-suq kif imsemmi fil-punt (8) tal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva jew fornitur ieħor tal-likwidità jew entità li twettaq, f'pajjiż terz, funzjoni simili għal dawk imwettqa minn xi wieħed minn dawn li għadhom kif issemmew.

*Artikolu 65*

**Reġistrazzjoni tal-ordnijiet ta' sottoskrizzjoni u tifdija**

1. L-AIFMs għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li sottoskrizzjonijiet ta' AIF li jaslulhom u, fejn rilevanti, l-ordnijiet tat-tifdija jiġu rreġistrati mingħajr dewmien żejjed wara l-wasla ta' kwalunkwe tali ordni.

2. Din ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar dan li ġej:

(a) l-AIF rilevanti;

(b) il-persuna li tagħti jew tittrażmetti l-ordni;

(c) il-persuna li tirċievi l-ordni;

(d) id-data u l-ħin tal-ordni;

(e) it-termini u l-mezzi tal-pagament;

(f) it-tip tal-ordni;

(g) id-data tal-eżekuzzjoni tal-ordni;

(h) l-għadd ta' unitajiet jew ishma jew ammonti ekwivalenti sottoskritti jew mifdija;

(i) is-sottoskrizzjoni jew, fejn rilevanti, il-prezz tat-tifdija għal kull unità jew sehem jew, fejn relevanti, l-ammont tal-kapital impenjat u mħallas;

(j) il-valur totali tas-sottoskrizzjoni jew it-tifdija tal-unitajiet jew l-ishma;

(k) il-valur gross tal-ordni inklużi l-imposti għas-sottoskrizzjoni, jew l-ammont nett wara l-imposti għat-tifdijiet.

L-informazzjoni skont il-punti (i), (j) u (k) għandha tiġi rreġistrata malli tkun disponibbli.

*Artikolu 66*

**Rekwiżiti ta' żamma tar-rekords**

1. L-AIFMs għandhom jiżguraw li r-rekords kollha msemmija fl-Artikoli 64 u 65 jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

Madanakollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-AIFMs jiżguraw li kwalunkwe minn dawk ir-rekords, jew ir-rekords kollha jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li jqisu n-natura tal-assi jew it-tranżazzjoni tal-portafoll, meta jkun meħtieġ biex l-awtorità tkun tista' teżerċita l-funzjonijiet superviżorji tagħha skont id-Direttiva 2011/61/UE.

2. Wara t-terminazzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' AIFM, ir-rekords għandhom jinżammu għall-anqas għall-perjodu ulterjuri ta' ħames snin imsemmi fil-paragarfu 1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu żamma għal perjodu itwal.

Fejn l-AIFM jitrasferixxi r-responsabbiltajiet tiegħu fir-rigward tal-AIF lil AIFM ieħor, huwa għandu jiżgura li r-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu aċċessibbli għal dak l-AIFM.

3. Ir-rekords għandhom jinżammu f'mezz li jippermetti l-ħażna tal-informazzjoni b'mod aċċessibbli għal referenza fil-futur mill-awtorità kompetenti, u b'tali forma u manjiera li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaċċessawhom malajr u jirrikostruwixxu kull stadju ewlieni tal-ipproċessar ta' kull tranżazzjoni tal-portafoll;

(b) korrezzjonijiet jew emendi oħra, u l-kontenut tar-rekords qabel tali korrezzjonijiet jew emendi, ikunu jistgħu jiġu aċċertati faċilment;

(c) ma tkun possibbli l-ebda manipulazzjoni jew alterazzjoni oħra.

*TAQSIMA 7*

***Valwazzjoni***

[Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 67*

**Politiki u proċeduri għall-valwazzjoni tal-assi tal-AIF**

1. L-AIFMs għandhom jistabbilixxu, iżommu, jimplimentaw u jirrevedu, għal kull AIF li jimmaniġġjaw politiki u proċeduri bil-miktub li jiżguraw proċess tal-valwazzjoni sod, trasparenti, komprensiv u dokumentat sew. Il-politika u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom ikopru l-aspetti materjali kollha tal-proċess tal-valwazzjoni u tal-proċeduri u l-kontrolli tal-valwazzjoni fir-rigward tal-AIF rilevanti.

Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali u r-regoli u l-istrumenti tal-inkorporazzjoni tal-AIF, l-AIFM għandu jiżgura li jiġu applikati metodoloġiji tal-valwazzjoni ġusti, xierqa u trasparenti għall-AIFs li jimmaniġġja. Il-politiki tal-valwazzjoni għandhom jidentifikaw, u l-proċeduri għandhom jimplimentaw, il-metodoloġiji tal-valwazzjoni użati għal kull tip ta' assi fejn l-AIF jista' jinvesti skont il-liġi nazzjonali applikabbli, ir-regoli tal-AIF u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni. L-AIFM ma għandux jinvesti f'tip partikolari ta' assi għall-ewwel darba sakemm ma jkunux ġew identifikati l-metodoloġija jew il-metodoloġiji tal-valwazzjoni xierqa għal dak it-tip speċifiku ta' assi.

Il-politiki u l-proċeduri li jistabbilixxu l-metodoloġiji tal-valwazzjoni għandhom jinkludu l-inputs, il-mudelli u l-kriterji tal-għażla għall-ipprezzar u s-sorsi tad-dejta tas-suq. Għandhom jipprovdu li l-prezzijiet għandhom jinkisbu minn sorsi indipendenti kull meta possibbli u xieraq. Il-proċess tal-għażla ta' metodoloġija partikulari għandu jinkludi valutazzjoni tal-metodoloġiji disponibbli rilevanti, filwaqt li jqis is-sensittività tagħhom għall-bidliet fil-varjabbli u kif strateġiji speċifiċi jiddeterminaw il-valur relattiv tal-assi fil-portafoll.

2. Il-politiki tal-valwazzjoni għandhom jistabbilixxu l-obbligi, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha involuti fil-proċess tal-valwazzjoni, inklużi tal-maniġment superjuri tal-AIFM. Il-proċeduri għandhom jirriflettu l-istruttura organizzazzjonali kif stabbiliti fil-politiki tal-valwazzjoni.

Il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jindirizzaw talanqas dan li ġej:

(a) il-kompetenza u l-indipendenza tal-persunal li effettivament qiegħed iwettaq il-valwazzjoni tal-assi;

(b) l-istrateġiji tal-investiment speċifiku tal-AIF u l-assi li l-AIF jista' jinvesti fihom;

(c) il-kontrolli fuq l-għażla tal-inputs, is-sorsi u l-metodoloġiji tal-valwazzjoni;

(d) il-kanali ta' eskalazzjoni biex jiġu riżolti differenzi fil-valuri tal-assi;

(e) il-valwazzjoni ta' kwalunkwe aġġustament relatat mad-daqs u l-likwidità tal-pożizzjonijiet, jew għal bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq, kif xieraq;

(f) il-ħin xieraq meta jingħalqu l-kotba għall-fini tal-valwazzjoni;

(g) il-frekwenza xierqa għall-valwazzjoni tal-assi.

3. Meta jinħatar valwatur estern, il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jistabbilixxu proċess għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-AIFM u l-valwatur estern biex jiġi żgurat li tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-fini li jitwettaq il-kompitu tal-valwazzjoni.

Il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jiżguraw li l-AIFM iwettaq diliġenza dovuta inizjali u perjodika fuq partijiet terzi li jinħatru biex iwettqu servizzi ta' valwazzjoni.

4. Fejn il-valwazzjoni titwettaq mill-AIFM innifsu, il-politiki għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' salvagwardji biex il-kompitu tal-valwazzjoni jitwettaq b'mod indipendenti skont il-punt (b) tal-Artikolu 19(4) tad-Direttiva 2011/61/UE. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu miżuri biex jipprevjenu jew irażżnu lil kwalunkwe persuna milli teżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif persuna twettaq attivitajiet ta' valwazzjoni.

*Artikolu 68*

**Użu ta' mudelli għall-valwazzjoni ta' assi**

1. Jekk jintuża mudell għall-valwazzjoni tal-assi ta' AIF, il-mudell u l-karatteristiċi ewlenin tiegħu għandhom jiġu spjegati u ġustifikati fil-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni. Ir-raġuni għall-għażla tal-mudell, id-dejta sottostanti, is-suppożizzjonijiet użati fil-mudell u r-raġuni għall-użu tagħhom, u l-limitazzjonijiet tal-valwazzjoni abbażi ta' mudell għandhom jiġu dokumentati sew.

2. Il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jiżguraw li qabel ma jintuża, mudell jiġi vvalidat minn persuna b'kompetenza suffiċjenti li ma kinitx involuta fil-proċess tal-bini ta' dak il-mudell. Il-proċess tal-validazzjoni għandu jkun dokumentat b'mod xieraq.

3. Il-mudell għandu jkun soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-maniġment superjuri tal-AIFM. Fejn il-mudell jintuża minn AIFM li jwettaq il-funzjoni tal-valwazzjoni huwa stess, l-approvazzjoni mill-maniġment superjuri għandha tkun mingħajr ħsara għad-dritt tal-awtorità kompetenti li tirrikjedi skont l-Artikolu 19(9) tad-Direttiva 2011/61/UE li l-mudell jiġi vverifikat minn awditur jew valwatur estern.

*Artikolu 69*

**Applikazzjoni konsistenti tal-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni**

1. L-AIFM għandu jiżgura li l-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni u l-metodoloġiji ta' valwazzjoni magħżula jiġu applikati konsistentement.

2. Il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni u l-metodoloġiji magħżula għandhom ikunu applikati għall-assi kollha fi ħdan AIF filwaqt li titqies l-istrateġija tal-investiment, it-tip ta' assi u, jekk applikabbli, l-eżistenza ta' valwaturi esterni differenti.

3. Fejn ma jkunx meħtieġ aġġornament, il-politiki u l-proċeduri għandhom jiġu applikati konsistentement tul iż-żmien, u s-sorsi u r-regoli tal-valwazzjoni għandhom jibqgħu konsistenti tul iż-żmien.

4. Il-proċeduri tal-valwazzjoni u l-metodoloġiji maħtura ta' valwazzjoni għandhom jiġu applikati konsistentement mal-AIFs kollha mmaniġġjati mill-istess AIFM, filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji tal-investiment u t-tipi ta' assi miżmuma mill-AIFs, u jekk applikabbli, l-eżistenza ta' valwaturi esterni differenti.

*Artikolu 70*

**Reviżjoni perjodika tal-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni**

1. Il-politiki tal-valwazzjoni għandhom jipprovdu għal reviżjoni perjodika tal-politiki u l-proċeduri, inkluż tal-metodoloġiji tal-valwazzjoni. Ir-reviżjoni għandha titwettaq mill-inqas kull sena u qabel l-AIF jimpenja strateġija ta' investiment ġdida jew tip ġdid ta' assi li mhumiex koperti mill-politika attwali ta' valwazzjoni.

2. Il-politiki u l-proċeduri ta' valwazzjoni għandhom jiddeskrivu kif bidla fil-politika tal-valwazzjoni, inkluża l-metodoloġija, jistgħu jsiru u f'liema ċirkostanzi dan ikun xieraq. Rakkomandazzjonijiet għal tibdil fil-politiki u l-proċeduri għandhom isiru lill-maniġment superjuri, li għandu jeżamina u japprova kwalunkwe bidla.

3. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji msemmija fl-Artikolu 38 għandha tirrevedi u, jekk meħtieġ, tipprovdi raġunijiet xierqa dwar il-politiki u l-proċeduri adottati għall-valwazzjoni tal-assi.

*Artikolu 71*

**Reviżjoni tal-valuri individwali tal-assi**

1. AIFM għandu jiżgura li l-assi kollha miżmuma mill-AIF huma valwati b'mod ġust u xieraq. L-AIFM għandu jiddokumenta skont it-tip ta' assi l-mod kif ġie vvalutat il-valur individwali b'mod xieraq u ġust. L-AIFM għandu l-ħin kollu jkun kapaċi juri li l-portafolli tal-AIFs li jimmaniġġja huma valwati tajjeb.

2. Il-politiki u l-proċeduri tal-valutazzjoni għandhom jistabbilixxu proċess ta' reviżjoni għall-valuri individwali tal-assi, fejn jeżisti riskju materjali ta' valwazzjoni mhux xierqa, bħal fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-valwazzjoni tkun bbażata fuq prezzijiet disponibbli biss minn xi sors uniku ta' kontroparti jew sensar;

(b) il-valutazzjoni tkun ibbażata fuq prezzijiet illikwidi tal-kambju;

(c) il-valwazzjoni hija influwenzata minn partijiet relatati mal-AIFM;

(d) il-valwazzjoni hija influwenzata minn entitajiet oħra li jista' jkollhom interess finanzjarju fil-prestazzjoni tal-AIF;

(e) il-valwazzjoni hija bbażata fuq prezzijiet mogħtija mill-kontroparti li oriġinat strument, partikolarment fejn l-oriġinatur jkun qiegħed ukoll jiffinanzja l-pożizzjoni tal-AIF fl-istrument;

(f) il-valwazzjoni hija influwenzata minn individwu wieħed jew aktar fi ħdan l-AIFM.

3. Il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jiddeskrivu l-proċess ta' reviżjoni inklużi verifiki u kontrolli biżżejjed u xieraq dwar ir-raġonevolezza tal-valuri individwali. Ir-raġonevolezza għandha tiġi vvalutat f'termini tal-eżistenza ta' grad xieraq ta' oġġettività. Tali verifiki u kontrolli għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) il-verifika tal-valuri bi tqabbil fost l-ipprezzar tal-kontopartijiet u tul iż-żmien;

(b) il-validazzjoni tal-valuri permezz ta' paragun tal-prezzijiet realizzati mal-valuri fil-kotba riċenti;

(c) konsiderazzjoni tar-reputazzjoni, il-konsistenza u l-kwalità tas-sors tal-valwazzjoni;

(d) paragun mal-valuri ġġenerati minn parti terza;

(e) eżami u dokumentazzjoni tal-eżenzjonijiet;

(f) enfasi u stħarriġ ta' kwalunkwe differenza li tidher mhux tas-soltu jew tvarja mill-parametru referenzjarju tal-valwazzjoni stabbilit għat-tip ta' assi;

(g) ittestjar għal prezzijiet staġnati u parametri implikati;

(h) paragun mal-prezzijiet ta' kwalunkwe assi relatat jew il-ħeġġijiet tagħhom;

(i) reviżjoni tal-inputs użati fl-ipprezzar abbażi ta' mudell, partikolarment dawk li għalihom il-prezz tal-mudell juri sensittività sinifikanti.

4. Il-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' eskalazzjoni xierqa biex jindirizzaw id-differenzi jew problemi oħrajn fil-valwazzjoni tal-assi.

*Artikolu 72*

**Kalkolu tal-valur nett tal-assi għal kull unità jew sehem**

1. L-AIFM għandu jiżgura li, għal kull AIF li jimmaniġġja l-valur nett tal-assi għal kull unità jew sehem jiġi kkalkulat fl-okkażjoni ta' kull ħruġ jew sottoskrizzjoni jew tifdija jew kanċellazzjoni ta' unitajiet jew ishma, iżda mill-inqas darba fis-sena.

2. L-AIFM għandu jiżgura li l-proċeduri u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-valur nett tal-assi għal kull unità jew sehem huma dokumentati bis-sħiħ. Il-proċeduri u l-metodoloġiji tal-kalkolu u l-applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal verifika regolari mill-AIFM, u d-dokumentazzjoni għandha tiġi emendata kif xieraq.

3. L-AIFM għandu jiżgura li hemm fis-seħħ proċeduri rimedjali fil-każ ta' kalkolu żbaljat tal-valur nett tal-assi.

4. AIFM għandu jiżgura li l-għadd ta' unitajiet jew ishma fi kwistjoni jkun soġġett għal verifika regolari, mill-inqas daqs kemm-il darba jiġi kkalkulat il-prezz tal-unità jew is-sehem.

*Artikolu 73*

**Garanziji professjonali**

1. Valwaturi esterni għandhom jipprovdu, meta jintalbu garanziji professjonali biex juru l-kapaċità tagħhom li jwettqu l-funzjoni tal-valwazzjoni. Il-garanziji professjonali li għandhom jiġu pprovduti mill-valwaturi esterni għandhom ikunu bil-miktub.

2. Il-garanziji professjonali għandhom ikun fihom evidenza tal-kwalifiki u l-kapaċitajiet tal-valwatur estern li jwettaq valwazzjoni tajba u indipendenti, inkluż, tal-anqas evidenza ta':

(a) biżżejjed persunal u riżorsi tekniċi;

(b) proċeduri adegwati li jissalvagwardja valwazzjoni tajba u indipendenti;

(c) għarfien u fehim adegwat tal-istrateġija ta' investiment tal-AIF u tal-assi esterni li l-valwatur estern jinħatar ivalwa;

(d) reputazzjoni tajba biżżejjed u esperjenza suffiċjenti fil-valwazzjoni.

3. Fejn il-valwatur estern ikun soġġett għal reġistrazzjoni professjonali obbligatorja mal-awtorità kompetenti jew entità oħra tal-Istat fejn ikun stabbilit, il-garanzija professjonali għandu jkun fiha l-isem ta' din l-awtorità jew entità, inkluż l-informazzjoni rilevanti ta' kuntatt. Il-garanzija professjonali għandha tindika b'mod ċar id-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew regolatorji jew ir-regoli ta' kondotta professjonali li għalihom huwa soġġett il-valwatur estern.

*Artikolu 74*

**Frekwenza tal-valwazzjoni tal-assi miżmuma minn AIFs miftuħa**

1. Il-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji miżmuma minn AIFs miftuħa għandha ssir kull meta jiġi kalkulat il-valur nett tal-assi għal kull unità jew sehem skont l-Artikolu 72(1).

2. Il-valwazzjoni ta' assi oħra miżmuma minn AIFs miftuħa għandha sseħħ għall-anqas darba fis-sena, u kull darba li jkun hemm evidenza li l-aħħar valur determinat ma għadux ġust jew xieraq.

*TAQSIMA 8*

***Delega ta' funzjonijiet tal-AIFM***

[Artikolu 20(1), (2), (4) u (5) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 75*

**Prinċipji ġenerali**

Meta jiddelegaw il-kompitu tat-twettiq ta' waħda jew aktar mill-funzjonijiet għan-nom tagħhom, l-AIFMs għandhom jikkonformaw, b'mod partikolari, mal-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) l-istruttura tad-delega ma tippermettix lill-AIFM jaħrab ir-responsabbiltajiet jew obbligazzjoni;

(b) l-obbligi tal-AIFM lejn tal-AIF u l-investituri tiegħu ma jiġux alterati bħala riżultat tad-delega;

(c) il-kondizzjonijiet li l-AIFM għandu jikkonforma magħhom biex ikun awtorizzat u jwettaq attivitajiet skont id-Direttiva 2011/61/UE, ma jiġux mhedda;

(d) l-arranġament tad-delega tieħu l-forma ta' ftehim bil-miktub konkluż bejn l-AIFM u d-delegat;

(e) l-AIFM jiżgura li d-delegat iwettaq il-funzjonijiet delegati effettivament u skont il-liġi applikabbli u r-rekwiżiti regolatorji u jrid jistabbilixxi metodi u proċeduri għal reviżjoni fuq bażi kontinwa tas-servizzi pprovduti mid-delegat. L-AIFM għandu jieħu azzjoni xierqa jekk jidher li d-delegat ma jistax iwettaq il-funzjonijiet effettivament jew f'konformità mal-liġijiet applikabbli u mar-rekwiżiti regolatorji;

(f) l-AIFM jissuperviżjona effettivament il-funzjonijiet iddelegati u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mad-delega. Għal dan il-għan, l-AIFM għandu jkollu l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa l-ħin kollu biex jissuperviżjona l-funzjonijiet iddelegati. L-AIFM għandu jistabbilixxi fil-ftehim, id-dritt tiegħu għall-informazzjoni, l-ispezzjoni, l-ammissjoni u l-aċċess, u id-drittijiet tiegħu ta' struzzjoni u monitoraġġ tad-delegat. L-AIFM għandu jiżgura wkoll li d-delegat jissuperviżjona sew it-twettiq tal-funzjonijiet iddelegati, u jimmaniġġja adegwatament ir-riskji assoċjati mad-delega;

(g) l-AIFM jiżgura li jinżammu l-kontinwità u l-kwalità tal-funzjonijiet delegati jew tal-kompitu ddelagat tat-twettiq ta' funzjonijiet, anki fil-każ tat-terminazzjoni tad-delega, jew permezz tat-trasferiment tal-funzjonijiet iddelegati jew tal-kompitu ddelegat tat-twettiq ta' funzjonijiet lil parti terza oħra jew billi jwettaqhom huwa stess;

(h) id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-AIFM u tad-delegat huma allokati b'mod ċar u stabbiliti fil-ftehim. Partikolarment, l-AIFM għandu jiżguraw kuntrattwalment id-drittijiet tiegħu ta' struzzjoni u terminazzjoni, id-drittijiet tiegħu għall-informazzjoni, u d-dritt tiegħu ta' spezzjonijiet u aċċess għal kotba u l-bini. Il-ftehim għandu jiżgura li sottodelega tista' sseħħ biss bil-kunsens tal-AIFM;

(i) fejn jikkonċerna l-immaniġġjar tal-portafoll, id-delega hija skont il-politika ta' investiment tal-AIF. Id-delegat għandu jingħata struzzjonijiet mill-AIFM dwar kif jimplimenta l-politika ta' investiment u l-AIFM għandu jimmonitorja jekk id-delegat jikkonformax magħha fuq bażi kontinwa;

(j) l-AIFM jiżgura li d-delegat jiżvela lill-AIFM kwalunkwe żvilupp li jista' jkollu impatt materjali fuq l-abbiltà tad-delegat li jwettaq il-funzjonijiet iddelegati b'mod effettiv u f'konformità mal-liġijiet applikabbli u mar-rekwiżiti regolatorji;

(k) l-AIFM jiżgura li d-delegat jipproteġi kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-AIFM, l-AIF affettwat mid-delega u l-investituri f'dak l-AIF;

(l) l-AIFM jiżgura li d-delegat jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm pjan ta' kontinġenza għall-irkupru minn diżastri u ttestjar perjodiku tal-faċilitajiet ta' riżerva filwaqt li jqis it-tipi ta' funzjonijiet iddelegati.

*Artikolu 76*

**Raġunijiet oġġettivi għal delega**

1. L-AIFM għandu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti b'deskrizzjoni, spjegazzjoni u evidenza dettaljati tar-raġunijiet oġġettivi għad-delega. Meta jiġi vvalutat jekk l-istruttura tad-delega hijiex ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom jiġu kkunsidrati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-ottimizzazzjoni tal-funzjonijiet u l-proċessi tan-negozju;

(b) iffrankar ta' spejjeż;

(c) għarfien espert tad-delegat fl-amministrazzjoni jew fi swieq jew f'investimenti speċifiċi;

(d) aċċess tad-delegat għal kapaċitajiet ta' negozjar globali.

2. Fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, l-AIFM għandu jipprovdi spjegazzjonijiet ulterjuri u jipprovdi dokumenti li jippruvaw li l-istruttura tad-delega kollha hija bbażata fuq raġunijiet oġġettivi.

*Artikolu 77*

**Karatteristiċi tad-delegat**

1. Delegat għandu jkollu biżżejjed riżorsi u għandu jimpjega biżżejjed persunal bil-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-kompiti ddelegati lilu u jkollu struttura organizzazzjonali xierqa li tappoġġja t-twettiq tal-kompiti ddelegati.

2. Il-persuni li effettivament iwettqu l-attivitajiet iddelegati mill-AIFM għandu jkollhom esperjenza biżżejjed, għarfien teoretiku xieraq u esperjenza prattika xierqa fil-funzjonijiet relevanti. It-taħriġ professjonali tagħhom u n-natura tal-funzjonijiet li jkunu wettqu fl-imgħoddi għandhom ikunu xierqa għat-twettiq tan-negozju.

3. Il-persuni li effettivament iwettqu n-negozju tad-delegat ma għandhomx jitqiesu ta' reputazjoni tajba biżżejjed jekk ikollhom kwalunkwe rekord negattiv rilevanti kemm għall-valutazzjoni ta' reputazzjoni tajba kif ukoll għat-twettiq xieraq tal-kompiti ddelegati jew jekk ikun hemm informazzjoni rilevanti oħra li taffettwa r-reputazzjoni tajba tagħhom. Tali rekords negattivi għandhom jinkludu, iżda ma għandhomx ikunu limitati għal, reati kriminali, proċedimenti ġudizzjarji jew sanzjonijiet amministrattivi rilevanti għat-twettiq tal-kompiti ddelegati. Attenzjoni speċjali għandha tingħata għal kwalunkwe reat relatat ma' attivitajiet finanzjarji, inkluż iżda mhux limitat għal, obbligi relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, diżonestà, frodi jew reati finanzjarji, falliment jew insolvenza. Informazzjoni oħra relevanti għandha tinkludi informazzjoni bħal dik li tindika li l-persuna mhix affidabbli jew onesta.

Meta d-delegat ikun regolat fir-rigward tas-servizzi professjonali tiegħu fl-Unjoni, il-fatturi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu ssodisfati meta l-awtorità superviżorja rilevanti tkun irrevediet il-kriterju ta' "reputazzjoni tajba" skont il-proċedura ta' awtorizzazzjoni sakemm ma jkunx hemm evidenza kontrarja.

*Artikolu 78*

**Delega tal-immaniġġjar tal-portfoll jew tar-riskji**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika meta tkun involuta d-delega tal-immaniġġjar tal-portafoll jew tal-immnaiġġjar tar-riskji.

2. L-entitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma awtorizzati jew reġistrati għall-finijiet ta' mmaniġġjar ta' assi u soġġetti għal superviżjoni skont il-punt (c) tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2011/61/UE:

(a) kumpaniji tal-immaniġġjar awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE;

(b) ditti tal-investiment awtorizzati jwettqu mmaniġġjar ta' portafolji skont id-Direttiva 2004/39/KE;

(c) istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2006/48/KE li għandhom awtorizzazzjoni biex iwettqu mmaniġġjar ta' portfolji skont id-Direttiva 2004/39/KE;

(d) AIFMs esterni awtorizzati skont id-Direttiva 2011/61/UE;

(e) entitajiet ta' pajjiżi terzi awtorizzati jew irreġistrati għall-finijiet ta' mmaniġġjar ta' assi u effettivament superviżjonati minn awtorità kompetenti f'dawk il-pajjiżi.

3. Fejn id-delega tingħata lil impriża minn pajjiż terz, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet segwenti skont il-punt (d) tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2011/61/UE:

(a) għandu jeżisti arranġament bil-miktub bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM u l-awtoritajiet superviżorji tal-impriża li tingħata d-delega;

(b) fir-rigward tal-impriża li tingħata d-delega, l-arranġament imsemmi fil-punt (a) jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti:

(i) fuq talba jiksbu l-informazzjoni relevanti meħtieġa biex iwettqu kompiti superviżorji tagħhom kif previst fid-Direttiva 2011/61/UE;

(ii) jiksbu aċċess għad-dokumenti rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet superviżorji tagħhom u li jkunu jinsabu fil-pajjiż terz;

(iii) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-impriża fejn ikunu ġew iddelegati l-funzjonijiet. Il-proċeduri prattiċi għal spezzjonijiet fuq il-post għandhom ikunu dettaljati fl-arranġament bil-miktub;

(iv) jirċievu mill-aktar fis possibbli informazzjoni mingħand l-awtorità superviżorja fil-pajjiż terz għall-fini ta' investigazzjoni ta' ksur apparenti tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE u l-miżuri implimentattivi tagħha;

(v) jikkooperaw fl-infurzar skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali applikabbli għall-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz u tal-awtoritajiet kompetenti tal-UE fil-każijiet ta' ksur tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE u l-miżuri implimentattivi tagħha u l-liġi nazzjonali rilevanti.

*Artikolu 79*

**Superviżjoni effettiva**

Delega għandha titqies li tipprevjeni s-superviżjoni effettiva tal-AIFM fejn:

(a) l-AIFM, l-awdituri tiegħu u l-awtoritajiet kompetenti ma jkollhomx aċċess effettiv għad-dejta relatata mal-funzjonijiet iddelegati u għall-bini tad-delegat fejn isir in-negozju jew l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet ta' aċċess;

(b) id-delegat ma jikkooperax mal-awtoritajiet kompetenti tal-AIFM fir-rigward tal-funzjonijiet iddelegati;

(c) l-AIFM ma jagħmilx disponibbli fuq talba lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni kollha meħtieġa biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jissuperviżjonaw il-konformità tat-twettiq tal-funzjonijiet iddelegati mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE u l-miżuri implimentattivi tagħha.

*Artikolu 80*

**Konflitti ta' interess**

1. Skont il-punt (b) tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, il-kriterji biex jiġi vvalutat jekk delega hijiex f'konflitt mal-interessi tal-AIFM jew l-investitur fil-AIF għandhom mill-inqas jinkludu:

(a) fejn l-AIFM u d-delegat ikunu membri tal-istess grupp jew ikollhom kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali oħra, fejn id-delegat jikkontrolla lill-AIFM jew ikollu l-abbiltà jinfluwenza l-azzjonijiet tiegħu;

(b) fejn id-delegat u investitur fl-AIF rilevanti jkunu membri tal-istess grupp jew ikollhom kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali oħra, fejn l-investitur jikkontrolla lid-delegat jew ikollu l-abbiltà jinfluwenza l-azzjonijiet tiegħu;

(c) il-probabbiltà li d-delegat jagħmel qligħ finanzjarju, jew jevita telf finanzjarju, għas-spejjez tal-AIF jew tal-investituri fl-AIF;

(d) il-probabbiltà li d-delegat ikollu interess fir-riżultat ta' servizz jew attività pprovduta lill-AIFM jew lill-AIF;

(e) il-probabbiltà li d-delegat ikollu inċentiv finanzjarju jew inċentiv ieħor biex jiffavorixxu l-interess ta' klijent ieħor minflok l-interessi tal-AIF jew l-investituri fl-AIF;

(f) il-probabbiltà li d-delgat jiġi mħajjar jew se jiġi mħajjar minn persuna oħra barra l-AIFM fir-rigward tal-attivitajiet tal-immaniġġjar tal-portafoll kollettiv ipprovdut lill-AIFM u lill-AIFs li jimmaniġġja fil-forma ta' flus, oġġetti jew servizzi, għajr il-kummissjoni jew it-tariffa standard għal dak is-servizz.

2. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tal-portafoll jew tar-riskji tista' titqies li hija funzjonalment u ġerarkikalment separata minn kompiti oħra potenzjalment konfliġġenti fil-każ biss fejn huma ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-persuni involuti fil-kompiti tal-immaniġġjar tal-portafolji humiex involuti fit-twettiq ta' kompiti potenzjalment konfliġġenti bħal kompiti ta' kontroll;

(b) il-persuni involuti fil-kompiti tal-immaniġġjar tar-riskji humiex involuti fit-twettiq ta' kompiti potenzjalment konfliġġenti bħal kompiti ta' operat;

(c) il-persuni involuti fil-funzjonijiet tal-immaniġġjar tar-riskji mhumiex superviżjonati minn dawk responsabbli għat-twettiq ta' kompiti ta' operat;

(d) is-separazzjoni hija żgurata fl-istruttura ġerarkika kollha tad-delegat sal-korp tat-tmexxija tiegħu u hija riveduta mill-korp tat-tmexxija u, fejn teżisti, mill-funzjoni superviżorja tad-delegat.

3. Il-kunflitti ta' interess potenzjali għandhom jitqiesu identifikati sewwa, immaniġġjati, immonitorjati u ddivulgati lill-investituri tal-AIF biss jekk:

(a) l-AIFM jiżgura li d-delegat jieħu l-passi kollha raġjonevoli biex jidentifika, jimmaniġġja u jimmonitora l-konflitti ta' interess potenzjali li jistgħu jinqalgħu bejnu u l-AIFM, l-AIF jew l-investituri fl-AIF. L-AIFM għandu jiżgura li d-delegat ikollu fis-seħħ proċeduri korrispondenti ma' dawk meħtieġa skont l-Artikoli 31 sa 34.

(b) l-AIFM għandu jiżgura li d-delegat jiddivulga l-konflitti potenzjali ta' interess kif ukoll il-proċeduri u l-miżuri li għandhom jiġu adottati minnu biex jimmaniġġja tali kunflitti ta' interess lill-AIFM li għandu jiddivulgahom lill-AIF u lill-investituri fl-AIF skont l-Artikolu 36.

*Artikolu 81*

**Kunsens u notifika ta' sottodelega**

1. Sottodelega għandha ssir effettiva fejn l-AIFM juri l-kunsens tiegħu bil-miktub.

Kunsens ġenerali mogħti bil-quddiem mill-AIFM ma għandux jitqies bħala kunsens skont il-punt (a) tal-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2011/61/UE.

2. Skont il-punt (c) tal-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2011/61/UE, in-notifika għandu jkun fiha d-dettalji tad-delegat, isem l-awtorità kompetenti fejn is-sottodelegat ikun awtorizzat jew irreġistrat, il-funzjonijiet iddelegati, l-AIFs affettwati mis-sottodelega, kopja tal-kunsens bil-miktub mill-AIFM u d-data effettiva ppjanata għas-sottodelega.

*Artikolu 82*

**Entità "kaxxa tal-ittri" u AIFM mhux aktar meqjusa li qed jimmaniġġjaw AIF**

1. AIFM għandu titqies entità letter box u ma għandux jibqa' jitqies bħala l-maniġer tal-AIF jekk mill-inqas tkun teżisti kwalunkwe sitwazzjoni milli ġejjin:

(a) l-AIFM jitlef l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa biex jissuperviżjona l-kompiti ddelegati effettivament u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mad-delega;

(b) l-AIFM jitlef is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet f'oqsma ewlenin li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-maniġment superjuri jew jitlef is-setgħa li jwettaq il-funzjonijiet tal-maniġment superjuri partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politika ġenerali tal-investiment u l-istrateġiji tal-investiment;

(c) l-AIFM jitlef id-drittijiet kuntrattwali tiegħu li jitlob, jispezzjona, ikollu aċċess jew jagħti struzzjonijiet lid-delegati tiegħu jew l-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet fil-prattika isir impossibbli;

(d) l-AIFM jiddelega t-twettiq tal-funzjonijiet tal-immaniġġjar tal-investimenti sal-punt li jisboq b'marġni sostanzjali l-funzjonijiet tal-immaniġġjar tal-investiment imwettqa mill-AIFM innifsu. Meta tiġi vvalutata l-firxa tad-delega, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-istruttura kollha tad-delega filwaqt li mhux biss iqisu l-assi mmaniġġjati skont delega iżda wkoll il-kriterji kwalitattivi li ġejjin:

(i) it-tipi ta' assi li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF ikun investit fihom, u l-importanza tal-assi mmaniġġjati taħt delega għall-profil tar-riskju u r-redditu tal-AIF;

(ii) l-importanza tal-assi taħt delega biex jintlaħqu l-miri tal-investiment tal-AIF;

(iii) il-firxa ġeografika u settorjali tal-investimenti tal-AIF,

(iv) il-profil tar-riskji tal-AIF;

(v) it-tip tal-istrateġiji tal-investiment li jsegwi l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF;

(vi) it-tipi ta' kompiti ddelegati f'relazzjoni ma' dawk miżmuma; u

(vii) il-konfigurazzjoni tad-delegati u tas-sottodelegati tagħhom, l-isfera ġeografika tagħhom ta' operat u l-istruttura korporattiva tagħhom, inkluż jekk il-delega tkunx ingħatat lil entità li tkun tal-istess grupp korporattiv bħall-AIFM.

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja, fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni wara sentejn u tieħu, jekk hemm bżonn, miżuri approprjati biex tispeċifika iżjed il-kundizzjonijiet taħt liema l-AIFM għandha tiddelega il-fuzjonijiet tagħha sal-punt li ssir entità li sempliċiment tagħmilha ta' kaxxa tal-ittri u ma tkunx tista' tibqa' tiġi kkunsidrata bħala maniġer tal-AIF.

3. L-AETS tista' toħroġ linji gwida biex tassigura strutturi ta' delegazzjoni ta' ġudizzju konsistenti madwar l-Unjoni.

## KAPITOLU IV

## DEPOŻITARJU

### *TAQSIMA 1*

### ***Dettalji tal-kuntratt bil-miktub***

[Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2011/61/UE]

#### *Artikolu 83*

#### **Dettalji kuntrattwali**

1. Għandu jinkiteb kuntratt skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2011/61/UE bejn id-depożitarju fuq naħa u l-AIFM u, skont il-każ, jew l-AIF min-naħa l-oħra, li bih jinħatar id-depożitarju u għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tas-servizzi li għandhom ikunu pprovvduti mid-depożitarju u l-proċeduri li għandhom ikunu adottati għal kull tip ta' assi li fihom jista' jinvesti l-AIF u li mbagħad għandhom jiġu fdati f'idejn id-depożitarju;

(b) deskrizzjoni tal-mod li bih jitwettqu s-salvagwardja u l-funzjoni ta' superviżjoni skont it-tipi ta' assi u r-reġjuni ġeografiċi li fihom l-AIF jippjana li jinvesti. Fir-rigward tad-dmirijet ta' kustodja din id-deskrizzjoni għandha tinkludi listi tal-pajjiżi kif ukoll il-proċeduri biex jiżdiedu u, skont il-każ, jew jiġu rtirati pajjiżi minn dik il-lista. Din għandu jkun konsistenti mal-informazzjoni pprovduta fir-regoli tal-AIF, fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni u fid-dokumenti tal-offerta rigward l-assi li l-AIF jista' jinvesti fihom;

(c) dikjarazzjoni li r-responsabbiltà tad-depożitarju ma għandhix tiġi affettwata minn kwalunkwe delega ta' funzjonijiet ta' kustodja tiegħu sakemm ma jkunx ħeles lilu nnifsu mir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 21(13) jew (14) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(d) il-perjodu ta' validità u l-kundizzjonijiet għall-emendar u t-terminazzjoni tal-kuntratt inklużi sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għat-terminazzjoni tal-kuntratt u d-dettalji dwar il-proċedura tat-terminazzjoni u, jekk applikabbli, il-proċeduri li bihom id-depożitarju għandu jibgħat l-informazzjoni rilevanti kollha li s-suċċessur tiegħu;

(e) l-obbligi tal-kunfidenzjalità applikabbli għall-partijiet skont il-liġijiet u regolamenti relevanti. Dawn l-obbligi ma għandhomx ixekklu l-abbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jkollhom aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni relevanti;

(f) il-mezzi u l-proċeduri li bihom id-depożitarju jittrażmetti lill-AIFM jew l-AIF l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex iwettaq dmirijietu inkluż l-eżerċitar ta' xi drittijiet marbuta mal-assi, u biex l-AIFM u l-AIF ikun jista' jkollhom ħarsa ġenerali fil-pront u preċiża tal-kontijiet tal-AIF;

(g) il-mezzi u l-proċeduri li permezz tagħhom l-AIFM jew l-AIF jittrażmetti l-informazzjoni rilevanti kollha jew jiżgura li d-depożitarju jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq dmirijietu, inklużi l-proċeduri li jiżguraw li d-depożitarju jirċievi informazzjoni minn partijiet oħra maħtura mill-AIF jew l-AIFM;

(h) informazzjoni dwar kemm jekk id-depożitarju, jew parti terza li għandha jiġu ddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja, skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE tistax tuża mill-ġdid l-assi li ġiet fdat bihom u, jekk jeżistu, il-kundizzjonijiet mehmuża ma' kwalunkwe tali użu mill-ġdid;

(i) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta tkun qed tiġi kkunsidrata emenda fir-regoli tal-AIF, fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni jew fid-dokumenti tal-offerta, fejn jiġu spjegati s-sitwazzjonijiet li fihom id-depożitarju għandu jiġi mgħarraf, jew fejn ikun meħtieġ il-qbil minn qabel tad-depożitarju sabiex isseħħ l-emenda;

(j) l-informazzjoni kollha meħtieġa li trid tiġi skambjata bejn l-AIF, l-AIFM, parti terza li taġixxi f'isem l-AIF jew l-AIFM, fuq naħa waħda, u d-depożitarju fuq in-naħa l-oħra, relatata mal-bejgħ, is-sottoskrizzjoni, it-tifdija, il-ħruġ, il-kanċellazzjoni u reakkwist ta' unitajiet jew ishma tal-AIF;

(k) l-informazzjoni kollha meħtieġa li trid tiġi skambjata bejn l-AIF, l-AIFM, parti terza li taġixxi f'isem l-AIF jew l-AIFM u depożitarju relatata mat-twettiq tas-sorveljanza u l-funzjoni tal-kontroll tad-depożitarju;

(l) fejn il-partijiet fil-kuntratt jipprevedu li se jaħtru partijiet terzi biex iwettqu partijiet mid-dmirijiet rispettivi tagħhom, impenn li jipprovdi, fuq bażi regolari, dettalji ta' kwalunkwe parti terza maħtura u, fuq talba, informazzjoni dwar il-kriterji użati biex tintgħażel il-parti terza u l-passi previsti għall-monitoraġġ tal-attivitajiet imwettqa mill-parti terza magħżula;

(m) informazzjoni dwar il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-partijiet fil-kontratt fir-rigward tal-obbligi marbuta mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(n) informazzjoni dwar il-kontijiet kollha tal-flus miftuħa f'isem l-AIF jew f'isem l-AIFM għan-nom tal-AIF u l-proċeduri li jiżguraw li d-depożitarju se jiġi infurmat kull meta jinfetaħ kont ġdid f'isem l-AIF jew f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF;

(o) dettalji dwar il-proċeduri ta' esklazzjoni tad-depożitarju, inkluża l-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom jiġu kkuntattjati fl-AIF jew skont il-każ, fl-AIFM mid-depożitarju meta jibda tali proċedura;

(p) impenn mid-depożitarju li jinnotifika lill-AIFM meta jsir konxju li s-segregazzjoni tal-assi mhix, jew ma għadhiex suffiċjenti biex tiżgura l-protezzjoni minn insolvenza ta' parti terza, li għandha jkunu ġew iddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE f'ġurisdizzjoni speċifika;

(q) il-proċeduri li jiżguraw li d-depożitarju, fir-rigward tad-dmirijiet tiegħu, għandu l-kapaċità jistħarreġ dwar il-kondotta tal-AIFM u, skont il-każ, jew l-AIF u biex jevalwa l-kwalità tal-informazzjoni trażmessa inkluż billi jkollu aċċess għall-kotba tal-AIF u, skont il-każ, jew l-AIFM jew permezz ta' żjarat fuq il-post;

(r) il-proċeduri li jiżguraw li l-AIFM u, skont il-każ, jew l-AIF, jista' jeżamina l-prestazzjoni tad-depożitarju fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali tad-depożitarju.

2. Id-dettalji tal-mezzi u l-proċeduri stabbiliti fil-punti (a) sa (r) għandhom jiġu deskritti fil-kuntratt tal-ħatra tad-depożitarju jew fi kwalunkwe emenda sussegwenti għall-kuntratt.

3. Il-kuntratt tal-ħatra tad-depożitarju jew l-emenda sussegwenti għall-kuntratt imsemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-miktub.

4. Il-partijiet jistgħu jaqblu li jittrasmettu elettronikament l-informazzjoni kollha li tgħaddi bejniethom, jew parti minnha, sakemm tiġi żgurta reġistrazzjoni xierqa ta' tali informazzjoni.

5. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali, ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu li jsir ftehim bil-miktub speċifiku għal kull AIF; għandu jkun possibbli li l-AIFM u d-depożitarju jidħlu fi ftehim qafas li jelenka l-AIFs immaniġġjati minn dak l-AIFM li japplika għalihom il-ftehim.

6. Il-liġi nazzjonali applikabbli għall-ħatra kuntrattwali tad-depożitarju u kwalunkwe ftehim sussegwenti għandu jkun speċifikat.

*TAQSIMA 2*

***Kriterji Ġenerali għall-valutazzjoni tar-regolazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali applikabbli għal depożitarji f'pajjiżi terzi***

[Artikolu 21(6)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 84*

**Kriterji għall-valutazzjoni tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali applikabbli għal depożitarju f'pajjiż terz**

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 21(6) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-effettività tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali applikabbli għal depożitarju f'pajjiż terz, jekk għandhiex l-istess effett bħal dak previst skont il-liġi tal-Unjoni u l-infurzar effettiv tagħha għandu jkun vvalutat skont il-kriterji li ġejjin:

(a) id-depożitarju huwa soġġett għal awtorizzazzjoni u superviżjoni kontinwi minn awtorità pubblika kompetenti li għandha riżorsi adegwati biex twettaq il-kompiti tagħha;

(b) il-liġi tal-pajjiż terz tistabbilixxi kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' depożitarju li jkollhom l-istess effett bħal dawk stabbiliti għal aċċess għan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti tal-investiment fl-Unjoni;

(c) ir-rekwiżiti kapitali imposti fuq id-depożitarju fil-pajjiż terz ikollhom l-istess effett bħal dawk applikabbli fl-Unjoni, skont jekk id-depożitarju huwiex tal-istess natura bħal istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investiment fl-Unjoni;

(d) il-kundizzjonijiet operazzjonali applikabbli għal depożitarju fil-pajjiż terz ikollhom l-istess effett bħal dawk stabbiliti għal istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti tal-investiment fl-Unjoni, skont in-natura tad-depożitarju;

(e) ir-rekwiżiti fir-rigward tat-twettiq tad-dmirijiet speċifiċi ta' depożitarju tal-AIF stabbiliti fil-liġi tal-pajjiż terz ikollhom l-istess effett bħal dawk previsti fl-Artikoli 21(7) sa (15) tad-Direttiva 2011/61/UE u l-miżuri implimentattivi tiegħu u l-liġi nazzjonali rilevanti;

(f) il-liġi tal-pajjiż terz tipprovdi għall-applikazzjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar dissważivi biżżejjed fil-każ ta' ksur mid-depożitarju tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e).

*TAQSIMA 3*

***Funzjonijiet tad-depożitarju, dmirijiet ta' diliġenza dovuta u obbligu ta' segregazzjoni***

[Artikoli 21(7) – (9) u 21(11)(c) u (d)(iii) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 85*

**Monitoraġġ tal-flus - rekwiżiti ġenerali**

1. Fejn ikun hemm jew jinfetaħ kont tal-flus f'entità msemmija fl-Artikolu 21(7) tad-Direttiva 2011/61/UE f'isem l-AIF, f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF jew f'isem depożitarju li jaġixxi f'isem l-AIF, l-AIFM għandu jiżgura li d-depożitarju jiġi pprovdut, mal-bidu tad-dmirijietu u fuq bażi kontinwa, bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu.

2. Sabiex ikollu aċċess għall-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet tal-flus tal-AIF u jkollu ħarsa ġenerali ċara tal-flussi tal-flus kollha tal-AIF, depożitarju għandu mill-inqas:

(a) jiġi infurmat, mal-ħatra tiegħu, dwar il-kontijiet tal-flus eżistenti kollha miftuħa f'isem l-AIF, jew f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF;

(b) jiġi infurmat mal-ftuħ ta' kwalunkwe kont tal-flus ġdid mill-AIF jew mill-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF;

(c) jingħata l-informazzjoni kollha relatata mal-kontijiet tal-flus miftuħa f'entità terza, direttament minn dawk il-partijiet terzi.

*Artikolu 86*

**Monitoraġġ tal-flussi tal-flus tal-AIF**

Depożitarju għandu jiżgura monitoraġġ effettiv u xieraq tal-flussi tal-flus tal-AIF u partikolarment għandu mill-inqas:

(a) jiżgura li l-flus kollha tal-AIF jiġu rreġistrat f'kontijiet miftuħa ma' entitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/73/KE fis-swieq rilevanti fejn il-kontijiet tal-flus huma meħtieġa għall-finijiet tal-operati tal-AIF u liema huma soġġetti għal regolazzjoni u superviżjoni prudenzjali li għandhom l-istess effett bħal-liġi tal-Unjoni, hija infurzata effettivament u hija skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/73/KE;

(b) jimplimenta proċeduri xierqa u effettivi biex jirrikonċilja l-movimenti tal-flussi tal-flus kollha u jwettaq tali rikonċiljazzjonijiet kuljum jew, fil-każ ta' movimenti ta' flus mhux frekwenti, meta jseħħu tali movimenti fil-flussi tal-flus;

(c) jimplimenta proċeduri xierqa biex jidentifika fl-għeluq tal-ġurnata tan-negozju flussi tal-flus sinifikanti u partikolarment dawk li jistgħu jkunu inkonsistenti mal-operati tal-AIF;

(d) jirrevedi perjodikament l-adegwatezza ta' dawk il-proċeduri inkluż permezz ta' reviżjoni sħiħa tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni mill-inqas darba fis-sena u jiżgura li l-kontijiet tal-flus miftuħa f'isem l-AIF, f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF jew f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-AIF jiġu inklużi fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni;

(e) jimmonitorja fuq bażi kontinwa r-riżultati tar-rikonċiljazzjonijiet u l-azzjonijiet meħuda bħala riżultat ta' kwalunkwe diskrepanza identifikata permezz tal-proċeduri ta' rikonċiljazzjoni u jinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-AIFM jekk irregolarità ma tkunx ġiet rettifikata kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti jekk is-sitwazzjoni ma tistax tiġi ċċarata, jew skont il-każ, ikkoreġuta;

(f) jivverifika l-konsistenza tar-rekords tiegħu stess tal-pożizzjonijiet tal-flus ma' dawk tal-AIFM. L-AIFM għandu jiżgura li l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni kollha relatati ma' kont tal-flus miftuħ ma' parti terza jintbagħtu lid-depożitarju, ħalli d-depożitarju jkun jista' jwettaq il-proċedura ta' rikonċiljazzjoni tiegħu stess.

*Artikolu 87*

**Dmirijiet marbuta mas-sottoskrizzjonijiet**

L-AIFM għandu jiżgura li d-depożitarju jingħata l-informazzjoni dwar pagamenti magħmula minn jew għan-nom tal-investituri mas-sottoskrizzjoni ta' unitajiet jew ishma ta' AIF fl-għeluq ta' kull ġurnata ta' negozju meta l-AIFM, l-AIF jew parti li taġixxi għan-nom tiegħu, bħal aġent tat-trasferiment, jirċievi tali pagamenti jew ordni mingħand l-investitur. L-AIFM għandu jiżgura li d-depożitarju jirċievi l-informazzjoni l-oħra rilevanti kollha li jeħtieġ biex jiżgura li l-pagamenti jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-flus miftuħa f'isem l-AIF jew f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF jew f'isem id-depożitarju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(7) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 88*

**Strumenti finanzjarji li għandhom jinżammu f'kustodja**

1. Strumenti finanzjarji li jappartjienu lill-AIF jew lill-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF li ma jistgħux jiġu fiżikament ikkonsenjati lid-depożitarju għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju fejn ir-rekwiżiti li ġejjin kollha jkunu ssodisfati:

(a) ikunu titoli trasferibbli inklużi dawk li jinkorporaw dirivattivi kif imsemmi fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2009/65/KE u l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/16/KE ([1]), strumenti tas-suq tal-flus jew unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv.

(b) ikunu jistgħu jiġu rreġistrati jew miżmuma f'kont direttament jew indirettament f'isem id-depożitarju.

2. Strumenti finanzjarji li skont il-liġi nazzjonali applikabbli huma biss direttament irreġistrati f'isem l-AIF mal-emittent innifsu jew mal-aġent tiegħu, bħal reġistratur jew aġent tat-trasferiment, ma għandhomx jinżammu f'kustodja.

([1]) ĠU L 79, 20.3.2007, p. 11.

3. Strumenti finanzjarji li jappartjienu lill-AIF jew lill-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF li jistgħu jiġu fiżikament ikkonsenjati lid-depożitarju dejjem għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju.

*Artikolu 89*

**Dmirijiet ta' salvagwardja marbuta mal-assi miżmuma f'kustodja**

1. Sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE fir-rigward ta' strumenti finanzjarji li għandhom jinżammu f'kustodja, depożitarju għandu jiżgura li mill-anqas:

(a) l-istrumenti finanzjarji huma rreġistrati sew skont l-Artikolu 21(8)(a)(ii) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(b) jinżammu rekords u kontijiet segregati b'mod li jiżgura l-preċiżjoni tagħhom, u partikolarment jirreġistra l-korrispondenza ma' strumenti finanzjarji u flus miżmuma għal AIFs;

(c) jitwettqu rikonċiljazzjonijiet fuq bażi regolari bejn il-kontijiet interni u r-rekords tad-depożitarju ma' dawk ta' kwalunkwe parti terza għand min ġew iddelegati funzjonijiet ta' kustodja skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(d) tiġi eżerċitata attenzjoni dovuta b'rabta mal-istrumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja sabiex jiġi żgurat standard għoli ta' protezzjoni għall-investituri;

(e) ir-riskji rilevanti kollha tal-kustodja tul il-katina sħiħa tal-kustodja huma vvalutati u mmonitorjati u l-AIFM ikun infurmat dwar kwalunkwe riskju materjali identifikat;

(f) hemm arranġamenti organizzazzjonali adegwati sabiex ikun imminimizzat ir-riskju ta' telf jew tnaqqis fl-istrumenti finanzjarji, jew ta' drittijiet marbuta ma' dawk l-istrumenti finanzjarji b'riżultat ta' frodi, amministrazzjoni ħażina, reġistrar inadegwat jew negliġenza;

(g) id-dritt tas-sjieda tal-AIF jew id-dritt tas-sjieda tal-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF fuq l-assi jiġi vverifikat.

2. Meta depożitarju ikun iddelega l-funzjonijiet ta' kustodja tiegħu lil parti terza skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE, għandu jibqa' soġġett għar-rekwiżiti tal-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għandu wkoll jiżgura li l-parti terza tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punti (b) sa (g) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-obbligi tas-segregazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 99.

3. Id-dmirijiet ta' salvagwardja ta' depożitarju kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw fuq bażi ta' trasparenza għall-assi sottostanti miżmuma minn strutturi finanzjarji u, skont il-każ, jew strutturi ġuridiċi kkontrollati direttament jew indirettament mill-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF.

Ir-rekwiżit imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma japplikax għal strutturi ta' fond ta' fondi jew strutturi alimentatriċi prinċipali fejn il-fondi sottostanti jkollhom depożitarju li jżomm f'kustodja l-assi ta' dawn il-fondi.

*Artikolu 90*

**Dmirijiet ta' salvagwardja marbuta mal-verifika tas-sjieda u żżamma tar-rekords**

1. AIFM għandu jipprovdi lid-depożitarju, malli jibda d-dmirijiet tiegħu u fuq bażi kontinwa, bl-informazzjoni rilevanti kollha li d-depożitarju jeħtieġ biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE, u jiżgura li d-depożitarju jingħata l-informazzjoni rilevanti kollha mingħand il-partijiet terzi.

2. Sabiex jikkonforma mal-obbligi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE, depożitarju għandu mill-inqas:

(a) ikollu aċċess mingħajr dewmien żejjed għall-informazzjoni rilevanti kollha li jeħtieġ biex iwettaq il-verifika tiegħu tas-sjieda u d-dmirijiet taż-żamma ta' reġistri, inkluża l-informazzjoni rilevanti li għandha tingħata lid-depożitarju minn partijiet terzi;

(b) ikollu informazzjoni suffiċjenti u affidabbli biex ikun issodisfat mid-dritt ta' sjieda tal-AIF jew mid-dritt tas-sjieda tal-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF fuq l-assi;

(c) iżżomm rekord ta' dawk l-assi li għalihom ikun issodisfat li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF jkollu s-sjieda. Sabiex jikkonforma ma' dan l-obbligu, id-depożitarju għandu:

(i) jirreġistra fir-rekords tiegħu, f'isem l-AIF, assi, inklużi l-ammonti nozzjonali rispettivi tagħhom, li għalihom huwa ssodisfat li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxu f'isem l-AIF jkollu sjieda;

(ii) ikunu kapaċi jipprovdi fi kwalunkwe ħin inventarju komprensiv u aġġornat tal-assi tal-AIF, inklużi l-ammonti nozzjonali rispettivi tagħhom.

Għall-finijiet tal-punt (c)(ii) tal-paragrafu 2, id-depożitarju għandu jiżgura li hemm fis-seħħ proċeduri biex l-assi reġistrati ma jkunux jistgħu jiġu assenjati, ittrasferiti, skambjati jew ikkunsinnati mingħajr ma d-depożitarju jew id-delegat tiegħu jiġi infurmat b'dawn it-tranżazzjonijiet u d-depożitarju għandu jkollu aċċess mingħajr dewmien żejjed għal evidenza dokumentarja ta' kull tranżazzjoni u pożizzjoni mingħand il-parti terza rilevanti. L-AIFM għandu jiżgura li l-parti terza rilevanti tipprovdi lid-depożitarju mingħajr dewmien żejjed b'ċertifikati jew evidenza oħra dokumentarja kull darba li jsir bejgħ jew akkwist ta' assi jew azzjoni korporattiva li tirriżulta fil-ħruġ ta' strumenti finanzjarji u mill-inqas darba fis-sena.

3. Fi kwalunkwe każ, depożitarju għandu jiżgura li l-AIFM għandu u jimplimenta proċeduri xierqa biex jivverifika li l-assi akkwistati minn AIF li jimmaniġġja huma rreġistrati adegwatament f'isem l-AIF jew f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF, u biex jivverifika l-konsistenza bejn il-pożizzjonijiet fir-rekords tal-AIFMs u l-assi li dwarhom id-depożitarju huwa ssodisfat li l-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF għandu s-sjieda. L-AIFM għandu jiżgura li l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni rilevanti kollha relatati mal-assi tal-AIF jintbagħtu lid-depożitarju, ħalli d-depożitarju jkun jista' jwettaq il-verifika jew il-proċedura ta' rikonċiljazzjoni tiegħu stess.

4. Depożitarju għandu jwaqqaf u jimplimenta proċedura ta' eskalazzjoni għal sitwazzjonijiet fejn tiġi skoperta xi anomalija inkluża n-notifika tal-AIFM u tal-awtoritajiet kompetenti jekk is-sitwazzjoni ma tistax tiġi ċċarata jew skont il-każ ikkoreġuta.

5. Id-dmirijiet ta' salvagwardja ta' depożitarju msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw fuq bażi ta' trasparenza għall-assi sottostanti miżmuma minn strutturi finanzjarji jew skont il-każ, ġuridiċi stabbiliti mill-AIF jew mill-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF għall-finijiet ta' investiment fl-assi sottostanti u li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn AIF jew mill-AIFM li jaġixxu f'isem l-AIF.

Ir-rekwiżit imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal strutturi ta' fond ta' fondi jew strutturi alimentatriċi prinċipali fejn il-fondi sottostanti jkollhom depożitarju li jipprovdi funzjonijiet ta' verifika tas-sjieda u ta' żamma tar-rekords għall-assi ta' dan il-fond.

*Artikolu 91*

**Obbligi ta' rappurtar għal sensara prinċipali**

1. Fejn ikun inħatar sensar prinċipali, l-AIFM għandu jiżgura li mid-data ta' din il-ħatra ikun hemm ftehim skont liema s-sensar prinċipali jkun meħtieġ ipoġġi għad-dispożizzjoni tad-depożitarju b'mod partikolari rapport f'mezz durabbli li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-valuri tal-elementi elenkati fil-paragrafu 3 fl-għeluq ta' kull ġurnata ta' negozju;

(b) dettalji ta' kwalunkwe kwistjoni oħra meħtieġa biex jiġi żgurat li d-depożitarju tal-AIF ikollu informazzjoni aġġornata u preċiża dwar il-valur tal-assi li ġie ddelegat bis-salvagwardja tagħhom skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun disponibbli għad-depożitarju tal-AIF mhux aktar tard mill-għeluq tal-ġurnata ta' negozju li jkun imiss li għaliha jkun jirrelata.

3. L-elementi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) il-valur totali tal-assi miżmuma mis-sensar prinċipali għall-AIF, fejn funzjonijiet ta' salvagwardja huma ddelegati skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE, il-valur ta' kull wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) selfiet fi flus magħmula lill-AIF u l-imgħax akkumulat;

(ii) titoli li għandhom jiġu kkunsenjati mill-ġdid taħt pożizzjonijiet miftuħa qosra meħuda f'isem l-AIF;

(iii) ammonti ta' saldu attwali li għandhom jitħallsu mill-AIF taħt kwalunkwe kuntratt tal-futuri;

(iv) Dħul ta' flus minn bejgħ qasir miżmum mis-sensar prinċipali fir-rigward ta' pożizzjonijiet meħuda f'isem l-AIF;

(v) marġini ta' flus miżmuma mis-sensar prinċipali fir-rigward ta' kuntratti tal-futuri miftuħa ffirmati f'isem l-AIF. Dan l-obbligu huwa flimkien mal-obbligi skont l-Artikoli 87 u 88;

(vi) skopertura għall-ipprezzar skont il-valur tal-għeluq ta' kwalunkwe tranżazzjoni barra l-borża f'isem l-AIF;

(vii) l-obbligi totali ggarantiti tal-AIF kontra s-sensar prinċipali; u

(viii) l-assi l-oħra kollha relatati mal-AIF;

(b) il-valur tal-assi l-oħra msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE miżmuma bħala kollateral mis-sensar prinċipali fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ggarantiti li saru skont ftehim ta' senserija prinċipali;

(c) il-valur tal-assi fejn is-sensar prinċipali jkun eżerċita dritt ta' użu fir-rigward tal-assi tal-AIF;

(d) lista tal-istituzzjonijiet kollha li fihom is-sensar prinċipali għandu jew jista' jkollu flus tal-AIF f'kont miftuħ f'isem l-AIF jew f'isem l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF skont l-Artikolu 21(7) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 92*

**Dmirijiet ta' sorveljanza - rekwiżiti ġenerali**

1. Mal-ħatra tiegħu, id-depożitarju għandu jivvaluta r-riskji assoċjati man-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-istrateġija tal-AIF u l-organizzazzjoni tal-AIFM ħalli jfassal proċeduri ta' sorveljanza li jkunu xierqa għall-AIF u l-assi li jinvesti fihom u li imbagħad jiġu implimentati u applikati. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu aġġornati regolarment.

2. Fit-twettiq tad-dmirijiet ta' sorveljanza tiegħu skont l-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE, depożitarju għandu jwettaq kontrolli u verifiki ex-post tal-proċessi u l-proċeduri li jkunu taħt ir-responsabbiltà tal-AIFM, l-AIF jew parti terza maħtura. Id-depożitarju għandu fiċ-ċirkostanzi kollha jiżgura li teżisti proċedura xierqa ta' verifika u rikonċiljazzjoni u li tiġi implimentata u applikata u eżaminata frekwentament. L-AIFM għandu jiżgura li l-istruzzjonijiet kollha relatati mal-assi u l-operazzjonijiet tal-AIF jintbagħtu lid-depożitarju, ħalli d-depożitarju jkun jista' jwettaq il-verifika jew il-proċedura ta' rikonċiljazzjoni tiegħu stess.

3. Depożitarju għandu jistabbilixxi proċedura ta' eskalazzjoni ċara u komprensiva biex jittratta ma' sitwazzjonijiet fejn jiġu skoperti irregolaritajiet potenzjali matul id-dmirijiet tiegħu ta' sorveljanza, li d-dettalji tagħha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-AIFM fuq talba.

4. L-AIFM għandu jipprovdi lid-depożitarju, malli jibda dmirijietu u fuq bażi kontinwa, bl-informazzjoni relevanti kollha li jeħtieġ biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE inkluża l-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta lid-depożitarju minn partijiet terzi. L-AIFM għandu partikolarment jiżgura li d-depożitarju jkun jista' jkollu aċċess għall-kotba u biex iwettaq żjarat fuq il-post fil-bini tal-AFM u ta' dak ta' kwalunkwe fornitur ta' servizzi maħtur mill-AIF jew l-AIFM, bħal amministraturi jew valwaturi esterni jew, skont il-każ, għar-rapporti ta' reviżjoni u dikjarazzjonijiet ta' ċertifikazzjonijiet esterni rikonoxxuti minn awdituri indipendenti u kwalifikati jew esperti oħra sabiex jiżgura l-adegwatezza u r-rilevanza tal-proċeduri fis-seħħ.

*Artikolu 93*

**Dmirijiet marbuta mas-sottoskrizzjonijiet u t-tifdijiet**

Sabiex jikkonforma mal-punt (a) tal-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE id-depożitarju għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(1) Id-depożitarju għandu jiżgura li l-AIF, l-AIFM jew l-entità magħżula jkunu stabbilixxew, jimplimentaw u japplikaw proċedura xierqa u konsistenti biex:

(i) jirrikonċilja l-ordnijiet ta' sottoskrizzjoni mar-rikavat mis-sottoskrizzjonijiet, kif ukoll l-għadd ta' unitajiet jew ishma maħruġa mir-rikavat mis-sottoskrizzjonijiet li jirċievi l-AIF;

(ii) jirrikonċilja l-ordnijiet ta' tifdija mat-tifdijiet imħallsa, kif ukoll l-għadd ta' unitajiet jew ishma kkanċellati mat-tifdijiet imħallsa mill-AIF;

(iii) jivverifika fuq bażi regolari li l-proċedura ta' rikonċiljazzjoni hija xierqa.

Għall-finijiet tal-punti (i), (ii) u (iii), id-depożitarju għandu partikolarment jiċċekkja regolarment il-konsistenza bejn l-għadd totali ta' unitajiet jew ishma fil-kontijiet tal-AIF u l-għadd totali ta' ishma jew unitajiet pendenti li jidhru fir-reġistru tal-AIF.

(2) Depożitarju għandu jiżgura u jiċċekkja b'mod regolari li l-proċeduri rigward il-bejgħ, il-ħruġ, ir-riakkwist, it-tifdija u l-kanċellazzjoni ta' ishma jew unitajiet tal-AIF jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli u mar-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni u jivverifika li dawn il-proċeduri huma effettivament implimentati.

(3) Il-frekwenza tal-kontrolli tad-depożitarju għandha tkun konsistenti mal-frekwenza tas-sottoskrizzjonijiet u t-tifdijiet.

*Artikolu 94*

**Dmirijiet marbuta mal-valwazzjoni tal-ishma/unitajiet**

1. Sabiex jikkonforma mal-punt (b) tal-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE id-depożitarju għandu:

(a) jivverifika fuq bażi regolari li huma stabbiliti u applikati proċeduri xieraq u konsistenti għall-valwazzjoni tal-assi tal-AIF f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha u mar-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIF; u

(b) jiżgura li l-politiki u l-proċeduri tal-valwazzjoni huma effettivament implimentati u riveduti perjodikament.

2. Il-proċeduri ta' depożitarju għandhom jitwettqu bi frekwenza konsistenti mal-frekwenza tal-politika ta' valwazzjoni tal-AIF kif definiti fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE u mal-miżuri implimentattivi tagħha.

3. Meta depożitarju jqis li l-kalkolu tal-valur tal-ishma jew l-unitajiet tal-AIF ma twettqitx skont il-liġi applikabbli jew ir-regoli tal-AIF jew mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE, għandu jinnotifika lill-AIFM u, skont il-każ, jew lill-AIF u jiżgura li tittieħed azzjoni ta' rimedju fil-ħin fl-aħjar interessi tal-investituri fl-AIF.

4. Fejn ikun inħatar valwatur estern, depożitarju għandu jivverifika li l-ħatra tal-valwatur estern tkun skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2011/61/UE u l-miżuri implimentattivi tagħha.

*Artikolu 95*

**Dmirijiet marbuta mat-twettiq tal-istruzzjonijiet tal-AIFM**

Sabiex jikkonforma mal-punt (c) tal-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE id-depożitarju għandu mill-anqas:

(a) jistabbilixxi u jimplimenta proċeduri xierqa biex jivverifika li l-AIF u l-AIFM jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u mar-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIF. Partikolarment, id-depożitarju għandu jimmonitorja l-konformità tal-AIF mar-restrizzjonijiet tal-investiment u l-limiti tal-ingranaġġ stabbiliti fid-dokumenti tal-offerta tal-AIF. Dawk il-proċeduri għandhom ikunu proporzjonati għan-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-AIF;

(b) iwaqqaf u jimplimenta proċedura ta' eskalazzjoni meta l-AIF ikun kiser waħda mil-limiti jew ir-restrizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

*Artikolu 96*

**Dmirijiet marbuta mas-saldu f'waqtu tat-tranżazzjonijiet**

1. Sabiex jikkonforma mal-punt (d) tal-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE d-depożitarju għandu jistabbilixxi proċedura biex jiskopri kwalunkwe sitwazzjoni fejn korrispettiv marbut ma' operazzjonijiet li jinvolvu l-assi tal-AIF jew tal-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF ma jkunx rimess lill-AIF fil-limiti taż-żmien normali, jinnotifika lill-AIFM u, fejn is-sitwazzjoni ma tiġix rimedjata, jitlob ir-restituzzjoni tal-istrumenti finanzjarji mill-kontroparti fejn possibbli.

2. Fejn it-tranżazzjonijiet ma jsirux f'suq regolat, il-limiti taż-żmien normali għandhom jiġu vvalutati b'kunsiderazzjoni għall-kondizzjonijiet marbuta mat-tranżazzjonijiet (kuntratti tad-derivattivi barra l-borża jew investimenti f'assi immobiljari jew f'kumpaniji bi sjieda privata).

*Artikolu 97*

**Dmirijiet marbuta mad-distribuzzjoni tal-introjtu tal-AIF**

1. Sabiex jikkonforma mal-punt (e) tal-Artikolu 21(9) tad-Direttiva 2011/61/UE id-depożitarju għandu:

(a) jiżgura li l-kalkolu tal-introjtu nett, ladarba ddikjarati mill-AIFM, jiġi applikat skont ir-regoli tal-AIF, l-istrumenti ta' inkorporazzjoni u l-liġi nazzjonali applikabbli;

(b) jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa fejn l-awdituri tal-AIF ikunu esprimew riżervi dwar ir-rapporti finanzjarji annwali. L-AIF jew l-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF għandu jipprovdi lid-depożitarju bl-informazzjoni kollha dwar ir-riżervi espressi dwar ir-rapporti finanzjarji; u

(c) jivverifika l-kompletezza u l-eżattezza tal-pagamenti tad-dividendi, ladarba jiġu ddikjarati mill-AIFM, u, fejn rilevanti, il-kumpens għal prestazzjoni.

2. Meta depożitarju jqis li l-kalkolu tal-introjtu ma twettaqx skont il-liġi applikabbli jew ir-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, għandu jinnotifika lill-AIFM u, skont il-każ, jew l-AIF u jiżgura li ttieħdet azzjoni ta' rimedju fil-ħin u fl-aħjar interess tal-investituri tal-AIF.

*Artikolu 98*

**Diliġenza dovuta**

1. Sabiex jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE depożitarju għandu jimplimenta u japplika proċedura ta' diliġenza dovuta xierqa u ddokumentata għall-għażla u l-monitoraġġ kontinwu tad-delegat. Dik il-proċedura għandha tiġi riveduta regolarment, mill-anqas darba fis-sena, u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti meta tintalab.

2. Meta jagħżel u jaħtar parti terza, li tiġi ddelegata b'funzjonijiet ta' salvagwardja skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE, depożitarju għandu jeżerċita l-attenzjoni u diliġenza dovuti kollha biex jiżgura li meta l-parti terza tiġi fdata bl-istrumenti finanzjarji jkun hemm standard adegwat ta' protezzjoni. Tal-inqas għandu:

(a) jivvaluta l-qafas regolatorju u ġuridiku, inkluż ir-riskju tal-pajjiż, ir-riskju tal-kustodja u l-infurzabbiltà tal-kuntratti mal-parti terza. Dik il-valutazzjoni għandha b'mod partikolari tippermetti li d-depożitarju jiddetermina l-implikazzjoni potenzjali ta' insolvenza tal-parti terza għall-assi u d-drittijiet tal-AIF. Jekk depożitarju jsir konxju li s-segregazzjoni tal-assi mhijiex biżżejjed biex tkun żgurata l-protezzjoni minn insolvenza minħabba l-liġi tal-pajjiż fejn tinsab il-parti terzi, huwa għandu jinforma minnufih lill-AIFM;

(b) jivvaluta jekk il-prassi, il-proċeduri u l-kontrolli interni tal-parti terza humiex adegwati sabiex jiżguraw li l-istrumenti finanzjarji tal-AIF jew tal-AIFM li jaġixxi f'isem l-AIF igawdu standard għoli ta' attenzjoni u protezzjoni;

(c) jivvaluta jekk is-saħħa finanzjarja u r-reputazzjoni tal-parti terza humiex konsistenti mal-kompiti delegati. Dik il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-parti terza potenzjali kif ukoll dejta u informazzjoni oħra, fejn disponibbli.

(d) jiżgura li l-parti terza għandha l-kapaċitajiet operazzjonali u teknoloġiċi biex twettaq il-kompiti delegati tal-kustodja b'livell sodisfaċenti ta' protezzjoni u sigurtà.

3. Depożitarju għandu jeżerċita ħila, kura u diliġenza dovuti fir-reviżjoni perjodika u l-monitoraġġ kontinwu ħalli jiżgura li l-parti terza tibqa' konformi mal-kriterji previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (d) tal-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE. Għal dan il-għan id-depożitarju għandu mill-inqas:

(a) jimmonitorja l-prestazzjoni tal-parti terza u l-konformità tagħha mal-istandards tad-depożitarju;

(b) jiżgura li l-parti terza teżerċita standard għoli ta' attenzjoni, prudenza u diliġenza fit-twettiq tal-kompiti tagħha ta' kustodja u partikolarment li effettivament tissegrega l-istrumenti finanzjajri f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 99;

(c) janalizza r-riskji tal-kustodja assoċjati mad-deċiżjoni li jiġu fdati assi għand il-parti terza u mingħajr dewmien jinnotifika lill-AIF jew lill-AIFM bi kwalunkwe bidla f'dawk ir-riskji. Dik il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-parti terza kif ukoll fuq dejta u informazzjoni oħra, fejn disponibbli. Matul taqlib fis-suq jew meta jiġi identifikat riskju, il-frekwenza u l-ambitu tal-analiżi għandhom jiżdiedu. Jekk id-depożitarju jsir konxju li s-segregazzjoni tal-assi ma għadhiex biżżejjed biex tkun żgurata l-protezzjoni minn insolvenza minħabba l-liġi tal-pajjiż fejn tinsab il-parti terzi, huwa għandu jinforma minnufih lill-AIFM.

4. Fejn il-parti terza terġa' tiddelega kwalunkwe mill-funzjonijiet iddelegati lilha, għandhom japplikaw mutatis mutandis il-kriterji stipulati fil-paragrafi 1,2 u 3.

5. Depożitarju għandu jimmonitorja l-konformità mal-Artikolu 21(4) tad-Direttiva 2011/61/UE.

6. Depożitarju għandu jfassal pjanijiet ta' kontinġenza għal kull suq li fih jaħtar parti terza skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE biex iwettaq dmirijiet ta' salvagwardja. Tali pjan ta' kontinġenza għandu jinkludu l-identifikazzjoni ta' fornitur alternattiv, jekk jeżisti.

7. Depożitarju għandu jieħu miżuri, inkluża t-terminazzjoni tal-kuntratt, li huma fl-aħjar interess tal-AIF u tal-investituri tiegħu meta d-delegat ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti.

*Artikolu 99*

**Obbligu ta' segregazzjoni**

1. Fejn funzjonijiet ta' salvagwardja ġew delegati kompletament jew parzjalment lil parti terza, depożitarju għandu jiżgura li l-parti terza għand min ġew iddelegati l-funzjonijiet skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE, taġixxi skont l-obbligu tas-segregazzjoni stabbilit fil-punt (iii) tal-Artikolu 21(11)(d) tad-Direttiva 2011/61/UE billi jivverifika li l-parti terza:

(a) iżżomm tali rekords u kontijiet kif inhuma meħtieġa biex jippermettulu fi kwalunkwe ħin u mingħajr dewmien jiddistingwi l-assi tal-klijenti AIF tad-depożitarju mill-assi tiegħu stess, l-assi tal-klijenti l-oħra tiegħu, l-assi miżmuma mid-depożitarju għalih innifsu u l-assi miżmuma għal klijenti tad-depożitarju li mhumiex AIFs;

(b) iżżomm rekords u kontijiet b'mod li tiżgura l-preċiżjoni tagħhom, u partikolarment il-korrispondenza tagħhom mal-assi salvagwardjati għall-klijenti tad-depożitarju;

(c) twettaq, fuq bażi regolari, rikonċiljazzjonijiet bejn il-kontijiet interni u r-rekords tiegħu u dawk tal-parti terza għand min ġew iddelegati l-funzjonijiet ta' salvagwardja skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(d) tintroduċi arranġamenti organizzazzjonali adegwati biex timminimizza r-riskju ta' telf jew tnaqqis fl-istrumenti finanzjarji, jew ta' drittijiet marbuta ma' dawk l-istrumenti finanzjarji b'riżultat ta' użu ħażin tal-istrumenti finanzjarji, frodi, amministrazzjoni ħażina, reġistrar inadegwat jew negliġenza;

(e) Fejn il-parti terza tkun entità msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/73/KE li hija soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni prudenzjali effikaċi li għandhom l-istess effett bħal-liġi tal-Unjoni u jkunu infurzati b'mod effikaċi, id-depożitarju għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-flus tal-AIF jinżammu f'kont jew kontijiet skont l-Artikolu 21(7) tad-Direttiva 2011/61/UE.

2. Meta depożitarju jkun iddelega l-funzjonijiet tiegħu ta' kustodja lil parti terza skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE, il-monitoraġġ tal-konformità tal-parti terza mal-obbligi tagħha ta' segregazzjoni għandu jiżgura li l-istrumenti finanzjarji li jappartjenu lill-klijenti tiegħu huma protetti minn kwalunkwe insolvenza ta' dik il-parti terza. Jekk, skont il-liġi applikabbli, inkluż b'mod partikolari l-liġi dwar il-proprjetà jew l-insolvenza, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 mhumiex biżżejjed biex jintlaħaq dak l-għan, id-depożitarju għandu jivvaluta liema arranġamenti addizzjonali jridu jsiru sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' telf u jinżamm standard adegwat ta' protezzjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-parti terza, għand min ġew iddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja skont l-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE, tiddeċiedi li tiddelega l-funzjonijiet tagħha ta' salvagwardja kollha jew parti minnhom lil parti terza oħra skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*TAQSIMA 4*

***Telf ta' strumenti finanzjarji, ħelsien mir-responsabbiltà u raġunijiet oġġettivi***

[Artikolu 21(12) u (13) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 100*

**Telf ta' strument finanzjarju miżmum f'kustodja**

1. Għandu jitqies li jkun seħħ telf ta' strument finanzjarju miżmum f'kustodja skont it-tifsira tal-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE meta, f'relazzjoni ma' strument finanzjarju miżmuma f'kustodja mid-depożitarju jew minn parti terza għand min tkun ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji, tkun issodisfata kwalunkwe kundizzjoni minn dawn:

(a) dritt iddikjarat ta' sjieda tal-AIF jiġi pprovat li mhuwiex validu minħabba li jew ma baqax jeżisti jew qatt ma eżista;

(b) l-AIF ġie definittivament imċaħħad mid-dritt tiegħu ta' sjieda tal-istrument finanzjarju;

(c) l-AIF ikun definittivament inkapaċi jiddisponi direttament jew indirettament mill-istrument finanzjarju.

2. L-aċċertazzjoni mill-AIFM tat-telf ta' strument finanzjarju għandha ssegwi proċess dokumentat faċilment disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Ladarba telf jiġi aċċertat, għandu jkun notifikat immedjatament lill-investituri f'mezz durabbli.

3. Strument finanzjarju miżmum f'kustodja ma għandux jitqies mitluf skont it-tifsira tal-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE fejn l-AIF ikun definittivament imċaħħad mid-dritt tiegħu ta' sjieda fir-rigward ta' strument partikolari, iżda dan l-istrument jiġi ssostitwit minn jew ikkonvertit fi strument jew strumenti finanzjarji oħra.

4. Fil-każ ta' insolvenza tal-parti terza għand min tkun ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja, it-telf ta' strument finanzjarju miżmum f'kustodja għandu jiġi aċċertata mill-AIFM hekk kif waħda mill-kondizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 tintlaħaq b'ċertezza.

Għandu jkun hemm ċertezza dwar jekk kwalunkwe kondizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 hijiex issodisfata mhux aktar tard minn tmiem il-proċedimenti tal-insolvenza. L-AIFM u d-depożitarju għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-proċedimenti ta' insolvenza biex jiddeterminaw jekk l-istrumenti finanzjarji kollha, jew uħud minnhom, fdati għand parti terza għand min tkun ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji jkunux effettivament intilfu.

5. Telf ta' strument finanzjarju miżmum f'kustodja għandu jiġi aċċertat irrispettivament minn jekk il-kondizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 humiex ir-riżultat ta' frodi, negliġenza jew imġiba intenzjonali jew mhux intenzjonali oħra.

*Artikolu 101*

**Ħelsien mir-responsabbiltà skont l-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE**

1. Ir-responsabbiltà ta' depożitarju skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(12) tad-Direttiva 2011/61/UE ma għandhiex tiskatta sakemm id-depożitarju jista' jipprova li ntlaħqu l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-avveniment li wassal għat-telf mhux ir-riżultat ta' kwalunkwe att jew ommissjoni tad-depożitarju jew ta' parti terza għand min ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(b) id-depożitarju ma setax raġonevolment jevitata l-okkorrenza tal-avveniment li wassal għat-telf minkejja li adotta l-prekawzjonijiet kollha mistennija minn depożitarju diliġenti kif riflessi fil-prassi komuni fl-industrija;

(c) minkejja diliġenza dovuta rigoruża u komprensiva, id-depożitarju ma setax jevita t-telf.

Din il-kondizzjoni għandha titqies issodisfata meta d-depożitarju jkun żgura li d-depożitarju u l-parti terza għand min tkun ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE, ikunu ħadu l-azzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) stabbilixxew, implimentaw, applikaw u żammu strutturi u proċeduri u żguraw għarfien espert li huma adegwati u proporzjonati għan-natura u l-kumplessità tal-assi tal-AIF sabiex jidentifikaw fil-ħin u jimmonitorjaw fuq bażi kontinwa avvenimenti esterni li jistgħu jirriżultaw f'telf ta' strument finanzjarju miżmuma f'kustodja;

(ii) ivvalutaw fuq bażi kontinwa jekk kwalunkwe avveniment identifikat skont il-punt (i) jippreżentax riskju sinifikanti ta' telf ta' strument finanzjarju miżmuma f'kustodja;

(iii) informaw lill-AIFM dwar ir-riskji sinifikanti identifikati u ħadu azzjonijiet xierqa, jekk hemm, biex jipprevjenu jew jimmitigaw it-telf ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja, fejn avvenimenti esterni attwali jew potenzjali ġew identifikati u huma maħsuba li jippreżentaw riskju sinifikanti ta' telf ta' strument finanzjarju miżmuma f'kustodja.

2. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punti(a) u (b) tal-paragrafu 1 jistgħu jitqiesu ssodisfati fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) avvenimenti naturali lil hinn mill-kontroll jew l-influwenza tal-bniedem;

(b) l-adozzjoni ta' kwalunkwe liġi, digriet, regolament, deċiżjoni jew ordni minn kwalunkwe gvern jew korp governattivi, inkluż kwalunkwe qorti jew tribunal, li jkollha impatti fuq l-istrumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja;

(c) gwerer, irvellijiet jew taqlib maġġuri ieħor.

3. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu meqjusa li huma ssodisfati f'każijiet bħal żbalji tal-kontabbiltà, nuqqas operazzjonali, frodi, nuqqas ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-segregazzjoni fil-livell tad-depożitarju jew parti terza għand min ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja skont il-punt (a) tal-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2011/61/UE.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika *mutatis mutandis* għad-delegat meta d-depożitarju jkun ittrasferixxa kuntrattwalment ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 21(13) u (14) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 102*

**Raġunijiet oġġettivi biex id-depożitarju jikkuntratta ħelsien minn responsabbiltà**

1. Ir-raġunijiet oġġettivi għall-ikkuntrattar tal-ħelsien mir-responsabbilta skont l-Artikolu 21(13) tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom ikunu:

(a) limitati għal ċirkostanzi preċiżi u konkreti li jikkaratterizzaw attività partikolari;

(b) konsistenti mal-politiki u d-deċiżjonijiet tad-depożitarju.

2. Ir-raġunijiet oġġettivi għandhom jiġu stabbiliti kull darba li d-depożitarju jkollu ħsieb jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà.

3. Id-depożitarju għandu jitqies li jkollu raġunijiet oġġettivi biex jikkuntratta l-ħelsien mir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 21(13) tad-Direttiva 2011/61/UE meta d-depożitarju jista' juri li ma kellu l-ebda għażla ħlief li jiddelega d-dmirijiet tiegħu ta' kustodja lil parti terza. Partikolarment, dan għandu jkun il-każ meta:

(a) il-liġi ta' pajjiż terz teħtieġ li ċerti strumenti finanzjarji jinżammu f'kustodja għand entità lokali u jkunu jeżistu entitajiet lokali li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21(11) tad-Direttiva 2011/61/UE; jew

(b) l-AIFM jinsisti li jżomm investiment f'ġurisdizzjoni partikolari minkejja t-twissijiet mid-depożitarju dwar iż-żieda fir-riskju li dan jippreżenta.

KAPITOLU V

**REKWIŻITI TAT-TRASPARENZA, INGRANAĠĠ, REGOLI RELATATI MA' PAJJIŻI TERZI U ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-KONSEGWENZI POTENZJALI TAL-ATTIVITÀ TAL-AIFM**

*TAQSIMA 1*

***Rapport annwali, divulgazzjoni lill-investituri u rapportar lill-awtoritajiet kompetenti***

[Artikoli 22(2) (a) sa (e), 23(4) u 24(1) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 103*

**Prinċipji ġenerali għar-rapport annwali**

L-informazzjoni kollha pprovduta fir-rapport annwali, inkluża l-informazzjoni speċifikata f'din it-Taqsima, għandha tkun ppreżentata f'manjiera li tipprovdi informazzjoni materjalment rilevanti, affidabbli, paragunabbli u ċara. Ir-rapport annwali għandu jkun fih l-informazzjoni li l-investituri jeħtieġu fir-rigward ta' strutturi partikolari tal-AIF.

*Artikolu 104*

**Kontenut u format tal-karta tal-bilanċ jew tar-rapporti tal-assi u l-obbligazzjonijiet u tal-kont tal-introjtu u l-infiq**

1. Il-karta tal-bilanċ jew ir-rapport tal-assi u l-obbligazzjonijiet għandu jkun fih tal-inqas l-elementi u l-entrati f'linja sottostanti li ġejjin skont il-punt (a) tal-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2011/61/UE:

(a) "assi" magħmula minn riżorsi kkontrollati mill-AIF bħala riżultat ta' avvenimenti fil-passat u li minnhom benefiċċji ekonomiċi fil-futur ikunu mistennija li jirriżultaw għall-AIF. L-assi għandhom ikunu sottoklassifikati skont l-entrati f'linja li ġejjin:

(i) "investimenti", inklużi, iżda mhux limitati għal, dejn u titoli ta' ekwità, proprjetà immobbli u proprjetà u derivattivi;

(ii) "flus u ekwivalenti ta' flus", inklużi, iżda mhux limitati għal, flus fl-idejn, depożiti ta' bla avviż u investimenti likwidi b'terminu qasir li jikkwalifikaw;

(iii) "riċevibbli", inklużi, iżda mhux limitati għal, ammonti riċevibbli fir-rigward ta' dividendi u imgħaxijiet, investimenti mibjugħa, ammonti dovuti minn sensara u "prepagamenti", inklużi, iżda mhux limitati għal, ammonti mħallsa bil-quddiem fir-rigward tal-ispejjeż tal-AIF,

(b) "obbligazzjonijiet" magħmula mill-obbligazzjonijiet attwali tal-AIF li jirriżultaw minn avvenimenti fil-passat, li s-saldu tagħhom huwa mistenni jirriżulta fi fluss ta' ħruġ mill-AIF ta' riżorsi li jikkostitwixxu benefiċċji ekonomiċi. L-obbligazzjonijiet għandhom ikunu sottoklassifikati skont l-entrati f'linja li ġejjin:

(i) "pagabbli", inklużi, iżda mhux limitati għal, ammonti pagabbli fir-rigward tax-xiri ta' investimenti jew tat-tifdija ta' unitajiet jew ishma fl-AIF u ammonti dovuti lis-sensara u "spejjeż akkumulati", inklużi, iżda mhux limitati għal, obbligazzjonijiet ta' tariffi tal-immaniġġjar, tariffi ta' konsultazzjoni, tariffi għall-prestazzjoni, drittijiet, imgħax u spejjeż oħrajn imġarrba waqt l-operazzjonijiet tal-AIF;

(ii) "teħid ta' selfiet", inklużi, iżda mhux limitati għal, ammonti pagabbli lil banek u kontrapartijiet oħra;

(iii) "obbligazzjonijiet oħra", inklużi, iżda mhux limitati għal, ammonti dovuti lil kontropartijiet għal kollateral fuq ir-ritorn ta' titoli mislufa, introjtu differit u dividendi u distribuzzjonijiet pagabbli;

(c) "assi netti", li jirrappreżentaw l-interess reżidwu fl-assi tal-AIF wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu.

2. Il-kont tad-dħul u l-infiq għandu jkun fih mill-inqas l-elementi u l-entrati f'linja sottostanti li ġejjin:

(a) "introjtu", li jirrappreżenta kwalunkwe żidiet fil-benefiċċji ekonomiċi matul il-perijodu tal-kontabbiltà fil-forma ta' influssi jew titjib ta' assi jew tnaqqis ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw f'żidiet fl-assi netti barra minn dawk li huma relatati ma' kontribuzzjonijiet mingħand l-investituri. L-introjtu għandu jkun sottoklassifikat skont l-entrati f'linja li ġejjin:

(i) "introjtu minn investiment", li jista' jkun sottoklassifikat aktar kif ġej:

— "introjtu mid-dividendi", relatat mad-dividendi fuq investimenti f'ekwità li l-AIF ikun intitolat għalihom;

— "introjtu mill-imgħax", relatat mal-imgħax fuq investimenti f'dejn u flus li l-AIF ikun intitolat għalihom;

— "introjtu mil-kiri", relatat ma' introjtu minn kiri minn investimenti fi proprjetà li l-AIF ikun intitolat għalihom;

(ii) "qligħ realizzat minn investimenti", li jirrappreżenta qligħ mad-disponiment ta' investimenti;

(iii) "qligħ mhux realizzat minn investimenti", li jirrappreżenta qligħ mill-revalwazzjoni ta' investimenti; u

(iv) "introjtu ieħor" inkluż, imma mhux limitat għal, introjtu minn tariffi minn titoli mislufa u minn sorsi varji oħra.

(b) "spejjeż", li jirrappreżentaw tnaqqis fil-benefiċċji ekonomiċi matul il-perijodu tal-kontabbiltà fil-forma ta' flussi 'l barra jew ta' tnaqqir ta' assi jew tiġrib ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw fi tnaqqisiet fl-assi netti, barra minn dawk li huma relatati mal-kontribuzzjonijiet mingħand l-investituri. L-ispejjeż għandhom ikunu sottoklassifikati skont l-entrati f'linja li ġejjin:

— "tariffi tal-konsulenza jew l-immaniġġjar tal-investiment", li jirrappreżentaw tariffi kuntrattwali dovuti lill-konsulent jew lill-AIFM,

— "spejjeż oħra", inklużi, iżda mhux limitati għal, tariffi amministrattivi, tariffi professjonali, tariffi tal-kustodju u imgħax. Entrati individwali, jekk materjali fin-natura tagħhom, għandhom jiġu ddivulgati separatament,

— "telf realizzat minn investimenti", li jirrappreżenta telf mad-disponiment ta' investimenti,

— "telf mhux realizzat minn investimenti", li jirrappreżenta telf mill-revalwazzjoni ta' investimenti;

(c) "introjtu jew nefqa netta", li tirrappreżenta l-introjtu 'l fuq min-nefqa jew in-nefqa 'l fuq mill-introjtu, kif applikabbli.

3. It-taqsim, in-nomenklatura u t-terminoloġija tal-entrati f'linja għandhom ikunu konsistenti mal-istandards tal-kontabbiltà applikabbli għal, jew ir-regoli addottati minn, l-AIF u għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli fejn ikun stabbilit l-AIF. Tali entrati f'linja jistgħu jiġu emendati jew estiżi biex tkun żgurata l-konformità ma' hawn fuq.

4. Entrati f'linja addizzjonali, intestaturi u sottototali għandhom jiġu ppreżentati meta preżentazzjoni bħal din tkun rilevanti għall-fehim tal-pożizzjoni finanzjarja tal-AIF fil-karta tal-bilanċ jew rapport tal-assi u l-obbligazzjonijiet jew il-prestazzjoni finanzjarja tal-AIF fil-kontenut u l-format tal-kont tal-introjtu u n-nefqa. Fejn rilevanti għandha tiġi ppreżentat informazzjoni addizzjonali fin-noti tar-rapporti finanzjarji. L-iskop tan-noti għandu jkun li jipprovdu deskrizzjonijiet narrattivi jew diżaggregazzjoni tal-entrati ppreżentati fir-rapporti primarji u informazzjoni dwar entrati li ma jikkwalifikawx għal rikonoxximent f'dawn ir-rapporti.

5. Kull klassi materjali ta' tali entrati għandha tkun ippreżentata separatament. Entrati individwali, jekk materjali, għandhom jiġu ddivulgati. Il-materjalità għandha tiġi vvalutata skont ir-rekwiżiti tal-qafas tal-kontabbiltà adottat.

6. Il-preżentazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-entrati fil-karta tal-bilanċ jew rapport tal-assi u l-obbligazzjonijiet għandhom jinżammu minn perjodu ta' rappurtar jew tal-kontabbiltà għall-ieħor sakemm ma jkunx evidenti li preżentazzjoni jew klassifikazzjoni oħra tkun aktar xierqa, bħal meta bidla fl-istrateġija tal-investiment twassal għal xejriet ta' negozjar differenti, jew minħabba li standard tal-kontabbiltà jkun ħtieġ bidla fil-preżentazzjoni.

7. Fir-rigward tal-kontenut u l-format tal-kont tal-introjtu u n-nefqa stipulati fl-Anness IV, l-entrati kollha tal-introjtu u l-ispejjeż għandhom jiġu rikonoxxuti f'perjodu partikolari fil-kont tal-introjtu u n-nefqa sakemm standard tal-kontabbiltà adottat mill-AIF ma jkunx jeħtieġ mod ieħor.

*Artikolu 105*

**Rapport dwar l-attivitajiet tas-sena finanzjarja**

1. Ir-rapport dwar l-attivitajiet tas-sena finanzjarja għandu jinkludi mill-inqas:

(a) ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' investiment matul is-sena jew il-perjodu, u ħarsa ġenerali lejn il-portafoll tal-AIF fi tmiem is-sena jew tmiem il-perjodu;

(b) ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-AIF matul is-sena jew il-perjodu;

(c) tibdil materjali kif definit hawn taħt fl-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE mhux diġà ppreżenti fir-rapporti finanzjarji.

2. Ir-rapport għandu jinkludi analiżi ġusta u bilanċjata tal-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-AIF, u jkun fih ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi tal-investiment jew dawk ekonomiċi li jista' jaffaċċja l-AIF.

3. Sal-limitu meħtieġ għal fehim tal-attivitajiet ta' investiment tal-AIF jew il-prestazzjoni tiegħu, l-analiżi għandha tinkludi indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni kemm finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji relevanti għal dak l-AIF. L-informazzjoni pprovduta fir-rapport għandha tkun konsistenti mar-regoli nazzjonali fejn l-AIF ikun stabbilit.

4. L-informazzjoni fir-rapport dwar l-attivitajiet tas-sena finanzjarja għandha tifforma parti mir-rapport tad-diretturi jew il-maniġers tal-investiment safejn din normalment tkun ippreżentata flimkien mar-rapporti finanzjarji tal-AIF.

*Artikolu 106*

**Tibdiliet materjali**

1. Kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni għandu jitqies materjali skont it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2011/61/UE jekk ikun hemm probabbiltà sostanzjali illi investitur raġonevoli, malli jsir konxju minn din l-informazzjoni, jikkunsidra mill-ġdid l-investiment tiegħu fl-AIF, inkluż għaliex tali informazzjoni jista' jkollha impatt fuq l-abbiltà tal-investitur li jeżerċita d-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-investiment tiegħu, jew inkella tippreġudika l-interessi ta' investitur wieħed jew aktar fl-AIF.

2. Sabiex jikkonformaw mal-punt (d) tal-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-AIFMs għandhom jivvalutaw it-tibdiliet fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/61/UE matul is-sena finanzjarja skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-informazzjoni għandha tiġi ddivulgata f'konformità mar-rekwiżiti tal-istandards tal-kontabbiltà u r-regoli tal-kontabbiltà adottati mill-AIF flimkien ma' deskrizzjoni ta' kwalunkwe impatt potenzjali jew antiċipat fuq l-AIF jew skont il-każ, l-investituri fl-AIF. Divulgazzjonijiet addizzjonali għandhom isiru meta l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-istandards tal-kontabbiltà u r-regoli tal-kontabbiltà jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jippermettu lill-investituri jifhmu l-impatt tal-bidla.

4. Fejn l-informazzjoni li jkun meħtieġ tiġi ddivulgata skont il-paragrafu 1 ma tkunx koperta mill-istandards tal-kontabbiltà applikabbli għal AIF, jew ir-regoli tal-kontabbiltà tiegħu, għandha tingħata deskrizzjoni tal-bidla materjali flimkien ma' kwalunkwe impatt antiċipat jew potenzjali fuq l-AIF u, skont il-każ, jew tal-investituri tal-AIF.

*Artikolu 107*

**Divulgazzjoni tar-remunerazzjoni**

1. Meta tingħata informazzjoni meħtieġa skont il-punt (e) tal-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, għandu jkun speċifikat jekk ir-remunerazzjoni totali hiex marbuta ma' kwalunkwe minn dan li ġej:

(a) ir-remunerazzjoni totali tal-persunal kollu tal-AIFM, fejn jiġi indikat l-għadd ta' benefiċjarji;

(b) ir-remunerazzjoni totali dak il-persunal tal-AIFM li huma kompletament jew parzjalment involut fl-attivitajiet tal-AIF, fejn jiġi indikat l-għadd ta' benefiċjarji;

(c) il-proporzjon tar-rimunerazzjoni totali tal-persunal tal-AIFM attribwibbli lill-AIF, fejn jiġi indikat l-għadd ta' benefiċjarji.

2. Fejn rilevanti, ir-remunerazzjoni totali għas-sena finanzjarja għandha tinkludi wkoll il-kumpens għal prestazzjoni mħallas mill-AIF.

3. Fejn tiġi ddivulgata informazzjoni fil-livell tal-AIFM, għandha tingħata allokazzjoni jew analiżi fir-rigward ta' kull AIF, sakemm din l-informazzjoni tkun teżisti jew disponibbli immedjatament. Bħala parti minn din id-divulgazzjoni, għandha tkun inkluża deskrizzjoni ta' kif ingħatat l-allokazzjoni jew l-analiżi.

4. L-AIFMs għandhom jipprovdu l-informazzjoni ġenerali marbuta mal-kriterji finanzjarji u mhux finanzjarji tal-politiki u l-prassi tar-remunerazzjoni għall-kategoriji relevanti tal-persunal li tippermetti lill-investituri jivvalutaw l-inċentivi maħluqa. Skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2011/61/UE, l-AIFMs għandhom jiddivulgaw mill-anqas l-informazzjoni meħtieġa biex tipprovdi fehim tal-profil tar-riskju tal-AIF u tal-miżuri li jadottaw biex jiġu evitati jew immaniġġjati l-kunflitti ta' interess.

*Artikolu 108*

**Divulgazzjoni perjodika lill-investituri**

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE għandha tiġi ppreżentata b'mod ċar u li jiftiehem.

2. Meta jiddivulga l-perċentwli tal-assi tal-AIF li huma soġġetti għal arranġamenti speċjali minħabba n-natura illikwida tagħhom skont l-Artikolu 23(4)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-AIFM għandu:

(a) jipprovdi ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe arranġament speċjali fis-seħħ inkluż dwar jekk jirrelatax ma' pulijiet esklużivi, kwoti għat-tifdija jew arranġamenti simili oħra, il-metodoloġija tal-valwazzjoni applikata għall-assi li huma soġġetti għal arranġamenti bħal dawn u kif it-tariffi tal-immaniġġjar u l-prestazzjoni japplikaw għal dawn l-assi;

(b) jiddivulga din l-informazzjoni bħala parti mir-rappurtar perjodku tal-AIF lill-investituri, kif meħtieġ mir-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, jew fl-istess waqt tal-prospett u d-dokument tal-offerta u – bħala minimu – fl-istess waqt li r-rapport annwali jsir disponibbli skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

Il-perċentwali tal-assi tal-AIF li huma soġġetti għal arranġamenti speċjali kif definit fl-Artikolu 1(5), għandu jiġi kkalkulat bħala l-valur nett ta' dawk l-assi soġġetti għal arranġamenti speċjali diviż bil-valur nett tal-assi tal-AIF ikkonċernat.

3. Għal kwalunkwe arranġament ġdid għall-immaniġġjar tal-likwidità tal-AIF skont il-punt (b) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE l-AIFMs għandhom:

(a) għal kull AIF li jimmaniġġjaw li mhuwiex AIF mhux ingranat magħluq, jinnotifikaw lill-investituri kull meta jagħmlu bidliet fis-sistemi u l-proċeduri tal-immaniġġjar tal-likwidità msemmija fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2011/61/UE li huma materjali skont l-Artikolu 106(1);

(b) immedjatament jinnotifikaw lill-investituri meta jattivaw kwoti tat-tifdija, pulijiet esklużivi jew arranġamenti speċjali simili jew meta jiddeċiedu li jissospendu tifdijiet;

(c) jipprovdu ħarsa ġenerali lejn it-tibdiliet fl-arranġamenti dwar il-likwidità, kemm jekk dawn huma arranġamenti speċjali jew le. Fejn rilevanti, għandhom jiġu inklużi t-termini li taħthom hija permessa t-tifdija u ċ-ċirkostanzi li jiddeterminaw meta tapplika d-diskrezzjoni tal-maniġment. Għandha tkun inkluża wkoll kwalunkwe restrizzjoni fuq il-votazzjoni jew restrizzjoni oħra eżerċitabbli, it-tul ta' kwalunkwe għeluq jew kwalunkwe dispożizzjoni dwar "first in line" jew "pro-rating" fuq il-kwoti tat-tifdija u s-sospensjonijiet.

4. Id-divulgazzjoni tal-profil tar-riskju tal-AIF skont il-punt (c) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE għandha tindika:

(a) il-miżuri għall-valutazzjoni tas-sensittività tal-portafoll tal-AIF għar-riskji l-iktar rilevanti li AIF huwa jew jista' jkun espost għalihom;

(b) jekk il-limiti tar-riskji stipulati mill-AIFM ġewx jew huwiex probabbli li jinqabżu u meta dawn il-limiti jkunu nqabżu, deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi u l-miżuri ta' rimedju meħuda;

L-informazzjoni għandha tiġi ddivulgat bħala parti mir-rappurtar perjodiku tal-AIF lill-investituri, kif meħtieġ mir-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, jew fl-istess waqt tal-prospett u d-dokument tal-offerta u – bħala minimu – fl-istess waqt li r-rapport annwali jsir disponibbli skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

5. Is-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji użati mill-AIFM skont il-punt (c) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom jindikaw il-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji użati mill-AIFM biex jimmaniġġja r-riskji li kull AIF li jimmaniġġja huwa jew jista' jkun espost għalihom. Fil-każ ta' bidla d-divulgazzjoni għandha tinkludi informazzjoni relatata mal-bidla u dwar l-impatt antiċipat tagħha tal-AIF u l-investituri tiegħu.

L-informazzjoni għandha tiġi ddivulgata bħala parti mir-rappurtar perjodiku tal-AIF lill-investituri, kif meħtieġ mir-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, jew fl-istess waqt tal-prospett u d-dokument tal-offerta u – bħala minimu – fl-istess waqt li r-rapport annwali jsir disponibbli jew pubbliku skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 109*

**Divulgazzjoni regolari lill-investituri**

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(5) tad-Direttiva 2011/61/UE għandha tiġi ppreżentata b'mod ċar u li jiftiehem.

2. Informazzjoni dwar bidliet fil-livell massimu ta' ingranaġġ ikkalkulat skont il-metodi gross u impenn u kwalunkwe dritt ta' użu mill-ġdid ta' kollateral jew kwalunkwe garanzija skont l-arranġamenti tal-ingranaġġ għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed u għandha tinkludi:

(a) il-livell massimu oriġinali u dak rivedut ta' ingranaġġ kkalkulat skont l-Artikoli 7 u 8, fejn il-livell ta' ingranaġġ għandu jiġi kkalkulat bħala l-iskopertura rilevanti diviża bil-valur nett tal-assi tal-AIF;

(b) in-natura tad-drittijiet mogħtija għall-użu mill-ġdid ta' kollateral;

(c) in-natura tal-garanziji mogħtija u

(d) id-dettalji tal-bidliet fi kwalunkwe fornitur ta' servizzi marbuta ma' wieħed mill-elementi t'hawn fuq.

3. Informazzjoni dwar l-ammont totali ta' ingranaġġ ikkalkulat skont il-metodu gross u impenn użat mill-AIF għandha tiġi ddivulgat bħala parti mir-rappurtar perjodiku tal-AIF lill-investituri, kif meħtieġ mir-regoli tal-AIF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, jew fl-istess waqt tal-prospett u d-dokument tal-offerta u bħala minimu fl-istess waqt li r-rapport annwali jsir disponibbli skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 110*

**Rapportar lill-awtoritajiet kompetenti**

1. Sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) u tal-punt (d) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE, AIFM għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja meta jirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti:

(a) l-istrumenti prinċipali li qed jinnegozja fihom, inkluża analiżi tal-istrumenti finanzjarji u assi oħra, inklużi l-istrateġiji ta' investiment tal-AIF u l-konċentrazzjoni ġeografika u settorjali tal-investimenti tagħhom;

(b) is-swieq li huwa membru tagħhom jew li jinnegozja attivament fihom;

(c) id-diversifikazzjoni tal-portafoll tal-AIF, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-iskoperturi prinċipali tiegħu u l-konċentrazzjonijiet l-aktar importanti.

L-informazzjoni għandha tingħata mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn xahar wara t-tmiem tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 3. Fejn l-AIF ikun fond ta' fondi dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-AIFM bi 15-il jum.

2. Għal kull AIF fl-UE li jimmaniġġjaw u għal kull AIF li jikkummerċjalizza fl-Unjoni, l-AIFMs għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom bl-informazzjoni li ġejja skont l-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2011/61/UE:

(a) il-perċentwali tal-assi tal-AIF li huma soġġetti għal arranġament speċjali kif definit fl-Artikolu 1(5) ta' dan ir-Regolament minħabba n-natura illikwida tagħhom kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(b) kwalunkwe arranġament ġdid għall-immaniġġar tal-likwidità tal-AIF;

(c) is-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskji użati mill-AIFM biex jimmaniġġja r-riskju tas-suq, ir-riskju tal-likwidità, ir-riskji tal-kontroparti u riskji oħrajn fosthom ir-riskju operazzjonali;

(d) il-profil tar-riskji attwali tal-AIF, inklużi:

(i) il-profil tar-riskju tas-suq tal-investimenti tal-AIF, inklużi r-redditu mistenni u l-volatilità tal-AIF f'kundizzjonijiet normali tas-suq;

(ii) il-profil tal-likwidità tal-investimenti tal-AIF, inklużi l-profil tal-likwidità tal-assi tal-AIF, il-profil tat-termini tat-tifdija u t-termini ta' finanzjament ipprovdut minn kontrapartijiet tal-AIF;

(e) informazzjoni dwar il-kategoriji prinċipali tal-assi li fihom investa l-AIF inklużi l-valur qasir fis-suq u l-valur twil fis-suq korrispondenti, il-fatturat u l-prestazzjoni matul il-perjodu tar-rappurtar; u

(f) ir-riżultati tat-testijiet tal-istress perjodiċi, taħt ċirkostanzi normali u eċċezzjonali, imwettqa skont il-punt (b) tal-Artikolu 15(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi rrapportata kif ġej:

(a) fuq bażi ta' kull sitt xhur mill-AIFMs li jimmaniġġjaw portafolji ta' AIFs li l-assi immaniġġjati tagħhom ikkalkulati skont l-Artikolu 2 fit-total jaqbżu l-limitu ta' EUR 100 miljun jew EUR 500 miljun stabbilit fil-punti (a) u (b) rispettivament tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE iżda ma jaqbżux EUR 1 biljun, għal kull AIF fl-UE li jimminiġġjaw u għal kull AIF li jikkummerċjalizzaw fl-Unjoni;

(b) fuq bażi trimistrali mill-AIFMs li jimmaniġġjaw portafolji ta' AIFs li l-assi mmaniġġjati tagħhom ikkalkulati skont l-Artikolu 2 fit-total jaqbżu EUR 1 biljun, għal kull AIF fl-UE li jimmaniġġjaw, u għal kull AIF li jikkummerċjalizzaw fl-Unjoni;

(c) fuq bażi trimistrali mill-AIFMs li huma soġġetti għar-rekwiżiti msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, għal kull AIF li l-assi mmaniġġjati tiegħu, inkluż kwalunkwe assi akkwistat permezz tal-użu tal-ingranaġġ, fit-total jaqbżu EUR 500 miljun, fir-rigward ta' dak l-AIF;

(d) fuq bażi annwali minn AIFMs fir-rigward ta' kull AIF mhux ingranat li jimmaniġġjaw li, skont il-politika ta' investiment prinċipali tiegħu, jinvesti f'kumpaniji u emittenti mhux elenkati sabiex jakkwista kontroll.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM tista' tikkunsidra xieraq u meħtieġ għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha li teħtieġ li l-informazzjoni kollha jew parti minnha tiġi rrapportata fuq bażi aktar frekwenti.

5. AIFMs li jimmaniġġjaw AIF waħda jew aktar li jkunu vvalutaw li qed jużaw ingranaġġ fuq bażi sostanzjali skont l-Artikolu 111 ta' dan ir-Regolament, għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 24(4) tad-Direttiva 2011/61/UE fl-istess ħin kif meħtieġ skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

6. L-AIFMs għandhom jipprovdu l-informazzjoni speċifikata skont il-paragrafi 1, 2 u 5 skont il-mudell proforma ta' rappurtar stabbilit fl-Anness IV.

7. Skont il-punt (a) tal-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, għal AIFMs mhux mill-UE, kwalunkwe referenza għal awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tfisser l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' referenza.

*Artikolu 111*

**Użu ta' ingranaġġ fuq "bażi sostanzjali"**

1. Ingranaġġ għandu jitqies li huwa użat fuq bażi sostanzjali għall-finijiet tal-Artikolu 24(4) tad-Direttiva 2011/61/UE meta l-iskopertura ta' AIF kif ikkalkulata skont il-metodu impenn skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament taqbeż bi tliet darbiet il-valur nett tal-assi tiegħu.

2. Fejn ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkun issodisfati, l-AIFMs għandhom jipprovdu informazzjoni skont l-Artikolu 24(4) tad-Direttiva 2011/61/UE lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju tagħhom skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 110(3) ta' dan ir-Regolament.

*TAQSIMA 2*

***AIFMs li jimmaniġġjaw AIFs ingranati***

[Artikolu 25(3) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 112*

**Restrizzjonijiet fuq l-immaniġġjar tal-AIFs**

1. Il-prinċipji stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw sabiex jispeċifikaw iċ-ċirkustanzi li fihom l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw is-setgħa tagħhom li jimponu limiti fuq l-ingranaġġ jew restrizzjonijiet oħra fuq l-AIFMs.

2. Meta tivvaluta l-informazzjoni li taslilha skont l-Artikoli 7 (3), 15(4), 24(4) jew 24(5) tad-Direttiva 2011/61/UE, awtorità kompetenti għandha tqis safejn l-użu tal-ingranaġġ minn AIFM jew l-interazzjoni tagħha ma' grupp ta' AIFMs jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra tista' tikkontribwixxi għall-akkumulu ta' riskju sistemiku fis-sistema finanzjarja jew toħloq riskji ta' swieq kaotiċi.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu mill-inqas l-aspetti li ġejjin fil-valutazzjoni tagħhom:

(a) iċ-ċirkostanzi li fihom l-iskopertura ta' AIF jew diversi AIFs inklużi dawk l-iskoperturi li jirriżultaw minn finanzjament jew pożizzjonijiet fl-investiment li jkun ħa l-AIFM għalih innifsu jew għan-nom tal-AIFs jistgħu jikkostitwixxu sors importanti ta' riskju tas-suq, tal-likwidità jew tal-kontroparti tal-istituzzjoni finanzjarja;

(b) iċ-ċirkostanzi li fihom l-attivitajiet ta' AIFM jew l-interazzjoni tiegħu ma', pereżempju, grupp ta' AIFMs jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra, partikolarment fir-rigward tat-tipi ta' assi li jinvesti fihom l-AIF u t-tekniki użati mill-AIFM peremzz tal-użu ta' ingranaġġ, jikkontribwixxu jew jistgħu jikkontribwixxu għal waqgħa spirali fil-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji jew assi oħra b'mod li thedded il-vijabbiltà ta' dawn l-istrumenti finanzjarji jew assi oħra;

(c) kriterji bħat-tip ta' AIF, l-istrateġija tal-investiment tal-AIFM fir-rigward tal-AIFs ikkonċernati, il-kondizzjonijiet tas-suq li joperaw fih l-AIF u l-AIFM u kwalunkwe effetti proċikliċi probabbli li jistgħu jirriżultaw mill-impożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' limiti jew restrizzjonijiet oħra fuq l-użu tal-ingranaġġ mill-AIFM ikkonċernat;

(d) kriterji, bħad-daqs ta' AIF jew diversi AIFs u kwalunkwe impatt relatat f'settur partikolari tas-suq, konċentrazzjonijiet ta' riskji fi swieq partikolari li l-jinvestu fihom l-AIF jew diversi AIFs, kwalunkwe riskju ta' kontaġġju lil swieq oħra minn suq fejn ġew identifikati riskji, kwistjonijiet ta' likwidità fi swieq partikolari u fi żmien partikolari, id-daqs tad-disparità bejn l-assi u l-obbilgazzjonijiet fl-istrateġija tal-investiment ta' AIFM partikolari jew ċaqliq irregolari fil-prezzijiet ta' assi li AIF jista' jinvesti fihom.

*TAQSIMA 3*

***Regoli speċifiċi relatati ma' pajjiżi terzi***

[Artikoli 34(1), 35(2), 36(1), 37(7)(d), 40(2)(a) u 42(1) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 113*

**Rekwiżiti ġenerali**

1. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom ikopru s-sitwazzjonijiet possibbli u l-atturi previsti kollha fil-Kapitolu VII tad-Direttiva 2011/61/UE filwaqt li jqisu l-post fejn jinsab l-AIFM, il-post fejn jinsab l-AIF u l-attività tal-AIFM.

2. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom ikunu bil-miktub.

3. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jistabbilixxu qafas speċifiku għall-konsultazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni għall-finijiet ta' superviżjoni u infurzar bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-UE u l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiż terz.

4. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jinkludu klawżola speċifika li tipprovdi għat-trasferiment tal-informazzjoni li tasal għand awtorità kompetenti fl-Unjoni mingħand awtorità superviżorja f'pajjiż terz lil awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni, lill-AETS jew lill-BERS kif meħtieġ skont id-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 114*

**Mekkaniżmi, strumenti u proċeduri**

1. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi, l-strumenti u l-proċeduri meħtieġa biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom skont id-Direttiva 2011/61/UE.

2. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi, l-istrumenti u l-proċeduri meħtieġa biex jippermettu li fejn meħtieġ isiru spezzjonijiet fuq il-post għall-eżerċitar tad-dmirijiet tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni skont id-Direttiva 2011/61/UE. Spezzjonijiet fuq il-post għandhom jitwettqu direttament mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni jew mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz bl-għajnuna tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni.

3. L-arranġamenti ta' kooperazzjoni jistabbilixxu l-mekkaniżmi, l-istrumenti u l-proċeduri meħtieġa biex l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tgħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni fejn meħtieġ biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni implimentattiva nazzjonali li tkun inkisret minn entità stabbilita fil-pajjiż terz, skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali applikabbli għal dik l-awtorità.

*Artikolu 115*

**Protezzjoni tad-dejta**

L-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw li t-trasferiment lejn pajjiżi terzi ta' dejta u l-analiżi tad-dejta, iseħħ biss skont l-Artikolu 52 tad-Direttiva 2011/61/UE.

TAQSIMA 4

***L-iskambju ta' informazzjoni dwar konsegwenzi sistemiċi potenzjali tal-attività tal-AIFM***

[Artikolu 53(1) tad-Direttiva 2011/61/UE]

*Artikolu 116*

**Skambju ta' informazzjoni dwar konsegwenzi sistemiċi potenzjali tal-attività tal-AIFM**

Għall-finijiet tal-Artikolu 53 tad-Direttiva 2011/61/UE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-awtorizzazzjoni jew is-superviżjoni tal-AIFMs skont dik id-Direttiva għandhom jiskambjaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, u mal-AETS u l-BERS mill-inqas:

(a) l-informazzjoni li tasal skont l-Artikolu 110, kull meta tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għall-monitoraġġ u r-reazzjoni għall-implikazzjonijiet potenzjali tal-attivitajiet ta' AIFMs individwali jew diversi AIFMs kollettivament għall-istabbiltà ta' istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament rilevanti u l-funzjonament fl-ordni tas-swieq fejn huma attivi l-AIFMs;

(b) l-informazzjoni li waslet mingħand awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kull meta dan ikun meħtieġ għall-monitoraġġ tar-riskji sistemiċi;

(c) l-analiżi tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) u l-valutazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni li fiha l-attivitajiet ta' AIFM wieħed jew aktar superviżjati jew ta' AIF wieħed jew aktar immaniġġjati minnhom jitqiesu li jikkontribwixxu għall-akkumulu ta' riskju sistemiku fis-sistema finanzjarja, għar-riskju ta' swieq disordinati jew għal riskji għat-tkabbir fit-tul tal-ekonomija;

(d) il-miżuri meħuda, meta l-attività ta' AIFM wieħed jew aktar superviżjonati jew ta' AIF wieħed jew aktar immaniġġjati minnhom jippreżentaw riskju sistemiku jew jipperikolaw il-funzjonament fl-ordni tas-swieq li huma attivi fihom.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 117*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mit-22 ta' Lulju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Metodi għaż-żieda tal-iskopertura ta' AIF**

1. Teħid ta' self ta' flus mhux iggarantit: Meta flus meħuda b'self jiġu investiti jkollhom il-propensità li jżidu l-iskopertura tal-AIF bl-ammont totali ta' dak it-teħid ta' self. Għalhekk, l-iskopertura minima dejjem hija l-ammont ta' self meħud. Tista' tkun ogħla jekk il-valur tal-investiment realizzat bis-self meħud ikun ikbar mill-ammont meħud b'self. Sabiex jiġi evitat li jingħaddu darbtejn, it-teħid ta' selfiet ta' flus li jintużaw biex tiġi ffinanzjata l-iskopertura ma għandhomx jiġu inklużi f'dan il-kalkolu. Jekk it-teħid ta' self ta' flus ma jiġix investit iżda jibqa' fi flus jew ekwivalenti ta' flus kif definit fl-Artikolu 9(1), l-iskopertura tal-AIF ma tiżdiedx.

2. Teħid ta' self ta' flus iggarantit: Teħid ta' self ta' flus iggarantit huwa simili għal teħid ta' self ta' flus iżda s-selfa tista' tkun iggarantita minn pula ta' assi jew assi wieħed. Jekk it-teħid ta' self ta' flus ma jiġix investit iżda jibqa' fi flus jew ekwivalenti ta' flus kif definit fl-Artikolu 9(1) l-iskopertura tal-AIF ma tiżdiedx

3. Teħid ta' self konvertibbli: Teħid ta' self konvertibbli huwa dejn mixtri li għandu l-ħila, taħt ċerti ċirkostanzi, li jippermetti lid-detentur jew lill-emittent jikkonverti dak id-dejn f'assi ieħor. L-iskopertura tal-AIF hija l-valur tas-suq ta' dan it-teħid ta' self.

4. Tpartit tar-rati tal-imgħax: Tpartit tar-rati tal-imgħax huwa ftehim ta' skambju tal-flussi ta' flus mir-rati tal-imgħax, ikkalkulati fuq ammont prinċipali nozzjonali, f'intervalli speċifikati (dati tal-pagament) matul il-ħajja tal-ftehim. L-obbligu ta' pagament ta' kull parti jiġi kkalkulat bl-użu ta' rati tal-imgħax differenti abbażi tal-iskoperturi nozzjonali.

5. Kuntratti għad-differenzi; Kuntratt għad-differenzi (CFD) huwa ftehim bejn żewġ partijiet – l-investitur u l-fornitur — biex iħallsu lil xulxin il-bidla fil-prezz ta' assi sottostanti. Skont il-mod li bih jiċċaqlaq il-prezz, parti waħda tħallas lill-oħra d-differenza minn meta ġie miftiehem il-kuntratt sa meta jispiċċa. L-iskopertura hija l-valur tas-suq tal-assi sottostanti. L-istess trattament irid jiġi applikat għall-ispegulazzjoni fuq il-firxiet finanzjarji.

6. Kuntratti ta' futuri: Kuntratt tal-futuri hu ftehim għax-xiri jew il-bejgħ ta' ammont iddikjarat ta' titolu, munita, komodità, indiċi jew assi oħra f'data futura speċifika u bi prezz miftiehem minn qabel. L-iskopertura hija l-valur tas-suq tal-assi sottostanti ekwivalenti.

7. Tpartit tar-redditu totali: Tpartit totali tar-redditu huwa ftehim li fih parti waħda (dik li tħallas ir-redditu totali) tittrasferixxi l-prestazzjoni ekonomika totali ta' obbligu ta' referenza lill-parti l-oħra (ir-riċevitur tar-redditu). Prestazzjoni ekonomika totali tinkludi introjtu minn imgħax u tariffi, qligħ jew telf minn ċaqliq fis-suq, u telf minn kreditu. L-iskopertura tal-AIF hija l-valur tas-suq tal-assi ekwivalenti ta' referenza li għandhom piż fuq il-prestazzjoni ekonomika tat-tpartit.

8. Ftehimiet forward: Ftehim forward huwa ftehim personalizzat u bilaterali għall-iskambju ta' assi jew flussi ta' flus f'data tas-saldu futura speċifikata bi prezz forward miftiehem fid-data tan-negozju. Parti waħda fil-forward hija x-xerrej (twil), li taqbel li tħallas il-prezz forward fid-data tas-saldu; il-parti l-oħra hija l-bejjiegħ (qasir), li taqbel li tirċievi l-prezz forward. L-iffirmar ta' kuntratt forward tipikament ma jeħtieġx il-ħlas ta' tariffa. L-iskopertura tal-AIF hija l-valur tas-suq tal-assi sottostanti ekwivalenti. Din tista' tinbidel mal-valur nozzjonali tal-kuntratt meta dan ikun aktar konservattiv.

9. Opzjonijiet: Opzjoni hija ftehim li jagħti lix-xerrej, li jħallas tariffa (primjum), id-dritt – iżda mhux l-obbligu – li jixtri jew ibiegħ ammont speċifikat ta' assi sottostanti bi prezz miftiehem (prezz tal-eżerċitar) sakemm jiskadi jew meta jiskadi l-kuntratt (skadenza). Opzjoni call hija l-opzjoni ta' xiri, u opzjoni put hija opzjoni ta' bejgħ. Il-limiti tal-iskopertura tal-fond se jkunu min-naħa skopertura potenzjali bla limitu u min-naħa l-oħra skopertura li hija limitata għall-ogħla primjum imħallas jew il-valur tas-suq ta' dik l-opzjoni. L-iskopertura bejn dawn iż-żewġ limiti hija determinata bħala ekwivalenti tad-delta aġġustata għall-pożizzjoni sottostanti (id-delta ta' opzjoni tkejjel is-sensittività tal-prezz ta' opzjoni għal bidla fil-prezz tal-assi sottostanti biss). L-istess approċċ irid jiġi adottat għal derivattivi integrati, eż. fi prodotti strutturati. L-istruttura għandha tinqasam fil-partijiet tal-komponenti tagħha u l-effett tas-saffi tal-iskoperturi tad-derivattivi jrid jkun kopert b'mod adegwat.

10. Ftehimiet ta' riakkwist: Ftehim ta' riakkwist normalment iseħħ fejn l-AIF "ibigħ" titoli lil kontraparti reverse-repo u jaqbel li jixtruhom lura fil-futur bi prezz miftiehem. L-AIF se jġarrab spiża tal-finanzjament meta jidħol f'din it-tranżazzjoni u għalhekk se jkollu bżonn jinvesti mill-ġdid id-dħul fi flus (effettivament kollateral fi flus) sabiex jiġġenera redditu akbar mill-ispejjeż tal-finanzjament imġarrba. Dan l-investiment mill-ġdid ta' "kollateral fi flus" ifisser li r-riskju tas-suq inkrementali se jiġġarrab mill-AIF u konsegwentement irid jitqies fil-kalkolu tal-iskopertura kumplessiva. Ir-riskji ekonomiċi u l-benefiċċji tat-titoli "mibjugħa" jibqgħu għand l-AIF. barra minn hekk, tranżazzjoni repo kważi dejjem tagħti lok għal ingranaġġ peress li l-kollateral fi flus jiġi investit mill-ġdid. Fil-każ li jingħata kollateral mhux fi flus bħala parti mit-tranżazzjoni u dan il-kollateral jerġa' jintuża bħala parti minn repo ieħor, jew ftehim ta' self ta' stokk, il-valur tas-suq sħiħ tal-kollateral irid jiġi inkluż fl-ammont kumplessiv tal-iskopertura. L-iskopertura tal-AIF tiżdied bil-parti investita mill-ġdid tal-kollateral fi flus.

11. Ftehimiet ta' riakkwist invers: Din it-tranżazzjoni sseħħ fejn l-AIF "jixtri" titoli minn kontroparti repo u jiftiehem li jbigħhom lura fil-futur bi prezz miftiehem. AIFs normalment jidħlu f'dawn it-tranżazzjonijiet biex jiġġeneraw redditu tat-tip tas-suq tal-flus b'riskju baxx, u t-titoli "mixtrija" jaġixxu ta' kollateral. Għalhekk ma tiġix iġġenerata skopertura kumplessiva; ukoll, l-AIF lanqas ma jassumi r-riskji u l-benefiċċji tat-titoli "mixtrija", jiġifieri ma hemmx riskju tas-suq inkrementali. Madankollu, huwa possibbli li t-titoli "mixtrija" jerġgħu jintużaw bħala parti minn transazzjoni repo jew selfa ta' titoli, kif deskritt hawn fuq, u f'dak il-każ il-valur tas-suq sħiħ tat-titoli jrid jiġi inkluż fl-ammont kumplessiv tal-iskopertura. Ir-riskji u l-benefiċċji ekonomiċi tat-titoli mixtrija jibqgħu għand il-kontroparti u għalhekk dan ma jżidx l-iskopertura tal-AIF.

12. Arranġamenti ta' għoti ta' self ta' titoli: AIF li jidħol f'tranżazzjoni ta' għoti ta' self ta' titoli jsellef titolu lill-kontraparti li tissellef it-titolu (li normalment tissellef it-titolu biex tkopri tranżazzjoni fiżika ta' bejgħ qasir) b'tariffa miftiehma. Min jissellef it-titolu jikkonsenja jew flus jew kollateral mhux fi flus lill-AIF. Fil-każ biss li l-kollateral fi flus jiġi investit mill-ġdid fi strumenti oħra għajr dawk definiti fl-Artikolu 9(1) il-punt (a), tinħoloq skopertura kumplessiva. Jekk kollateral mhux fi flus jerġa' jintuża bħala parti minn tranżazzjoni repo jew ta' għoti ta' self ta' titoli oħra, il-valur tas-suq sħiħ tat-titoli jrid jiġi inkluż fl-iskopertura kumplessiva kif deskritt hawn fuq. Tinħoloq skopertura sal-punt li l-kollateral fi flus jiġi investit mill-ġdid.

13. Arranġamenti ta' teħid ta' self ta' titoli: AIF li jieħu b'self titoli jissellef titolu mingħand kontroparti li ssellef it-titoli għal tariffa miftiehma. L-AIF imbagħad ibigħ it-titolu fis-suq. L-AIF issa jkun nieqes minn dak it-titolu. Sal-punt li d-dħul fi flus mill-bejgħ jiġi investit mill-ġdid, dan ukoll iżid l-iskopertura tal-AIF. L-iskopertura hija l-valur tas-suq tat-titoli nieqsa; tinħoloq skopertura addizzjonali sal-punt li l-flus li jaslu jiġu investiti mill-ġdid.

14. Tpartit ta' inadempjenzi ta' kreditu Tpartit ta' inadempjenzi ta' kreditu (CDS) huwa ftehim ta' derivattiv tal-kreditu li jagħti lix-xerrej protezzjoni, normalment l-irkupru sħiħ, fil-każ li l-entità ta' referenza ssir inadempjenti jew tbati avveniment tal-kreditu. Minflok, il-bejjiegħ tas-CDS jirċievi mingħand ix-xerrej tariffa regolari, imsejħa l-firxa. Għall-bejjiegħ tal-protezzjoni, l-iskopertura hija l-ogħla valur tas-suq tal-assi sottostanti ta' referenza jew il-valur nozzjonali tat-tpartit tal-inadempjenza tal-kreditu. Għax-xerrej tal-protezzjoni, l-iskopertura hija l-valur tas-suq tal-assi sottostanti ta' referenza.

*ANNESS II*

**Metodoloġiji ta' konverżjoni għal strumenti derivattivi**

1. Il-metodi ta' konverżjoni li ġejjin għandhom jiġu applikati għal-lista mhux eżawrjenti ta' derivattivi standard li ġejja:

(a) Futuri

— Bonds futuri: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt * prezz tas-suq tal-bond ta' referenza bl-irħas forniment

— Futuri tar-rati tal-imgħax: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt

— Futuri tal-munita: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt

— Futuri ta' ekwità: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt * prezz tas-suq tas-sehem ta' ekwità sottostanti

— futuri indiċi: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt * livell tal-indiċi

(b) Opzjoni konvenzjonali (tpoġġija u ġbid mixtrija/mibjugħa)

— Opzjoni ta' bond konvenzjonali: Valur nozzjonali tal-kuntratt * valur tas-suq tal-bond ta' referenza sottostanti * delta

— Opzjoni ta' ekwità konvenzjonali: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt * prezz tas-suq tas-sehem ta' ekwità sottostanti * delta

— Opzjoni tar-rata tal-imgħax konvezjonali: Valur nozzjonali tal-kuntratt * delta

— Opzjoni ta' munita konvenzjonali: Valur nozzjonali tal-kuntratt tal-pożizzjoni(jiet) sottostanti tal-munita * delta

— Opzjonijiet konvenzjonali tal-indiċi: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt * livell tal-indiċi * delta

— Opzjonijiet konvenzjonali fuq futuri: Għadd ta' kuntratti * daqs nozzjonali tal-kuntratt * prezz tas-suq tal-assi sottostanti * delta

— Opzjoni ta' tpartit konvezjonali: Ammont ta' konverżjoni tal-impenn ta' tpartit ta' referenza * delta

— Ċertifikati u d-drittijiet: Għadd ta' ishma/bonds * valur fis-suq ta' strument sottostanti referenzjati * delta

(c) Tpartit

— Rata tal-imgħax fissa/floating konvenzjonali u tpartit ta' inflazzjoni: valur nozzjonali tal-kuntratt

— Tpartit tal-munita: Valur nozzjonali tas-segment (i) tal-munita

— Tpartit tar-rati tal-imgħax bejn il-muniti: Valur nozzjonali tas-segment (i) tal-munita

— Tpartit tal-redditu totali bażiku: Valur tas-suq sottostanti tal-assi ta' referenza

— Tpartit tal-redditu totali mhux bażiku: Valur tas-suq sottostanti kumulattiv taż-żewġ segmenti tat-TRS

— Tpartit ta' inadempjenza ta' kreditu b'isem wieħed:

Bejjiegħ tal-protezzjoni – L-ogħla valur tas-suq tal-assi sottostanti ta' referenza jew il-valur nozzjonali tat-Tpartit tal-Inadempjenza tal-Kreditu.

Xerrej tal-protezzjoni – Il-valur tas-suq tal-assi sottostanti ta' referenza

